Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 10 ta' Novembru 2017**
**(OR. en)**

**14217/17**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2017/0293 (COD)**

**CLIMA 302**
**ENV 918**
**TRANS 466**
**MI 807**
**CODEC 1787**
**IA 178**

**NOTA TA' TRASMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 9 ta' Novembru 2017 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2017) 676 final |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda bħala parti mill-approċċ integrat tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO2 minn vetturi ħfief u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 (riformulazzjoni) |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2017) 676 final.

Mehmuż: COM(2017) 676 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.11.2017
COM(2017) 676 final

2017/0293 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda bħala parti mill-approċċ integrat tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ minn vetturi ħfief u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 (riformulazzjoni)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2017) 650 final} - {SWD(2017) 651 final}

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

Is-settur awtomobilistiku huwa ta' importanza partikolari għall-UE, u jħaddem aktar minn 12-il miljun ruħ fl-oqsma tal-manifattura, tal-bejgħ, tal-manutenzjoni u tat-trasport. L-industrija tal-karozzi tal-UE, bħala parti mis-settur awtomobilistiku globali, bħalissa qiegħda tħabbat wiċċha ma' trasformazzjonijiet fundamentali. Id-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni qegħdin ibiddlu l-proċessi tal-manifattura tradizzjonali. L-innovazzjoni fis-sistemi ta' motopropulsjoni elettrifikati, fis-sewqan awtonomu u fil-vetturi konnessi tikkostitwixxi sfidi kbar li jistgħu jittrasformaw is-settur b'mod fundamentali. Barra minn hekk, is-sehem tas-suq tal-karozzi tal-UE fil-bejgħ globali fl-aħħar għaxar snin naqas minn madwar terz għal madwar 20 % u dan qiegħed ikompli jitfa' piż fuq l-industrija tal-UE biex tippenetra swieq ġodda.

Wara l-Ftehim ta' Pariġi[1], id-dinja ħadet l-impenn li timxi lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Bosta pajjiżi issa qegħdin jimplimentaw politiki għat-trasport b'livelli baxxi ta' emissjonijiet tal-karbonju, fosthom standards għall-vetturi, kemm-il darba flimkien ma' miżuri biex tittejjeb il-kwalità tal-arja. Sa issa, l-istandards tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ fis-seħħ fl-Ewropa għall-karozzi u l-vannijiet kienu għodda fundamentali fl-isforzi lejn l-innovazzjoni u l-investimenti f'teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Iżda llum, fin-nuqqas ta' standards aktar stretti għall-perjodu ta' wara l-2020, l-UE qiegħda tissogra li titlef il-pożizzjoni tagħha fuq quddiem fit-teknoloġija, b'mod partikolari fir-rigward ta' vetturi b'livell ta' emissjonijiet baxxi jew żero, fejn l-Istati Uniti, il-Ġappun, il-Korea t'Isfel u ċ-Ċina qegħdin jimxu 'l quddiem b'rata mgħaġġla ħafna.

Iċ-Ċina għadha kemm introduċiet kwoti obbligatorji għall-vetturi b'livell ta' emissjonijiet baxxi jew żero għall-manifatturi tal-karozzi mill-2019 'il quddiem. Fl-Istati Uniti, California u disa' Stati oħra stabbilixxew b'suċċess strument regolatorju biex itejbu l-introduzzjoni ta' vetturi b'livell ta' emissjonijiet baxxi jew żero. L-importanza strateġika tal-vetturi b'livell ta' emissjonijiet baxxi jew żero għall-manifatturi tal-karozzi hija xprunata minn bosta tħabbiriet reċenti li s-sehem mill-bejgħ globali tas-sistemi tal-motopropulsjoni elettrifikati se jiżdied b'mod sinifikanti fis-snin li ġejjin. L-industrija awtomobilistika tal-UE trid issir mexxejja globali f'dawn it-teknoloġiji ġodda, kif bħalissa huwa l-każ bit-teknoloġiji tal-karozzi konvenzjonali.

Permezz tal-qafas regolatorju attwali, il-konsumaturi fl-UE mhumiex igawdu mill-iffrankar tal-fjuwil li jista' jkun hemm. Skont l-evalwazzjoni tar-Regolamenti attwali dwar is-$CO_2$, l-iffrankar tal-fjuwil li jirriżulta mill-istandards dwar is-$CO_2$, huwa ferm ogħla mill-kost addizzjonali tax-xiri. Madankollu l-iffrankar fin-nefqa fuq il-fjuwil tul il-ħajja tal-vettura kien aktar baxx milli ġie antiċipat, l-aktar minħabba d-diverġenza dejjem akbar bejn iċ-ċiklu tat-test u r-rendiment tal-emissjonijiet fl-użu reali. Jekk titnaqqas il-qabża fl-emissjonijiet u l-vetturi l-ġodda jkunu mgħammra b'teknoloġiji li jwasslu għall-iffrankar tal-fjuwil f'kundizzjonijiet ta' użu reali, il-konsumaturi jkomplu jibbenefikaw.

L-Istrateġija Ewropea għall-Mobbiltà b'Emissjonijiet Baxxi[2], ppubblikata mill-Kummissjoni Ewropea f'Lulju 2016, tistabbilixxi l-ambizzjoni li sal-2050, l-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG) mit-trasport jeħtieġ li jkunu tnaqqsu tal-anqas b'60 % mil-livelli tal-1990, u juru indikazzjonijiet ċari li jkunu qabdu t-triq għal emissjonijiet żero. L-emissjonijient ta' sustanzi li jniġġsu fl-arja mit-trasport jeħtieġ li jitnaqqsu mingħajr dewmien. L-Istrateġija għamlitha ċara wkoll li l-introduzzjoni ta' vetturi b'livell ta' emissjonijiet baxxi jew żero jeħtieġ li tiżdied biex sal-2030 tkun kisbet sehem mis-suq sinifikanti u b'hekk l-UE tkun qabdet it-triq fit-tul lejn il-mobbiltà b'emissjonijiet żero.

Bħala l-ewwel pass, l-istrateġija ġiet implimentata permezz tal-Komunikazzjoni ta' Mejju 2017 "L-Ewropa Attiva: Aġenda għal tranżizzjoni soċjalment ġusta lejn mobilità nadifa, kompetittiva u

[1] http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1511452002600&uri=CELEX:22016A1019(01)

[2] KUMM(2016) 501 final

konnessa għal kulħadd"[3]. Din tagħmilha ċara li l-UE timmira biex tiżviluppa, toffri u timmanifattura fl-Ewropa l-aqwa soluzzjonijiet ta' mobilità, tagħmir u vetturi, konnessi u awtomatizzati b'emissjonijiet baxxi tal-aqwa kwalità u jkollha fis-seħħ l-aktar infrastruttura moderna biex tappoġġahom. Il-Komunikazzjoni tenfasizza li l-UE trid tkun minn ta' quddiem fl-iffurmar tat-tibdiliet kurrenti fis-settur awtomobilistiku fil-livell globali, abbażi tal-progress ewlieni li diġà sar.

L-istandards attwali tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ mill-karozzi u mill-vannijiet sal-2020/21 taw kontribut biex l-emissjonijiet tas-$CO_2$ mill-vetturi ħfief jitnaqqsu b'mod sinifikanti[4]. Madankollu, bil-politiki implimentati attwalment, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mhumiex mistennija jonqsu biżżejjed biex tintlaħaq il-mira tal-UE għall-2030 biex l-emissjonijiet jitnaqqsu għal tal-anqas 40 % tal-livell tal-1990. It-trasport bit-triq kien responsabbli għal 22 % tal-emissjonijiet GHG tal-UE fl-2015 b'żieda kostanti ta' dan is-sehem mill-1990 'l hawn. Il-karozzi u l-vannijiet ammontaw għal 73 % tal-emissjonijiet GHG tat-trasport bit-triq fl-2015.

Filwaqt li s-settur tat-trasport naqqas b'mod konsiderevoli l-emissjonijiet tiegħu ta' sustanzi li jniġġsu l-arja fl-UE matul l-aħħar deċennji, dan jibqa' l-akbar kontributur ta' emissjonijiet tan-$NO_x$. Vetturi b'emissjonijiet żero mhux biss jikkontribwixxu għat-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' $CO_2$ mit-trasport bit-triq, iżda jagħtu wkoll benefiċċji f'termini ta' trasport ħieles mill-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja.

Din il-proposta tistabbilixxi miri ta' tnaqqis tas-$CO_2$ kosteffikaċi għal vetturi ħfief ġodda sal-2030 flimkien ma' mekkaniżmu ta' inċentiv dedikat biex jiżdied il-proporzjon ta' vetturi b'livell ta' emissjonijiet baxxi jew żero. Dan jiżgura li l-industrija awtomobilistika tal-UE żżomm il-pożizzjoni tagħha fuq quddiem fit-teknoloġija, biex b'hekk issaħħaħ il-kompetittività tagħha u tistimula l-impjiegi. Tnaqqas ukoll il-kostijiet tal-konsum tal-fjuwil għall-konsumaturi. Fl-istess ħin, tikkontribwixxi għall-ilħiq tal-impenji tal-UE skont il-Ftehim ta' Pariġi. Il-mekkaniżmu ta' inċentiv biex jiżdied is-sehem ta' vetturi b'livell ta' emissjonijiet baxxi jew żero jikkontribwixxi għat-tnaqqis tas-sustanzi li jniġġsu fl-arja, u dan imbagħad itejjeb il-kwalità tal-arja għall-benefiċċju tas-saħħa pubblika. Jikkomplementa l-isforzi kurrenti biex jiġu indirizzati l-problemi tal-kwalità tal-arja fil-livell urban, reġjonali u nazzjonali.

B'mod aktar speċifiku, se jipprovdi sinjal ċar u prevedibbiltà biex l-industrija tkun tista' tinvesti, tistimula l-impjiegi u tħeġġeġ l-innovazzjoni u l-kompetittività. Barra minn hekk, se jwassal għal aċċellerazzjoni fl-introduzzjoni ta' vetturi b'livell ta' emissjonijiet baxxi jew żero u l-iżvilupp ta' teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-fjuwil fl-UE biex b'hekk tissawwar il-bażi biex jinżamm is-suċċess tal-industrija awtomobilistika tal-UE fis-swieq globali. Huma mistennija li jseħħu investimenti fl-instrutturi tal-iċċarġjar, u dawn se jkunu appoġġati mill-miżuri anċillari meħtieġa fil-livell tal-UE u dak nazzjonali.

Mekkaniżmi ġodda ta' governanza apposta se jiżguraw li l-valuri tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ u tal-konsum tal-fjuwil jibqgħu rappreżentattivi tal-valuri esperjenzati mill-konsumaturi fit-triq. Il-proposta tiżgura wkoll li l-isforzi fost il-manifatturi jkunu mqassma b'mod ġust.

Din il-proposta hija parti minn pakkett usa' tal-mobilità li jinkludi azzjonijiet min-naħa tad-domanda li jappoġġaw il-miżuri min-naħa tal-provvista ta' din il-proposta. Id-Direttiva 2009/33/KE dwar il-promozzjoni ta' vetturi tat-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija tfittex li tistimula s-suq għal vetturi nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija. L-emenda proposta tiżgura li d-Direttiva tkopri l-prattiki kollha tal-akkwist pubbliku, biex tipprovdi sinjali tas-suq ċari u fit-tul u li d-dispożizzjonijiet tagħha jkunu simplifikati u effikaċi. Jenħtieġ li ttejjeb il-kontribuzzjoni mis-settur tat-trasport għat-tnaqqis tas-$CO_2$ u tal-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu fl-arja u għall-kompetittività u t-tkabbir f'dan is-settur.

Id-Direttiva dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi tindirizza l-istabbiliment ta' standards komuni dwar is-suq intern, rekwiżiti għall-infrastruttura minima xierqa li għandha tiġi żviluppata permezz ta' oqfsa ta' politika nazzjonali u informazzjoni għall-konsumaturi dwar il-kompatibbiltà tal-

[3] KUMM(2017) 283 final

[4] Ricardo-AEA u TEPR (2015), Evaluation of Regulations 443/2009 and 510/2011 on the reduction of $CO_2$ emissions from light-duty vehicles, disponibbli minn: https://ec.europa.eu/clima/sites/clima/files/transport/vehicles/docs/evaluation_ldv_co2_regs_en.pdf

fjuwils u tal-vetturi. Il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi jfassal sett ta' rakkomandazzjonijiet biex isaħħu l-implimentazzjoni tal-Oqfsa ta' Politika Nazzjonali (NPFs) skont id-Direttiva u jittejbu l-ippjanar u l-finanzjament tal-infrastruttura interoperabbli tal-fjuwils.

Inizjattiva dwar il-batteriji għandha tgħin biex tiġi stabbilita katina sħiħa tal-valur għall-iżvilupp u għall-manifattura tal-batteriji fl-UE.

Barra minn hekk, fl-ewwel nofs tal-2018, il-Kummissjoni beħsiebha tipproponi miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ għal vetturi heavy-duty ġodda.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din il-proposta se tikkontribwixxi għall-mira tal-Istrateġija Qafas[5] tal-Unjoni tal-Enerġija biex twassal għat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, sigura u kompetittiva. Se tgħin biex jintlaħqu l-objettivi stipulati fil-qafas tal-UE 2030 għall-klima u l-enerġija, li jinkludi miri ta' tnaqqis ta' mhux inqas minn 40 % fl-emissjonijiet domestiċi ta' gassijiet serra fl-UE meta mqabbla mal-livelli tal-1990. It-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fis-setturi li ma jaqgħux taħt l-ETS, li jinkludu t-trasport bit-triq, ikollhom jammontaw għal mhux inqas minn 30 % sal-2030 meta mqabbel mal-2005. Il-Kummissjoni pproponiet miri għall-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2030 permezz tar-Regolament dwar il-Qsim tal-Isforz[6] li jkopri l-oqsma mhux koperti bl-ETS. L-istandards tas-$CO_2$ għall-vetturi ħfief għall-perjodu wara l-2020 se jgħin biex l-Istati Membri jilħqu dawk il-miri.

Barra minn hekk, l-Iskema għall-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) bħala element fundamentali tal-politika tal-UE dwar il-klima tikkontribwixxi għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-enerġija li se jkollu rwol dejjem akbar fit-trasport bit-triq peress li se jkun hemm proporzjon ogħla ta' vetturi elettriċi.

L-FP7 u Orizzont 2020 ipprovdew finanzjament totali ta' aktar minn EUR 1.5 biljun bħala appoġġ għar-riċerka u l-iżvilupp tal-batteriji, tal-fjuwils alternattivi u l-aspetti kollha tal-elettrifikazzjoni tal-vetturi.

Il-proposta tal-Kummissjoni tal-2016 għal Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli riveduta (RED II)[7] timmira lejn tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-fjuwils permezz tal-introduzzjoni ta' obbligu fil-livell tal-UE biex il-fornituri tal-fjuwil jipprovdu sehem minimu ta' 6.8 % ta' fjuwils b'emissjonijiet baxxi u fjuwils rinnovabbli, fosthom elettriku rinnovabbli u bijofjuwils avvanzati sal-2030.

Ir-reviżjoni proposta tad-Direttiva dwar il-Eurovignette tipprevedi imposti abbażi tar-rendiment tal-emissjonijiet li jippermettu ppremjar tal-vetturi favur l-ambjent u l-inċentivazzjoni tat-tiġdid tal-flotta tal-vetturi[8].

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Kif enfasizzat l-Istrateġija Mġedda għall-Politika Industrijali[9], riċentement adottata industrija awtomobilistika moderna u kompetittiva hija ċentrali għall-ekonomija tal-UE. Madankollu, biex

[5] KUMM(2015) 080 final

[6] Proposta għal Regolament dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 għal Unjoni tal-Enerġija reżiljenti u biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u għar-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima, COM(2016) 482 final

[7] Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (riformulata) — COM/2016/0767 final

[8] Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi COM(2017) 275 finali

[9] KUMM(2017) 479 final

is-settur iżomm il-pożizzjoni tiegħu minn ta' quddiem fit-teknoloġija u biex jistagħna fis-swieq globali, ikollu jgħaġġel it-tranżizzjoni lejn it-teknoloġiji aktar sostenibbli u mudelli ta' negozju ġodda. Dan biss jiżgura li l-Ewropa jkollha l-aktar industrija kompetittiva, innovattiva u sostenibbli għall-2030 u lil hinn.

Barra minn hekk, il-Pjan Strateġiku tal-Kummissjoni għall-Kooperazzjoni Settorjali dwar il-Ħiliet[10], li ġie varat f'Mejju 2016, jinkludi s-settur awtomobilistiku bħala wieħed mis-setturi fil-mira. Joffri l-possibbiltà biex l-applikazzjonijiet għall-proġetti jgħaqqdu flimkien lill-partijiet ikkonċernati ewlenin mill-imsieħba soċjali, biex jidentifikaw l-isfidi tal-kwalifiki u tal-ħiliet flimkien mal-introduzzjoni ta' strateġiji apposta fil-livell nazzjonali jew reġjonali biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

### • Bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika għal din il-proposta hija l-Artikolu 192 tat-TFUE. Skont l-Artikoli 191 u 192(1) tat-TFUE, l-Unjoni Ewropea għandha tikkontribwixxi biex, *inter alia*, jinkisbu l-għanijiet li ġejjin: il-preżervazzjoni, il-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità ta' l-ambjent; il-promozzjoni ta' miżuri fil-livell internazzjonali biex jitrattaw problemi ambjentali reġjonali jew globali, u b'mod partikolari li jiġġieldu l-bidla fil-klima.

### • Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)

L-istandards tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ għall-karozzi u l-vannijiet ilhom stabbiliti fil-livell tal-UE mill-2009 u l-2011 rispettivament, b'miri għall-2020/21. Mingħajr azzjoni ulterjuri mill-UE f'dan il-qasam, x'aktarx li ma jkunx hemm tnaqqis sostanzjali tas-$CO_2$ minn vetturi ħfief ġodda, kif ġara fl-UE fil-perjodu bejn l-1995 u l-2006 għall-karozzi. Lil hinn mill-2021 xorta jkun mistenni xi tnaqqis fl-emissjonijiet minħabba t-tiġdid kontinwu tal-flotta eżistenti fejn il-karozzi u l-vannijiet il-ġodda jissodisfaw l-istandards tas-$CO_2$ tal-2020/21. Madankollu, peress li l-attività tat-trasport mistennija tkompli tikber, it-tnaqqis kumplessiv tas-$CO_2$ ma jkunx biżżejjed biex tintlaħaq il-mira għat-tnaqqis tal-GHG għall-2030 u l-impenji li ttieħdu skont il-Ftehim ta' Pariġi.

L-azzjoni tal-UE hija ġustifikata kemm fid-dawl tal-impatt transfruntiera tat-tibdil fil-klima kif ukoll minħabba l-ħtieġa li jiġi mħares is-suq uniku tal-vetturi. Mingħajr l-azzjoni fil-livell tal-UE, ikun hemm ir-riskju ta' varjetà ta' skemi nazzjonali biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ mill-vetturi ħfief. Jekk dan iseħħ, jirriżulta f'livelli ta' ambizzjoni u parametri ta' disinn differenti li jkunu jirrikjedu firxa ta' għażliet teknoloġiċi u konfigurazzjonijiet tal-vetturi li jwasslu għal tnaqqis tal-ekonomiji ta' skala. L-inizjattivi nazzjonali u lokali waħedhom x'aktarx ikunu inqas effikaċi għaliex jissograw li jkunu inkoerenti u b'hekk is-suq intern ikun frammentat.

Peress li l-manifatturi għandhom ishma differenti tas-suq tal-vetturi fi Stati Membri differenti, leġiżlazzjonijiet nazzjonali diversi jolqtuhom b'mod differenti, u dan jista' jwassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni. B'hekk jiżdiedu l-kostijiet tal-konformità għall-manifatturi u jiddgħajjef l-inċentiv għal disinn ta' karozzi u vannijiet effiċjenti fl-użu tal-fjuwil minħabba l-frammentazzjoni tas-suq Ewropew.

Il-kostijiet addizzjonali li jirriżultaw min-nuqqas ta' standards komuni u soluzzjonijiet tekniċi komuni jiġġarrbu kemm mill-fornituri tal-komponenti kif ukoll mill-manifatturi tal-vetturi. Madankollu, fl-aħħar mill-aħħar jgħaddu għand il-konsumatur li jkollu jħabbat wiċċu ma' kostijiet ogħla għall-vetturi għall-istess livell ta' tnaqqis ta' gassijiet serra mingħajr azzjoni kkoordinata mill-UE.

---

[10] http://ec.europa.eu/growth/tools-databases/newsroom/cf/itemdetail.cfm?item_id=8848http://ec.europa.eu/growth/tools-databases/newsroom/cf/itemdetail.cfm?item_id=8848

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għaliex ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti. Il-proposta tistabbilixxi standards ġodda b'mod kosteffikaċi biex jinkiseb it-tnaqqis meħtieġ ta' emissjonijiet ta' $CO_2$ mill-karozzi u l-vannijiet f'konformità mal-qafas maqbul tal-UE 2030 għall-klima u l-enerġija u fl-istess ħin jiżgura t-tqassim ġust tal-isforzi fost il-manifatturi.

- **Għażla tal-istrument**

Peress li l-proposta hija riformulazzjoni ta' żewġ Regolamenti eżistenti, Regolament huwa l-uniku strument xieraq.

It-teknika tar-riformulazzjoni, f'dan il-każ, tippermetti l-fużjoni ta' żewġ Regolamenti preċedenti, simili ħafna, f'test leġiżlattiv wieħed li jkun fih l-emendi mixtieqa, tikkodifika dawk l-emendi mad-dispożizzjonijiet li ma nbidlux mill-atti preċedenti, u tħassar dawk l-atti. Ir-Regolament riformulat propost huwa konformi mal-impenn tal-Kummissjoni skont il-ftehim interistituzzjonali dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet[11].

## 3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **L-evalwazzjonijiet ex post/il-kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Saret evalwazzjoni estensiva tar-regolamenti eżistenti bħala parti mill-Programm dwar l-idoneità u l-prestazzjoni tar-regolamentazzjoni (REFIT). Din tlestiet f'April 2015 u r-rapport finali tal-konsulenti ġie ppubblikat[12].

Ir-rapport ta' evalwazzjoni vvaluta r-regolamenti skont l-għanijiet stabbiliti fil-leġiżlazzjoni oriġinali. Ikkonkluda li r-regolamenti kienu għadhom rilevanti, ġeneralment koerenti u kienu ġġeneraw iffrankar sinifikanti tal-emissjonijiet, filwaqt li kienu aktar kosteffikaċi milli kien mistenni biex jintlaħqu l-miri stabbiliti. Iġġeneraw ukoll valur miżjud tal-UE sinifikanti li ma setax jinkiseb daqstant permezz ta' miżuri nazzjonali.

Il-konklużjonijiet ewlenin tal-evalwazzjoni kienu:

- Ir-Regolamenti għadhom validi u se jibqgħu validi lil hinn mill-2020.
- Ir-Regolamenti kellhom aktar suċċess fit-tnaqqis tas-$CO_2$ milli kellhom il-ftehimiet volontarji preċedenti mal-industrija.
- Ir-Regolament dwar is-$CO_2$ mill-karozzi tal-passiġġieri x'aktarx kien responsabbli għal 65-85 % tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' egżost mill-karozzi li nkiseb wara l-introduzzjoni tiegħu. Għall-vetturi kummerċjali ħfief (LCVs), ir-Regolament kellu rwol importanti fl-aċċellerazzjoni tat-tnaqqis tal-emissjonijiet.
- L-impatti fuq il-kompetittività u l-innovazzjoni jidhru ġeneralment pożittivi bla ebda sinjal ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni.
- Ir-rapport ta' evalwazzjoni xeħet dawl fuq id-dgħufijiet li ġejjin:

[11] ĠU L 123, 12 ta' Mejju 2016, p.1.

[12] Ricardo-AEA u TEPR (2015), Evaluation of Regulations 443/2009 and 510/2011 on the reduction of $CO_2$ emissions from light-duty vehicles, disponibbli minn: https://ec.europa.eu/clima/sites/clima/files/transport/vehicles/docs/evaluation_ldv_co2_regs_en.pdf

- Iċ-ċiklu tat-test NEDC ma jirriflettix b'mod adegwat l-emissjonijiet fl-użu reali u hemm diskrepanza dejjem akbar bejn ir-rendiment tal-emissjonijiet fiċ-ċikli tat-test u dik fl-użu reali li naqqret il-benefiċċji tar-Regolamenti.
- Ir-Regolamenti ma jqisux l-emissjonijiet mill-produzzjoni tal-fjuwils inkella dawk assoċjati mal-produzzjoni jew ir-rimi tal-vetturi.
- Ċerti elementi tad-disinn (modalitajiet) tar-Regolamenti x'aktarx kellhom impatt fuq l-effiċjenza tar-Regolamenti. B'mod partikolari, l-użu tal-massa bħala parametru ta' utilità jippenalizza t-tnaqqis tal-massa bħala alternattiva għat-tnaqqis tal-emissjonijiet.

- Ir-Regolamenti ġġeneraw benefiċċji ekonomiċi netti għas-soċjetà.
- Il-kostijiet għall-manifatturi kienu ferm inqas milli kien mistenni oriġinarjament peress li t-teknoloġiji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet kienu, b'mod ġenerali, inqas għaljin milli mistenni.
- L-iffrankar fin-nefqa fuq il-fjuwil tul il-ħajja tal-vettura jeċċedi l-kostijiet tal-manifattura mħallsa bil-quddiem, iżda kien iktar baxx milli ġie antiċipat, l-aktar minħabba diverġenza dejjem akbar bejn ir-rendiment tal-emissjonijiet taċ-ċiklu tat-test u dik fl-użu reali.
- Ir-Regolamenti huma ġeneralment koerenti, kemm internament kif ukoll bejniethom.
- Il-modalitajiet li potenzjalment idgħajfu r-Regolamenti, minkejja li b'impatti limitati, huma d-deroga għall-manifatturi speċjalizzati, is-superkrediti u perjodu ta' dħul gradwali (karozzi).
- L-armonizzazzjoni tas-suq hija l-aktar aspett kruċjali ta' valur miżjud tal-UE u x'aktarx li azzjoni mhux koordinata ma kinitx tkun daqshekk effiċjenti. Ir-Regolamenti jiżguraw rekwiżiti komuni, biex b'hekk il-kostijiet għall-manifatturi jitnaqqsu kemm jista' jkun u jkun hemm iċ-ċertezza regolatorja.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Kummissjoni talbet lill-partijiet ikkonċernati għar-reazzjonijiet tagħhom permezz tal-elementi li ġejjin:

- konsultazzjoni pubblika online bejn l-20 ta' Lulju u t-28 ta' Ottubru 2016;
- workshop għall-partijiet ikkonċernati (24 ta' Marzu 2017) biex jippreżentaw ir-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika;
- workshop dwar l-impjiegi u l-ħiliet għall-partijiet ikkonċernati (26 ta' Ġunju 2017);
- laqgħat ma' assoċjazzjonijiet rilevanti tal-industrija li jirrappreżentaw il-manifatturi tal-karozzi, il-fornituri tal-komponenti u tal-materjali u l-fornituri tal-fjuwil;
- laqgħat bilaterali mal-awtoritajiet tal-Istati Membri, mal-manifatturi tal-vetturi, mal-fornituri, mal-imsieħba soċjali u l-NGOs;
- dokumenti ta' pożizzjoni ppreżentati mill-partijiet ikkonċernati jew mill-Istati Membri.

Sommarju tal-konsultazzjoni tal-partijiet ikkonċernati jinsab fl-Anness 2 tal-Valutazzjoni tal-Impatt ta' din il-proposta.

Ir-riżultati ewlenin tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati huma dawn. Fir-rigward tal-livelli fil-mira, il-manifatturi tal-karozzi u tal-vannijiet ġeneralment jappoġġaw livelli fil-mira inqas ambizzjużi għall-2030, meta mqabbla mal-NGOs ambjentali u tat-trasport, li flimkien mal-għaqdiet tal-konsumaturi, huma favur livelli fil-mira aktar ambizzjużi, kemm għall-2025 kif ukoll

għall-2030. Fir-rigward tad-distribuzzjoni tal-isforzi, il-manifatturi jappoġġaw kurva ta’ valuri limitu abbażi tal-massa, filwaqt li l-NGOs tal-ambjent u tat-trasport, kif ukoll l-għaqdiet tal-konsumaturi jippreferu li tittieħed il-footprint bħala parametru ta’ utilità. Filwaqt li l-industrija tal-karozzi hija ġeneralment kontra mandat għal-LEV/ZEV, il-manifatturi tal-batteriji u tal-elettriku, flimkien mal-investituri fl-infrastruttura, bosta bliet Ewropej bi problemi ta’ kwalità tal-arja, kif ukoll il-maġġoranza tal-NGOs tal-ambjent u tat-trasport, appellaw għal approċċ bħal dan. L-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi ħadu pożizzjoni newtrali rigward l-inċentivi għal-LEV/ZEV.

- **Ġbir u użu ta' għarfien espert**

Il-Valutazzjoni tal-Impatt tibni fuq l-evidenza mill-evalwazzjoni tar-Regolamenti eżistenti[13].

Għall-valutazzjoni kwantitattiva tal-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali, ir-rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt jistrieħ fuq sett dedikat ta’ kurvi tal-kostijiet, li jkopri firxa wiesgħa ta’ teknoloġiji aġġornati biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ mill-karozzi u vannijiet, kif ukoll ġabra sħiħa ta’ mudelli. Ġiet żviluppata varjetà ta’ xenarji permezz tal-mudell PRIMES-TREMOVE, li bassar l-evoluzzjoni tas-settur tat-trasport bit-triq. Din l-analiżi ġiet ikkumplimentata bl-applikazzjoni ta’ għodod oħra tal-immudellar, bħalma huma GEM-E3 u E3-ME (għall-impatti makroekonomiċi) u l-mudell JRC DIONE, b’karatteristiki ġodda biex jiġu vvalutati l-impatti fil-livell tal-manifatturi (kategorija).

Id-data dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u karatteristiċi oħra tal-flotta tal-vetturi ħfief l-ġdida ittieħdet mid-data ta’ monitoraġġ annwali rrappurtata mill-Istati Membri u miġbura mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) skont ir-Regolamenti 443/2009 u 510/2011 dwar l-emissjonijiet tas-$CO_2$ minn vetturi ħfief.

Flimkien mal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, inġabret aktar informazzjoni permezz ta’ diversi studji ta’ appoġġ, ikkummissjonati minn kuntratturi esterni, li b’mod partikolari indirizzaw il-kwistjonijiet li ġejjin:

- it-teknoloġiji disponibbli li jistgħu jiġu mobilizzati fil-perjodu ta’ żmien rilevanti biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta’ $CO_2$ minn LDV ġodda, kif ukoll l-effikaċja u l-kost tagħhom;
- elementi li potenzjalment jolqtu l-kompetittività industrijali u l-impjiegi;
- il-qabża dejjem tikber bejn l-emissjonijiet f’kundizzjonijiet ta’ ttestjar u f’sewqan fl-użu reali u l-fatturi li jikkontribwixxu għal dan;
- l-impatt ta’ approċċi regolatorji, metriċi regolatorji u elementi possibbli tad-disinn (modalitajiet) differenti;
- l-impatti fuq l-emissjonijiet ta’ gassijiet serra u ta’ sustanzi li jniġġsu.

Fl-Anness 1 tal-Valutazzjoni tal-Impatt ta’ din il-proposta hemm lista ta’ studji.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja din il-proposta ġiet imħejjija u żviluppata skont il-gwida applikabbli għar-Regolamentazzjoni Aħjar, u l-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju ta opinjoni pożittiva b’riżervi sat-13 ta’ Ottubru 2017.

It-titjib rakkomandat mill-Bord ġie inkorporat fil-verżjoni finali. Dan jirrigwarda: (1) deskrizzjoni tar-rabtiet ma’ inizjattivi oħra ta’ politika tal-UE, b’mod partikolari l-pakketti dwar il-mobilità usa’ ppreżentati mill-Kummissjoni; (2) spjega tal-punti ta’ konġestjoni ewlenin li jtellfu l-introduzzjoni ta’ vetturi b'livell ta' emissjonijiet baxxi jew żero u kif ir-Regolament propost jikkontribwixxi biex dawn

[13] Ricardo-AEA u TEPR (2015), Evaluation of Regulations 443/2009 and 510/2011 on the reduction of $CO_2$ emissions from light-duty vehicles, disponibbli minn: https://ec.europa.eu/clima/sites/clima/files/transport/vehicles/docs/evaluation_ldv_co2_regs_en.pdf

jiġu indirizzati; (3) kjarifika tal-isfida għall-kompetittività tal-industrija tal-UE, b'mod partikolari f'termini tar-riskju li tintilef il-pożizzjoni minn ta' quddiem fit-teknoloġija, u kif ir-Regolament propost jista' jindirizzah; (4) identifikazzjoni tal-kompromessi ewlenin għad-deċiżjoni politika; (5) valutazzjoni tal-piż regolatorju u l-potenzjal għal simplifikazzjoni.

*Għażliet ta' politika*

L-għażliet ta' politika li tqiesu fil-valutazzjoni tal-impatt jinġabru f'ħames elementi ewlenin li jindirizzaw il-problemi identifikati u li għandhom jiksbu l-għanijiet ta' politika.

**1) Miri (livell, skeda ta' żmien u metrika)**

Ġew ivvalutati livelli ta' mira differenti għall-perjodu sal-2030, minn tnaqqis ta' 10 % sa 40 % fl-2030, meta mqabbel mal-mira tal-2021 għall-flotta medja tal-UE u l-mira tal-2020 għall-vannijiet. Tqiesu wkoll żewġ għażliet li jirriflettu l-livelli fil-mira indikati mill-Parlament Ewropew, li l-Kummissjoni ntrabtet li tivvalutahom matul in-negozjati tal-2014.

Rigward l-iskedar tal-miri, l-għażliet li tqiesu inkludew l-istabbiliment ta' mira għall-2030 biss, l-istabbiliment ta' miri għall-2025 u l-2030 kif ukoll l-istabbiliment ta' miri annwali għal kull waħda mis-snin 2022-2030. Rigward il-metrika biex tiġi espressa l-mira, l-għażliet li tqiesu inkludew l-approċċ attwali bbażat fuq l-emissjonijiet mill-pajp tal-egżost ("mit-tank sar-rota") kif ukoll għażliet alternattivi ("mill-bir sar-rota", "emissjonijiet intrinsiċi", "differenzjar abbażi tal-kilometraġġ").

L-għażla ppreferuta għal-livelli fil-mira hija li jiġu stabbiliti miri ġodda ta' $CO_2$ għall-flotta kollha tal-UE li jammontaw għal tnaqqis ta' 30 % fl-2030 meta mqabblin mal-miri tal-2021, kemm għall-karozzi kif ukoll għall-vannijiet.

L-għażla ppreferuta għall-metrika tal-mira tal-emissjonijiet hija li jinżamm l-approċċ "mit-tank sar-rota" (TTW), fejn il-miri jiġu stabbiliti f'g ta' $CO_2$/km għall-medja tal-flotta ddifferenzjata skont il-bejgħ, peress li dan l-approċċ huwa kompletament konsistenti ma' strumenti ta' politika oħra u l-bdil tal-metrika ma jwassalx għal benefiċċji kbar. L-għażla ppreferuta għall-iskedar tal-miri huwa li tiġi stabbilita mira ġdida tas-$CO_2$ għall-karozzi u għall-vannijiet li tapplika mill-2025 u miri aktar stretti mill-2030 'il quddiem sabiex jiġi żgurat li t-tnaqqis kumulattiv meħtieġ fl-emissjonijiet tas-$CO_2$ jinkisbu sal-2030 sabiex isir kontribut lejn l-ilħuq tal-miri stabbiliti fir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi. Approċċ bħal dan jipprovdi sinjal ċar u bikri għall-investiment f'vetturi b'livell ta' emissjonijiet baxxi jew żero.

**2) Id-distribuzzjoni tal-isforzi**

Skont ir-Regolamenti attwali, tintuża linja ta' valuri ta' limitu biex jiġu definiti l-miri tal-emissjonijiet speċifiċi għall-manifatturi individwali, li tibda mill-miri għall-flotta kollha tal-UE. Din il-kurva lineari tiddefinixxi r-relazzjoni bejn l-emissjonijiet tas-$CO_2$ u l-massa tal-vetturi fi stat ta' tħaddim.

Minbarra l-approċċ attwali, fil-valutazzjoni tal-impatt tqiesu l-għażliet li ġejjin: bidla fl-inklinazzjoni tal-kurva tal-linja ta' valuri ta' limitu, billi jintuża parametru ta' utilità ieħor (eż. il-footprint) jew billi ma jintuża l-ebda parametru ta' utilità (tnaqqis ugwali jew mira ugwali għall-manifatturi kollha).

L-għażla ppreferuta għat-tqassim tal-miri għall-flotta kollha tal-UE mifruxa fuq manifatturi individwali mill-2025 'il quddiem, huwa li tintuża kurva ta' valuri limitu, fejn il-miri għall-manifatturi speċifiċi jiddependu fuq il-massa tat-test WLTP medja tal-vetturi, u fejn l-inklinazzjoni(jiet) tal-kurva tiżgura/jiżguraw sforzi ta' tnaqqis ekwivalenti fost il-manifatturi.

**3) Inċentivi għaż-ZEV/LEV (definizzjonijiet u tipi ta' inċentivi)**

Il-valutazzjoni tal-impatt, bl-użu ta' definizzjonijiet differenti għal vetturi b'emissjonijiet baxxi (LEV), qieset żewġ tipi differenti ta' inċentivi speċifiċi għal ZEV/LEV:

- *Mandat vinkolanti:* Il-manifatturi kollha jkunu marbuta bl-istess proporzjon ta' ZEV/LEV.

- *Sistema ta' kreditar:* Dan l-inċentiv ikun iqis il-proporzjon ta' ZEV/LEV li jkollu manifattur meta tkun qed tiġi stabbilita l-mira speċifika ta' $CO_2$ tiegħu. Jekk manifattur jeċċedi ċertu livell ta' referenza ta' ZEV/LEV, dan jiġi ppremjat billi jingħata mira ta' $CO_2$ inqas stretta.

Għal kull wieħed miż-żewġ tipi differenti tqiesu mandati/ livelli ta' referenza differenti.

L-għażla ppreferuta fir-rigward tal-mekkaniżmu ta' inċentiv LEV/ZEV hija sistema ta' kreditar.

## 4) Elementi għal implimentazzjoni kosteffikaċi

Ġew ivvalutati elementi differenti li jippermettu l-implimentazzjoni kosteffikaċi. Dawn jinkludu miżuri diġà preżenti fir-Regolamenti attwali bħall-ekoinnovazzjoni, il-konsorzji u d-derogi. Barra minn hekk, tqiesu elementi ġodda bħalma huma l-kummerċ, kif ukoll it-tranżazzjonijiet bankarji u s-self.

L-għażla ppreferuta hija li jinżammu d-dispożizzjonijiet tal-ekoinnovazzjoni, filwaqt li l-ambitu jiġi estiż għas-sistemi tal-arja kkundizzjonata u tiġi prevista reviżjoni tal-limitu ta' 7g/km, li jinżammu d-dispożizzjonijiet dwar il-konsorzji, filwaqt li jiġi ċċarat kif il-manifatturi jistgħu jiffurmaw konsorzji miftuħa, li ma tiddaħħalx il-possibbiltà tal-kummerċ, u lanqas ta' tranżazzjonijiet bankarji jew self ta' krediti tas-$CO_2$ u li titneħħa l-possibbiltà li l-manifatturi tal-karozzi jingħataw deroga abbażi ta' "speċjalizzazzjoni".

## 5) Il-governanza

L-effikaċja tal-miri fit-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ fir-realtà tiddependi minn kemm il-proċedura tat-test hija rappreżentattiva tas-sewqan f'kundizzjonijiet reali medji, minn naħa waħda, u min-naħa l-oħra fuq kemm il-vetturi li jitqiegħdu fis-suq huma konformi mal-vetturi ta' referenza ttestjati għall-approvazzjoni tat-tip. F'dan il-kuntest, ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew wara inkjesta dwar il-kejl tal-emissjonijiet fis-settur awtomobilistiku, enfasizzat li l-mekkaniżmi ta' sorveljanza tas-suq huma kruċjali biex tinżamm sistema affidabbli u li ta' min joqgħod fuqha.

F'dan l-isfond u f'konformità mar-Rakkomandazzjonijiet tal-Mekkaniżmi għall-Parir Xjentifiku (SAM), tqiesu diversi għażliet. L-ewwel waħda kienet tinvolvi l-ġbir, il-pubblikazzjoni u l-monitoraġġ tad-data dwar il-konsum tal-fjuwil fl-użu reali abbażi ta' obbligu biex il-manifatturi jinstallaw "apparati standardizzati għall-kejl tal-konsum tal-fjuwil" f'vetturi ġodda permezz tal-leġiżlazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip. It-tieni waħda kienet marbuta ma' kif il-miżuri ta' sorveljanza tas-suq titqies fir-rigward tal-konformità mal-produzzjoni u f'kontrolli ta' konformità fis-servizz.

L-għażla ppreferuta hija li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa biex tippermetti (i) il-ġbir, il-pubblikazzjoni u l-monitoraġġ ta' data dwar il-konsum tal-fjuwil fl-użu reali u jinħoloq l-obbligu li jiġu rrappurtati devjazzjonijiet marbuta mal-mekkaniżmu ta' korrezzjoni u (ii) il-korrezzjoni tal-valuri rappurtati tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ fil-każ li jiġu identifikati devjazzjonijiet permezz tas-sorveljanza mtejba tas-suq.

Referenza tas-Sommarju Eżekuttiv tal-Valutazzjoni tal-Impatt: SWD(2017)650

Referenza tal-opinjoni tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju: SEG(2017)476

## • Idoneità u simplifikazzjoni regolatorja

B'konformità mal-impenn tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar, il-proposta tħejjiet b'mod inkluživ, abbażi tat-trasparenza u l-involviment kontinwu mal-partijiet ikkonċernati.

Il-Valutazzjoni tal-Impatt analizzat ukoll kif tista' tiġi ssimplifikata l-leġiżlazzjoni u jitnaqqsu l-kostijiet amministrattivi mhux meħtieġa.

Il-manifatturi ta' inqas minn 1 000 vettura b'reġistrazzjoni ġdida fis-sena, f'ħafna każi SMEs, jibqgħu eżenti milli jissodisfaw miri tal-emissjonijiet speċifiċi tas-$CO_2$. L-eżenzjonijiet *de minimis* inaqqsu l-kostijiet ta' konformità u kostijiet amministrattivi għall-manifatturi żgħar. Jiffaċilitaw ukoll id-dħul fis-suq minn manifatturi ġodda filwaqt li ma jkollhomx impatti sinifikanti fuq it-tnaqqis kumplessiv ta' $CO_2$ tal-flotta kumplessiva tal-vetturi fl-UE kollha.

Barra minn hekk, il-proposta żżomm diversi elementi għall-implimentazzjoni kosteffikaċi bħall-ħolqien ta' konsorzji li jnaqqsu l-kostijiet tal-konformità għall-manifatturi.

Is-sistema ta' kreditar għall-vetturi b'livell ta' emissjonijiet baxxi jew żero ma toħloqx piż amministrattiv addizzjonali. It-tħassir tad-deroga għall-manifatturi speċjalizzati se tnaqqas il-piż amministrattiv.

Mhuwiex previst tibdil fir-reġim ta' konformità u fil-livell ta' penali. L-impatti tal-għażliet marbuta mal-governanza se jiddependu fuq il-miżuri ta' implimentazzjoni konkreti.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma teħtieġx riżorsi finanzjarji addizzjonali.

## 5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Il-proposta tibni fuq il-proċedura ta' rappurtar annwali u ta' monitoraġġ li ġiet stabbilita skont ir-Regolamenti attwali. Biex tiġi vvalutata l-konformità tal-manifatturi mal-miri annwali tal-emissjonijiet speċifiċi tagħhom, kull sena, l-Istati Membri jirrapportaw id-data għall-karozzi u l-vannijiet ġodda kollha rreġistrati lill-Kummissjoni. Minbarra l-valuri tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ u tal-massa fl-approvazzjoni tat-tip, jiġu mmonitorjati wkoll għadd ta' entrati ta' data oħra rilevanti, fosthom it-tip ta' fjuwil u l-iffrankar ta' emissjonijiet tas-$CO_2$ mill-ekoinnovazzjonijiet.

Il-Kummissjoni, appoġġata mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA), kull sena tippubblika d-data tal-monitoraġġ tas-sena kalendarja preċedenti li tinkludi l-kalkoli tar-rendiment tal-manifatturi speċifiċi rigward is-$CO_2$. Il-manifatturi għandhom l-opportunità li jinnotifikaw l-iżbalji fid-data proviżorja, kif ippreżentata mill-Istati Membri. Din is-sistema ta' monitoraġġ matura tikkostitwixxi bażi importanti għall-monitoraġġ tal-impatti tal-leġiżlazzjoni.

Biex jissaħħu l-aspetti tal-governanza tas-sistema ta' monitoraġġ, il-valutazzjoni tal-impatt qieset l-għażla li jitqies, għall-kontroll tal-konformità mill-manifatturi, jekk l-emissjonijiet tal-vetturi fl-użu jikkonformawx mal-valuri tas-$CO_2$ fl-approvazzjoni tat-tip.

Flimkien mal-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità, il-valutazzjoni tal-impatt identifikat lista ta' indikaturi ewlenin għall-monitoraġġ tal-għanijiet speċifiċi ta' politika li suppost jinkisbu b'din il-proposta. Dawn huma kkumplimentati minn sett ta' għanijiet u ta' indikaturi operazzjonali.

- **Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

***Artikolu 1 - Suġġett u għanijiet***

Dan l-Artikolu jispeċifika l-miri tas-$CO_2$ għall-flotta kollha tal-UE, applikabbli għal karozzi ġodda tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ġodda mill-2020, l-2025 u l-2030. Ir-Regolament japplika mill-2020 biex jiżgura tranżizzjoni koerenti għal reġim ta' miri ġodda li jibda mill-

2025. Għalhekk jinkludi l-miri tas-$CO_2$ għall-flotta kollha tal-UE li diġà ġew stabbiliti għall-2020 ta' 95g/km (abbażi tan-NEDC) għall-karozzi tal-passiġġieri u 147g/km (abbażi tan-NEDC) għall-vetturi kummerċjali ħfief, kif ukoll miri ġodda għall-2025 u l-2030.

Mill-2021 'il quddiem, il-miri tal-emissjonijiet speċifiċi se jkunu bbażati fuq il-proċedura l-ġdida tat-testjar tal-emissjonijiet, il-proċedura ta' test armonizzata fuq livell dinji għall-vetturi ħfief (WLTP). Għalhekk il-miri għall-flotta kollha kemm hi għall-2025 u l-2030, li huma bbażati fuq id-WLTP, huma espressi bħala tnaqqis f'punti perċentwali meta mqabbla mal-miri tal-emissjonijiet speċifiċi għall-2021, determinati għal kull manifattur skont it-taqsima 4 tal-Anness I.

***Artikolu 2 - Kamp ta' applikazzjoni***

Dan l-Artikolu jiddefinixxi l-kategoriji ta' vetturi li għalihom japplika dan ir-Regolament billi jirreferi għal-leġiżlazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip. Jiċċara wkoll li l-eżenzjoni de minimis applikabbli għall-manifatturi responsabbli għal inqas minn 1 000 reġistrazzjoni ġdida fis-sena ma tapplikax jekk manifattur eliġibbli għal din l-eżenzjoni madankollu japplika u jingħata deroga.

***Artikolu 3 - Definizzjonijiet***

Iddaħħlu definizzjonijiet ġodda għal "miri għall-flotta kollha tal-UE", "vetturi b'livell ta' emissjonijiet baxxi jew żero" u "massa tat-test".

***Artikolu 4 - Miri tal-emissjonijiet speċifiċi***

Dan l-Artikolu jistabbilixxi obbligu ġenerali biex il-manifattur jiżgura li l-emissjonijiet medji ta' $CO_2$ tal-flotta ta' vetturi ġodda reġistrati f'sena kalendarja ma jaqbżux il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi annwali tiegħu. Il-mira hija speċifika għall-manifattur u tiġi kkalkulata bħala funzjoni tal-mira applikabbli għall-flotta kollha tal-UE, tal-kurva ta' valuri ta' limitu, tal-massa medja tal-flotta tal-manifattur u tal-massa ta' referenza ($M_0$ jew $TM_0$). Il-kalkolu tal-massa huwa bbażat fuq il-massa fi stat ta' tħaddim sal-2024, inkluż. Mill-2025 'il quddiem, jenħtieġ li minflok tintuża minflok, il-massa tat-test tal-vettura, li hija eqreb għall-massa reali tal-vettura kompluta. Il-formuli għall-kalkoli tal-miri tal-emissjonijiet speċifiċi għall-perjodu mill-2020 sal-2030 huma stabbiliti fil-Partijiet A u B tal-Anness I. Il-kalkoli għall-miri applikabbli fl-2020 sal-2024 huma dawk li jinsabu fil-leġiżlazzjoni eżistenti.

Mill-2025 'il quddiem, il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi għall-manifatturi jenħtieġ li tiġi kkalkulata fid-dawl tal-proporzjon ta' vetturi b'livell ta' emissjonijiet baxxi jew żero fil-flotta tal-manifattur. Għall-kalkolu ta' dak is-sehem, il-vetturi b'livell ta' emissjonijiet baxxi jew żero jenħtieġ li jingħaddu abbażi tal-emissjonijiet differenzjati ta' kull vettura. Jekk dak is-sehem jeċċedi l-punt ta' riferiment għall-flotta kollha tal-UE, il-manifattur jibbenefika minn mira ogħla tal-emissjonijiet speċifiċi.

Fil-każ ta' vetturi kummerċjali ħfief, issir distinzjoni fid-distribuzzjoni tal-isforzi bejn il-manifatturi ta' vetturi kummerċjali ħfief b'massa medja tat-test li tiżboq il-massa medja ta' referenza ($TM_0$) u dawk b'massa tat-test medja inqas minn $TM_0$. Għall-ewwel grupp, l-inklinazzjoni tal-kurva ta' valuri ta' limitu tinżamm kostanti maż-żmien, filwaqt li fil-każ tal-aħħar jintuża l-istess approċċ bħal fil-każ tal-karozzi tal-passiġġieri, jiġifieri l-inklinazzjoni tiġi mmodifikata skont il-mira għall-flotta kollha tal-UE.

***Artikolu 5 - Super krediti għall-mira ta' 95 g $CO_2$/km għall-karozzi***

Din id-dispożizzjoni ma tinbidilx u tapplika sal-2022, inkluża.

***Artikolu 6 - Konsorzji***

Id-dispożizzjonijiet dwar il-konsorzji għal impriżi konnessi u manifatturi indipendenti ma jinbidlux. Madankollu, iddaħħlet awtorizzazzjoni għall-Kummissjoni biex jiġu ċċarati l-kundizzjonijiet għall-arranġamenti tal-konsorzji bejn il-manifatturi indipendenti, b'mod partikolari fir-rigward tar-regoli tal-kompetizzjoni.

*Artikolu 7 - Monitoraġġ u rappurtar*

Id-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-monitoraġġ tad-data dwar is-$CO_2$ mill-Istati Membri jibqgħu l-istess. Madankollu, issaħħaħ l-obbligu fuq l-Istati Membri biex jiżguraw data ta' kwalità għolja u biex dawn jikkooperaw mal-Kummissjoni.

Żdied mekkaniżmu biex, għall-finijiet tal-monitoraġġ, jitqiesu d-devjazzjonijiet fl-emissjonijiet ta' $CO_2$ mill-vetturi waqt l-użu, meta mqabbla mal-valuri fl-approvazzjoni tat-tip. Dan il-mekkaniżmu jibni fuq il-proposta li tiddaħħal proċedura għall-kontrolli ta' konformità fis-servizz mal-valuri tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ fil-leġiżlazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip jenħtieġ li jirrappurtaw kwalunkwe devjazzjoni misjuba u l-Kummissjoni jenħtieġ li tqishom hija u tivverifika l-konformità tal-manifatturi mal-miri tagħhom. Id-dispożizzjoni tinkludi awtorizzazzjoni biex il-Kummissjoni tipprovdi d-dettalji għal tali proċedura permezz ta' att ta' implimentazzjoni.

*Artikolu 8 - Primjum għall-emissjonijiet eċċessivi*

Dan l-Artikolu jistabbilixxi l-formula għall-kalkolu tal-penali finanzjarji jekk manifattur jeċċedi l-mira tiegħu. Il-primjum għall-emissjonijiet eċċessivi jinżamm mir-Regolamenti eżistenti, jiġifieri 95 euro/g $CO_2$/km.

*Artikolu 9 - Il-pubblikazzjoni tar-rendiment tal-manifatturi*

L-Artikolu jelenka l-informazzjoni li l-Kummissjoni għandha tippubblika fir-rigward tal-konformità annwali fil-mira tal-manifatturi (jiġifieri d-deċiżjoni ta' monitoraġġ annwali). Il-massa tat-test iddaħħlet bħala parametru ta' data li jrid jiġi ppubblikat, peress li se jintuża bħala parametru ta' utilità mill-2025 'il quddiem.

*Artikolu 10 - Deroga speċjali għal ċerti manifatturi*

Tinżamm il-possibbiltà li ċerti manifatturi ta' volumi żgħar (jiġifieri dawk responsabbli għal bejn 1 000 u 10 000 reġistrazzjoni ġdida għall-karozzi u 1 000 sa 22 000 reġistrazzjoni għall-vannijiet) japplikaw għal deroga mill-miri tal-emissjonijiet speċifiċi tagħhom.

Madankollu, għall-manifatturi speċjalizzati tal-karozzi, jiġifieri dawk responsabbli għal bejn 10,000 u 300,000 vettura ġdida rreġistrata, il-possibbiltà li jibbenefikaw minn deroga mill-mira ta' 95g $CO_2$/km, tinżamm. Għaldaqstant, mill-2025, dan il-grupp ta' manifatturi jkollu jissodisfa miri tal-emissjonijiet speċifiċi kkalkulati skont l-Anness I.

*Artikolu 11 - Ekoinnovazzjoni*

Il-manifatturi jistgħu jibqgħu jibbenefikaw minn emissjonijiet medji aktar baxxi billi jattrezzaw il-vetturi tagħhom b'ekoinnovazzjonijiet approvati skont dan l-Artikolu. Biex jitqies it-tibdil fl-iffrankar mill-ekoinnovazzjoni li jista' jokkorri b'riżultat ta' tibdil fil-proċedura tat-test regolatorju, iddaħħlet awtorizzazzjoni għall-Kummissjoni biex din taġġusta l-limitu massimu ta' 7 g $CO_2$/km fuq l-iffrankar tas-$CO_2$ li manifattur jista' jqis biex inaqqas l-emissjonijiet medji tiegħu. Din l-awtorizzazzjoni jenħtieġ li tapplika mill-2025 'il quddiem.

Il-kriterji ta' eliġibbiltà għall-inklużjoni bħala ekoinnovazzjoni jibqgħu ma jinbidlux sal-2024, inkluża. Mill-2025 'il quddiem, it-tneħħija tar-referenza għall-approċċ integrat tippermetti li tagħmir mobbli għall-arja kkundizzjonata jkun eliġibbli bħala ekoinnovazzjoni.

*Artikolu 12 - Emissjonijiet tas-$CO_2$ u konsum tal-enerġija fl-użu reali*

Dan l-Artikolu jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex timmonitorja u tivvaluta kemm hija rappreżentattiva tal-użu reali l-proċedura tat-test tal-WLTP u biex tiżgura li l-pubbliku jkun infurmat dwar kif din tevolvi maż-żmien.

Għalhekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li jkollha s-setgħa li titlob data tal-użu reali tinġabar u tiġi rrapurtata mill-Istati Membri u l-manifatturi.

***Artikolu 13 - Aġġustamenti ta' $M_0$ u $TM_0$***

L-isforz tat-tnaqqis tas- $CO_2$ huwa mqassam fost il-manifatturi abbażi tal-massa medja tal-flotta tal-vetturi matul ċertu perjodu. Dak il-valur ta' referenza huwa espress bħala $M_0$ jew $TM_0$ skont jekk tintuża il-massa fi stat ta' tħaddim (M) inkella l-massa tat-test tal-vettura (TM). Id-dispożizzjoni tiċċara l-proċess biex jiġi aġġustat il-valur tal-massa ta' referenza biex jiġi żgurat li l-miri tal-emissjonijiet speċifiċi jibqgħu jirriflettu l-mira tal-flotta kollha tal-UE. Mill-2025, il-frekwenza ta' dawk l-aġġustamenti jenħtieġ li tiżdied minn kull tliet snin għal kull sentejn. L-aġġustament aktar frekwenti jippermetti tibdilet fil-massa medja tat-test u li jitqiesu aktar kmieni l-effetti tagħhom fuq il-pożizzjonament tal-manifatturi rigward il-kurva ta' valuri ta' limitu.

***Artikolu 14 - Reviżjoni u Rapport***

Dan l-Artikolu jinkludi rekwiżit biex il-Kummissjoni tipprovdi rapport fuq l-effikaċja ta' dan ir-Regolament, flimkien ma' proposta, fejn xieraq. Huwa propost li r-rapport jitressaq fl-2024 biex ikun allinjat mad-dispożizzjonijiet ta' reviżjoni u rappurtar proposti skont ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi u d-Direttiva dwar l-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet.

L-Artikolu jżomm ukoll dispożizzjonijiet dwar ir-rieżami tal-proċedura tat-test tal-approvazzjoni tat-tip kif ukoll l-għoti tas-setgħat biex jitqies it-tibdil fil-proċedura tat-test regolatorju.

***Artikoli 15 u 16 - Il-Komitoloġija u d-delega tas-setgħat***

Dawn huma dispożizzjonijiet standard dwar il-proċedura tal-kumitat u d-delega tas-setgħat.

***Artikolu 17 - Emenda għar-Regolament (KE) Nru 715/2007***

Din l-emenda hija mmirata lejn l-introduzzjoni ta' bażi ġuridika fir-Regolament (KE) Nru 715/2007 (Regolament dwar l-approvazzjoni tat-tip rigward l-emissjonijiet Euro 5/6) biex il-Kummissjoni tistabbilixxi proċedura għall-verifika tal-konformità tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ waqt it-tħaddim. Din il-proċedura hija indispensabbli għal sorveljanza effikaċi tas-suq tas-sistema tal-approvazzjoni tat-tip u l-valuri tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ li jintużaw għall-finijiet ta' konformità mal-valuri fil-mira.

***Artikoli 18 u 19 - Tħassir u dħul fis-seħħ***

Ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011 jitħassru b'effett mill-1 ta' Jannar 2020. Id-dħul fis-seħħ jenħtieġ li jseħħ fi żmien 20 jum mill-pubblikazzjoni tal-att.

***Annessi I sa V***

**L-Anness I**: jistabbilixxi l-formuli għall-kalkolu tal-miri tal-emissjonijiet speċifiċi li jenħtieġ li jintlaħqu mill-emissjonijiet medji tal-flotot tal-manifatturi ta' vetturi ġodda rreġistrati. Il-Parti A tkopri l-karozzi tal-passiġġieri, filwaqt li Parti B tkopri vetturi kummerċjali ħfief.

**L-Annessi II u III**: Dawn l-Annessi jistabbilixxu l-parametri tad-data tal-monitoraġġ li huma meħtieġa għall-kalkolu tal-miri u għall-kontroll tal-konformità mal-miri. L-Anness III, li jkopri l-vetturi kummerċjali ħfief, jagħmel ukoll referenza għall-ħtieġa li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet ta' vetturi li jingħataw l-approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji.

**L-Anness IV:** Dan l-Anness jelenka l-atti ġuridiċi koperti mir-riformulazzjoni, jiġifieri ż-żewġ Regolamenti bażiċi (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011 bl-atti emendatorji rispettivi tagħhom.

**L-Anness V**: It-tabella ta' korrelazzjoni

510/2011 (adattat)
ġdid

2017/0293 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda bħala parti mill-approċċ integrat tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ minn vetturi ħfief u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 (riformulazzjoni)**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura ordinarja leġiżlattiva ,

Billi:

ġdid

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[14] u r-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15] ġew emendati sostanzjalment diversi drabi. Peress li se jkun hemm aktar emendi, jenħtieġ li dawk ir-Regolamenti jiġu riformulati għal iktar ċarezza.

(2) Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mill-1 ta' Jannar 2020 biex jipprovdi tranżizzjoni koerenti u effiċjenti wara r-riformulazzjoni u t-tħassir tar-Regolamenti

14 Ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karozzi ġodda tal-passiġġieri bħala parti mill-approċċ integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' $CO_2$ minn vetturi ħfief (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 1).

15 Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2011 li jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karozzi ġodda tal-passiġġieri bħala parti mill-approċċ integrat tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' $CO_2$ minn vetturi ħfief (ĠU L 145, 31.5.2011, p. 1).

(KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011. Madankollu huwa xieraq li l-istandards tar-rendiment tas-$CO_2$ u l-modalitajiet biex jintlaħqu kif stabbilit f'dawk ir-Regolamenti jinżammu mingħajr tibdil sal-2024.

---

443/2009 premessa 1

~~L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karozzi ġodda tal-passiġġieri reġistrati fil-Komunità, għan li jifforma parti mill-approċċ integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' $CO_2$ minn vetturi ħfief filwaqt li jiġi żgurat il-funzjonament korrett tas-suq intern.~~

---

510/2011 premessa 1 (adattat)

~~Il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, li ġiet approvata f'isem il-Komunità Ewropea bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/69/KE[16], tfittex li tistabbilizza l-konċentrazzjonijiet tal-gassijiet b'effett serra fl-atmosfera għal livell li jipprevjeni l-interferenza antropoġenika perikoluża fis-sistema tal-klima. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, iż-żieda globali annwali fit-temperatura medja tal-wiċċ m'għandhiex taqbeż il-livelli pre-industrijali b'aktar minn 2 ° Celsius. Ir-raba' Rapport ta' Valutazzjoni tal-Grupp ta' Esperti Intergovernattiv dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) juri li sabiex jintlaħaq dan l-għan, l-emissjonijiet globali tal-gassijiet serra għandhom jilħqu l-ogħla livelli tagħhom sas-sena 2020. Waqt il-laqgħa tiegħu tat-8-9 ta' Marzu 2007, il-Kunsill Ewropew impenja ruħu bis-sħiħ li jnaqqas l-emissjonijiet ġenerali tal-gassijiet b' effett serra fil-Komunità b'mill-inqas 20 % sas-sena 2020 meta mqabbla mal-emissjonijiet tal-1990 u bi 30 % dejjem jekk ikun hemm pajjiżi żviluppati oħrajn li jimpenjaw ruħhom fit-tnaqqis tal-emissjonijiet komparabbli u sakemm il-pajjiżi li ekonomikament huma l-aktar avvanzati fost dawk li qegħdin jiżviluppaw jimpenjaw ruħhom li jikkontribwixxu b'mod adegwat skont il-ħiliet rispettivi tagħhom.~~

---

ġdid

(3) L-Istrateġija Ewropea għall-Mobbiltà b'Emissjonijiet baxxi[17] tistabbilixxi ambizzjoni ċara: sa nofs is-seklu, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mit-trasport jeħtieġ li jonqsu b'60 % mil-livelli tal-1990 u jkunu fit-triq it-tajba biex jinżlu għal żero. L-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja prodotti mit-trasport li huma ta' dannu għas-saħħa tagħna jenħtieġ li jitnaqqsu b'mod drastiku bla dewmien. L-emissjonijiet mill-magni tal-kombustjoni konvenzjonali jeħtieġ li jkomplu jitnaqqsu wara l-2020. Il-vetturi b'livell ta' emissjonijiet baxxi jew żero jeħtieġ li jidħlu u jżidu s-sehem tagħhom fis-suq sal-2030.

(4) Il-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni "L-Ewropa Attiva"[18] u "Inwettqu politika tal-mobbiltà b'emissjonijiet baxxi – Unjoni Ewropea li tipproteġi l-pjaneta, tagħti s-setgħa lill-konsumaturi

---

16 ~~ĠU L 33, 7.2.1994, p. 11.~~

17 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija Ewropea għal mobbiltà b'emissjonijiet baxxi, (COM(2016) 501 final).

18 Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni L-Ewropa Attiva Aġenda għal tranżizzjoni soċjalment ġusta lejn mobilità kompetittiva, konnessa u mingħajr ħsara għall-ambjent għal kulħadd (COM(2017)283 final).

u tiddefendi l-industrija tagħha u tal-ħaddiema"[19] jenfasizzaw li l-istandards tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ għall-karozzi tal-passiġġieri u għall-vetturi kummerċjali ħfief huma impetu qawwi għall-innovazzjoni u l-effiċjenza u jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kompetittività tal-industrija awtomobilistika u jwittu t-triq għall-vetturi b'livell ta' emissjonijiet baxxi jew żero b'mod teknoloġikament newtrali.

(5) Dan ir-Regolament jipprovdi mogħdija ċara lejn it-tnaqqis sal-2030 tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ mis-settur tat-trasport bit-triq u jikkontribwixxi għall-mira vinkolanti ta' tnaqqis domestiku fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-ekonomija kollha ta' mhux inqas minn 40 % meta mqabbla mal-1990, kif kien ġie appoġġat fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23-24 ta' Ottubru 2014 u approvat bħala l-Kontribuzzjoni Maħsuba tal-Unjoni Determinata fil-Livell Nazzjonali skont il-Ftehim ta' Pariġi fil-laqgħa tal-Kunsill tal-Ambjent fis-6 ta' Marzu 2015.

(6) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2014 appoġġaw tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra bi 30 % sal-2030 meta mqabbla mal-2005 għas-setturi li mhumiex parti mis-sistema tal-Unjoni Ewropea għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet. It-trasport bit-triq jipprovdi kontribut kbir għall-emissjonijiet f'dawk is-setturi u l-emissjonijiet tiegħu għadhom ferm ogħla mil-livelli tal-1990. Jekk l-emissjonijiet mit-trasport bit-triq jibqgħu jiżdiedu, se jpattu għat-tnaqqis li jagħmlu setturi oħra biex jiġġieldu t-tibdil fil-klima.

(7) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2014 enfasizzaw l-importanza li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u r-riskji marbuta mad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili fis-settur tat-trasport permezz ta' approċċ komprensiv u teknoloġikament newtrali għall-promozzjoni tat-tnaqqis tal-emissjonijiet u l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija fit-trasport, għat-trasport elettriku u għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli fit-trasport anke wara l-2020.

(8) Il-kontribut tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija għall-moderazzjoni tad-domanda huwa waħda mill-ħames dimensjonijiet relatati mill-qrib u li jsaħħu lil xulxin tal-Istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija, adottata fil-25 ta' Frar 2015, biex il-konsumaturi fl-Unjoni jingħataw enerġija sikura, sostenibbli, kompetittiva u għall-but ta' kulħadd. L-Istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija tgħid li, filwaqt li s-setturi ekonomiċi kollha jridu jieħdu passi biex iżidu l-effiċjenza tal-konsum tagħhom tal-enerġija, it-trasport għandu potenzjal kbir tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, li jista' jintlaħaq ukoll permezz ta' ffokar kontinwu fuq l-issikkar tal-istandards tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ għall-karozzi tal-passiġġieri u l-vetturi kummerċjali ħfief fil-perspettiva tal-2030.

(9) Evalwazzjoni tar-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011 fl-2015 ikkonkludiet li dawk ir-Regolamenti kienu rilevanti, ġeneralment koerenti u ġġeneraw iffrankar sinifikanti fl-emissjonijiet, filwaqt li kienu aktar kosteffikaċi milli kien antiċipat oriġinarjament. Iġġeneraw ukoll valur miżjud sinifikanti għall-Unjoni li ma setax jinkiseb daqstant permezz ta' miżuri nazzjonali.

(10) Għalhekk huwa xieraq li l-għanijiet ta' dawk ir-Regolamenti jkomplu jissegwew bl-istabbiliment ta' miri ġodda għat-tnaqqis tas-$CO_2$ għall-flotta kollha ta' karozzi tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief għall-UE kollha sal-2030. Fid-definizzjoni tal-livelli ta' tnaqqis, tqieset l-effikaċja tagħhom fit-twassil ta' kontribut kosteffikaċi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet fis-setturi koperti mir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi [.../...] sal-2030, il-kostijiet u l-iffrankar li jirriżultaw għas-soċjetà, għall-manifatturi u għall-utenti tal-vetturi, kif ukoll l-implikazzjonijiet diretti u indiretti tagħhom għall-impjiegi, għall-kompetittività u l-innovazzjoni u l-kobenefiċċji ġġenerati f'termini ta' tnaqqis fit-tniġġis tal-arja u sigurtà tal-enerġija.

(11) Proċedura ġdida tat-test għall-kejl tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ mill-vetturi ħfief kif ukoll tal-konsum tal-fjuwil tagħhom, il-Proċedura tat-Testjar Armonizzata fuq Livell Dinji għall-Vetturi Ħfief (WLTP), stabbilita fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151[20] , daħlet

---

19 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni […]

20 ⇨ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 tal-1 ta' Ġunju 2017 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-

fis-seħħ fl-2017. Din il-proċedura tat-test il-ġdida se tipprovdi valuri tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ u tal-konsum tal-fjuwil li jkunu aktar rappreżentattivi tal-kundizzjonijiet fl-użu reali. Huwa għalhekk xieraq li l-miri l-ġodda tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ jkunu bbażati fuq l-emissjonijiet tas-$CO_2$ ddeterminati abbażi tal-proċedura tat-test. Jekk madankollu jitqies li l-emissjonijiet tas-$CO_2$ abbażi tal-WLTP se jkunu disponibbli għall-finijiet tal-konformità mal-miri mill-2021 'il quddiem, huwa xieraq li l-istandards ta' rendiment ġodda għall-emissjonijiet jiġu definiti bħala livelli ta' tnaqqis stabbiliti f'paragun mal-medja tal-miri tal-emissjonijiet speċifiċi fl-2021, li jkunu applikabbli f'dik is-sena.

---

443/2009 premessa 2 (adattat)

~~Il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, li ġiet approvata f'isem il-Komunità bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/69/KE tal-15 ta' Diċembru 1993[21], tesiġi li l-partijiet kollha jifformulaw u jimplimentaw programmi nazzjonali, u fejn xieraq reġjonali, li fihom miżuri li jimmitigaw it-tibdil tal-klima. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni f'Jannar 2007 ipproponiet li, fil-kuntest tan-negozjati internazzjonali, l-Unjoni Ewropea għandha ssegwi l-għan ta' tnaqqis ta' 30 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra mill-pajjiżi żviluppati sal-2020 (meta mqabbel mal-livelli tal-1990) u li l-Unjoni stess għandha tieħu impenn indipendenti sod biex tilħaq tnaqqis ta' mhux inqas minn 20 % fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra sal-2020 (meta mqabbel mal-livelli tal-1990), irrispettivament mit-tnaqqis miksub minn pajjiżi żviluppati oħra. Dan l-għan kien approvat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill.~~

---

443/2009 premessa 3

~~Waħda mill-implikazzjoni ta' dawk l-impenji hija li l-Istati Membri kollha se jkollhom inaqqsu b'mod sinifikanti l-emissjonijiet mill-karozzi tal-passiġġieri. Għandhom jiġu implimentati politiki u miżuri fil-livell tal-Istati Membri u fil-livell tal-Komunità fis-setturi kollha tal-ekonomija Komunitarja, u mhux biss fis-setturi tal-industrija u tal-enerġija, sabiex jiġi ġġenerat it-tnaqqis sostanzjali meħtieġ fl-emissjonijiet. It-trasport bit-triq huwa t-tieni l-akbar settur f'termini ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-Unjoni, u l-emissjonijiet minn dan is-settur qed ikomplu jiżdiedu. Jekk l-impatt tat-trasport bit-triq fuq it-tibdil tal-klima jkompli jiżdied, se jhedded b'mod sinifikanti it-tnaqqis li jagħmlu setturi oħra biex jiġġieldu t-tibdil fil-klima.~~

---

510/2011 premessa 3

~~Il-politika u l-miżuri għandhom jiġu implimentati fil-livell tal-Istati Membri u tal-Komunità fis-setturi kollha tal-ekonomija tal-Unjoni, u mhux biss fis-setturi tal-industrija u l-enerġija, bil-għan li jinkiseb it-tnaqqis meħtieġ fl-emissjonijiet. Id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-isforz tal-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra biex jonoraw l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2020 ([22]) tipprevedi għal tnaqqis medju ta' 10 % meta mqabbel mal-livelli tal-2005 fis-setturi li mhumiex koperti mill-Iskema ta' Negozjar għall-Emissjonijiet tal-UE, stabbilita mid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-~~

---

mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi, li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 (ĠU L 175, 7.7.2017, p. 1). ⇦

21 ~~ĠU L 33, 7.2.1994, p. 11.~~

22 ~~ĠU L 140, 5.6.2009, p. 136.~~

~~iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità ([23]), inkluż it-trasport bit-triq. It-trasport bit-triq huwa t-tieni l-akbar settur f'termini ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra fl-Unjoni, u l-emissjonijiet minn dan, inklużi dawk minn vetturi kummerċjali ħfief, qegħdin ikomplu jiżdiedu. Jekk l-emissjonijiet tat-trasport bit-triq ikomplu jiżdiedu, dawn sejrin jheddu b'mod sinifikanti t-tnaqqis li jagħmlu setturi oħra biex jiġġieldu t-tibdil fil-klima.~~

---

443/2009 premessa 4

~~Il-miri Komunitarji għall-karozzi tal-passiġġieri jipprovdu lill-manifatturi b'aktar ċertezza fl-ippjanar u aktar flessibbiltà biex jilħqu r-rekwiżiti għat-tnaqqis ta' $CO_2$ milli kieku permezz ta' miri nazzjonali separati tat-tnaqqis. Fl-istabbiliment ta' standards ta' prestazzjoni għall-emissjonijiet huwa importanti li jitqiesu l-implikazzjonijiet għas-swieq u l-kompetittività tal-manifatturi, l-ispejjeż diretti u indiretti imposti fuq in-negozju u l-benefiċċji li jakkumulaw f'dak li jirrigwarda l-istimulazzjoni tal-innovazzjoni u t-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija.~~

---

443/2009 premessa 5 (adattat)

(12) ~~Dan ir-Regolament jibni fuq il-proċess stabbilit ferm ta' tkejjil u monitoraġġ tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ mill-vetturi reġistrati fil-Komunità taħt id-Deċiżjoni Nru 1753/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 22 ta' Ġunju 2000 li tistabbilixxi skema biex timmonitorja l-medja tal-emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ minn karozzi tal-passiġġieri ġodda [24].~~ Huwa importanti li d-determinazzjoni ta' rekwiżiti għat-tnaqqis tal-emissjonijet ta' $CO_2$ tibqa' tipprovdi prevedibbiltà u sigurtà tal-ippjanar fil-~~Komunità~~ fl-Unjoni kollha għall-manifatturi tal-vetturi fil-flotot/flotta kollha tal- karozzi u tal-vetturi kummerċjali ~~ħfief ġodda tagħhom~~ fil-~~Komunità~~ fl-Unjoni .

---

510/2011 premessa 5

~~Sabiex tittejjeb il-kompetittività tal-industrija tal-karozzi Ewropea, skemi ta' inċentivi bħall-kumpens għall-innovazzjonijiet ekoloġiċi u l-għoti ta' superkrediti għandhom jintużaw.~~

---

ġdid

(13) Il-livelli ta' tnaqqis għall-flotot tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali ħfief fl-Unjoni kollha għalhekk jenħtieġ li jiġu stabbiliti għall-2025 u l-2030, filwaqt li jitqies il-perjodu ta' żmien biex tiġġedded il-flotta tal-vettura u l-ħtieġa biex is-settur tat-trasport bit-triq jikkontribwixxi għall-miri tal-klima u tal-enerġija tal-2030. Dan l-approċċ fi stadji jipprovdi wkoll sinjal ċar u bikri għall-industrija awtomobilistika biex ma tittardjax fl-introduzzjoni fis-suq ta' teknoloġiji għall-enerġija effiċjenti u vetturi b'livell ta' emissjonijiet baxxi jew żero.

(14) Filwaqt li l-Unjoni hija fost l-akbar manifatturi ewlenin ta' vetturi motorizzati fid-dinja u qiegħda minn ta' quddiem fit-tmexxija teknoloġika f'dan is-settur, il-kompetizzjoni qiegħda tiżdied u s-settur awtomobilistiku globali qiegħed jinbidel malajr permezz ta' innovazzjonijiet ġodda f'sistemi ta' motopropulsjoni elettrifikati kif ukoll fil-mobbiltà kooperattiva, konnessa u awtomatizzata. Biex iżżomm il-kompetittività globali tagħha kif ukoll l-aċċess għas-swieq, l-Unjoni teħtieġ qafas regolatorju li jinkludi inċentiv partikolari fil-qasam ta' vetturi b'livell ta' emissjonijiet

---

23 ~~ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32.~~

24 ~~ĠU L 202, 10.8.2000, p. 1.~~

baxxi jew żero, li joħloq suq domestiku kbir u li jappoġġa l-iżvilupp teknoloġiku u l-innovazzjoni.

(15) Jenħtieġ li jiddaħħal mekkaniżmu ta' inċentiv dedikat biex jiffaċilita tranżizzjoni bla intoppi lejn mobilità b'emissjonijiet żero. Dan il-mekkaniżmu ta' kreditu jenħtieġ li jiġi ddiżinjat b'tali mod li jippromwovi l-iżvilupp tal-vetturi b'livell ta' emissjonijiet baxxi jew żero fis-suq tal-Unjoni.

(16) L-istabbiliment ta' punt ta' riferiment għas-sehem ta' vetturi b'livell ta' emissjonijiet baxxi jew żero fil-flotta tal-UE, flimkien ma' mekkaniżmu ddiżinjat tajjeb għall-aġġustament tal-mira tas-$CO_2$ speċifika għall-manifattur, abbażi tas-sehem ta' vetturi b'livell ta' emissjonijiet baxxi jew żero li jkollu manifattur fil-flotta tiegħu, huma maħsuba li jipprovdu sinjal b'saħħtu u kredibbli għall-iżvilupp u l-introduzzjoni ta' vetturi bħal dawn filwaqt li jippermetti t-titjib tal-effiċjenza tal-magni b'kombusjoni interna konvenzjonali.

(17) Fid-determinazzjoni tal-krediti għall-vetturi b'livell ta' emissjonijiet baxxi jew żero, huwa xieraq li titqies id-differenza fl-emissjonijiet tas-$CO_2$ bejn il-vetturi. Il-mekkaniżmu ta' aġġustament jenħtieġ li jiżgura li manifattur li jaqbeż il-livell ta' referenza jkun jibbenefika minn mira speċifika ogħla ta' emissjonijiet tas-$CO_2$. Biex jiġi żgurat approċċ ibbilanċjat, jenħtieġ li jiġu stabbiliti limiti għal-livell ta' aġġustament possibbli fi ħdan dak il-mekkaniżmu. Dan ikun jipprevedi ċerti inċentivi u b'hekk iħeġġeġ l-introduzzjoni f'waqtha tal-infrastruttura għaċ-ċarġjar u tal-fjuwil u jrendi benefiċċji kbar għall-konsumaturi, għall-kompetittività u għall-ambjent.

---

443/2009 premessa 6 (adattat)

~~Il-Kummissjoni adottat Strateġija Komunitarja biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' $CO_2$ mill-karozzi fl-1995. L-istrateġija kienet ibbażata fuq tliet prinċipji: impenji volontarji mill-industrija tal-karozzi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet, titjib fl-informazzjoni lill-konsumaturi u t-trawwim ta' karozzi effiċjenti mil-lat tal-karburant permezz ta' miżuri fiskali.~~

---

443/2009 premessa 7 (adattat)

~~Fl-1998, l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Manifatturi tal-Karozzi (ACEA) daħlet f'impenn għat-tnaqqis fil-medja tal-emissjonijiet mill-karozzi l-ġodda mibjugħa għal 140 g ta' $CO_2$/km sal-2008 u, fl-1999, l-Assoċjazzjoni ta' Manifatturi tal-Karozzi Ġappuniżi (JAMA) u l-Assoċjazzjoni tal-Manifatturi tal-Karozzi Koreani (KAMA) daħlu f'impenn li jnaqqsu l-medja tal-emissjonijiet mill-karozzi l-ġodda mibjugħa għal 140 g $CO_2$/km sal-2009. Dawn l-impenji ġew rikonoxxuti mir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 1999/125/KE tal-5 ta' Frar 1999 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ mill-karozzi tal-passiġġieri[25] (ACEA), ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2000/303/KE tat-13 ta' April 2000 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ mill-karozzi tal-passiġġieri (KAMA)[26] u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2000/304/KE tat-13 ta' April 2000 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ mill-karozzi tal-passiġġieri (JAMA)[27].~~

---

25 ~~ĠU L 40, 13.2.1999, p. 49.~~
26 ~~ĠU L 100, 20.4.2000, p. 55.~~
27 ~~ĠU L 100, 20.4.2000, p. 57.~~

443/2009 premessa 8 (adattat)

~~Fis- 7 ta' Frar 2007, il-Kummissjoni adottat żewġ Komunikazzjonijiet paralleli: komunikazzjoni dwar ir-riżultati tar-reviżjoni tal-Istrateġija Komunitarja sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta’ $CO_2$ mill-karozzi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief u Komunikazzjoni dwar Qafas Regolatorju Kompetittiv tal-Karozzi għas-Seklu 21 (CARS21). Il-Komunikazzjonijiet enfasizzaw li filwaqt li sar progress lejn il-ksib tal-mira ta' 140 g $CO_2$/km sal-2008/2009, il-mira Komunitarja ta' medja ta' 120 g emissjonijiet ta' $CO_2$/km ma kenitx se tintlaħaq sal-2012jekk ma jittiħdux miżuri addizzjonali.~~

510/2011 premessa 8 (adattat)

~~Id-dispożizzjonijiet li jimplimentaw l-għan li jikkonċerna emissjonijiet minn vetturi kummerċjali ħfief għandhom ikunu konsistenti mal-qafas leġiżlattiv għall-implimentazzjoni tal-għanijiet li jikkonċernaw emissjonijiet mill-flotta ta’ karozzi ġodda tal-passiġġieri stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ April 2009 li jistabbilixxi standards ta’ rendiment għall-emissjonijiet minn karozzi ġodda tal-passiġġieri bħala parti mill-approċċ integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ minn vetturi ħfief ([28]).~~

443/2009 premessa 9 (adattat)

~~Il-Komunikazzjonijiet ipproponew approċċ integrat sabiex tintlaħaq il-mira Komunitarja ta' 120g $CO_2$/km sal-2012 u ħabbru li l-Kummissjoni kienet se tipproponi qafas leġiżlattiv biex tilħaq l-għan Komunitarju billi tiffoka fuq it-tnaqqis mandatorju tal-emissjonijiet ta’ $CO_2$. B'hekk tintlaħaq il-mira ta' 130 g $CO_2$/km għall-medja tal-flotta ta' karozzi ġodda permezz ta' titjib fit-teknoloġija ta’ vetturi motorizzati. B’konsistenza mal-approċċ taħt l-impenji volontarji adottati mill-manifatturi, dan ikopri dawk l-elementi li jitqiesu fil-kejl tal-emissjonijiet ta’ $CO_2$ tal-karozzi tal-passiġġieri taħt ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta’ vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta’ vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta’ vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi[29]. Tnaqqis ulterjuri ta’ 10 g $CO_2$/km, jew ekwivalenti jekk teknikament meħtieġ, se jirriżulta minn titjib teknoloġiku ieħor u minn użu akbar tal-bijokarburanti sostenibbli.~~

443/2009 premessa 10 (adattat)

(18) Il-qafas leġiżlattiv għall-implimentazzjoni tal-mira għall-medja tal-flotta ta' karozzi u ta’ vetturi kummerċjali ħfief ġodda jenħtieġ li jassigura miri ta' tnaqqis sostenibbli li huma kompetittivament newtrali u soċjalment ġusti li jkunu ġusti għad-diversità tal-manifatturi tal-karozzi Ewropej u jevitaw kwalunkwe distorzjoni mhux ġustifikata tal-kompetizzjoni bejniethom. ~~Il-qafas leġiżlattiv għandu jkun kompatibbli mal-għan~~

[28] ~~ĠU L 140, 5.6.2009, p. 1.~~

[29] ~~ĠU L 171, 29.6.2007, p. 1.~~

globali, jiġifieri li jintlaħqu l-miri Komunitarji rigward Kjoto, u għandu jiġi appoġġat minn strumenti oħra aktar relatati mal-użu bħad-differenzjazzjoni tat-taxxi fuq il-karozzi u fuq l-enerġija.

---

443/2009 premessa 11

Għandu jiġi żgurat finanzjament adegwat fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea sabiex jiġi promoss l-iżvilupp ta' teknoloġiji maħsuba għat-tnaqqis b'mod radikali tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ minn vetturi tat-triq.

---

443/2009 premessa 12 (adattat)
ġdid

(19) Sabiex tinżamm id-diversità tas-suq tal-karozzi tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief u l-kapaċità tiegħu li jindirizza ħtiġijiet ta' konsumaturi diversi, il-miri ta' $CO_2$ għall-karozzi tal-passiġġieri jenħtieġ li jkunu ddefiniti abbażi tal-utilità tal-karozzi vetturi fuq bażi lineari. Iż-żamma tal-massa bħala parametru ta' utilità titqies bħala koerenti mar-reġim eżistenti. Biex il-massa tal-vetturi kif jintużaw fit-triq tiġi riflessa b'mod aħjar, il-parametru jenħtieġ li jinbidel minn massa fi stat ta' tħaddim għall-massa tat-test tal-vettura kif speċifikat fir-Regolament (UE) 2017/1151 tal-1 ta' Ġunju 2017, b'effett mill-2025. Barra minn hekk, id-data dwar il-massa hija aktar faċilment disponibbli. Id-data dwar parametri ta' utilità alternattivi bħad-"daqs tal-footprint" (wisa' bejn rota u oħra mmoltiplikat bejn it-tul bejn rota u oħra) għandha tinġabar sabiex jiġu faċilitati evalwazzjonijiet aktar fit-tul tal-approċċ ibbażat fuq l-utilità. Sal-2014, il-Kummissjoni għandha tirrivedi d-disponibbiltà tad-data u, jekk ikun xieraq, tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sabiex tadatta l-parametru tal-utilità.

---

ġdid

(20) Jenħtieġ li jiġi evitat li l-miri għall-flotta kollha tal-UE jinbidlu minħabba tibdiliet fil-massa medja tal-flotta. It-tibdil fil-massa medja għalhekk jenħtieġ li jiġi rifless mingħajr dewmien fil-kalkoli tal-mira tal-emissjonijiet speċifiċi, u li l-aġġustamenti li jintużaw għall-valur tal-massa medja għal dan l-għan għalhekk jenħtieġ li jsiru kull sentejn mill-2025 'il quddiem.

(21) Biex l-isforz fit-tnaqqis tal-emissjonijiet jitqassam b'mod li huwa kompetittivament newtrali u ġust u li jirrifletti d-diversità tas-suq għall-karozzi tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief, u fid-dawl tal-bidla fil-miri tal-emissjonijiet speċifiċi abbażi tal-WLTP fl-2021, huwa xieraq li tiġi determinata l-inklinazzjoni tal-kurva tal-valuri ta' limitu abbażi tal-emissjonijiet speċifiċi tal-vetturi ġodda rreġistrati kollha f'dik is-sena, u li titqies il-bidla fil-miri għall-flotta kollha tal-UE bejn l-2021, l-2025 u l-2030 bil-għan li jiġi żgurat sforz ta' tnaqqis ugwali għall-manifatturi kollha. Fir-rigward ta' vetturi kummerċjali ħfief, għall-manifatturi tal-vannijiet eħfef, idderivati mill-karozzi, jenħtieġ li japplika l-istess approċċ bħal fil-każ tal-manifatturi tal-karozzi, filwaqt li għall-manifatturi ta' vetturi f'oqsma itqal, jenħtieġ li tiġi stabbilita inklinazzjoni ogħla u fissa għall-perjodu ta' mira kollu.

443/2009 premessa 13 (adattat)
ġdid

(22) L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jinħolqu inċentivi biex l-industrija ~~tal-karozzi~~ awtomobilistika tinvesti f'teknoloġiji ġodda. Dan ir-Regolament jippromwovi attivament l-eko-innovazzjoni u jipprovdi mekkaniżmu li huwa għandu jkun kapaċi jagħraf ~~jieħu inkunsiderazzjoni~~ l-iżviluppi teknoloġiċi tal-ġejjieni. ~~L-iżvilupp ta' teknoloġiji ta' propulsjoni innovattiva għandu jitħeġġeġ b'mod partikolari, billi dawn jirriżultaw f'emissjonijiet aktar baxxi b'mod sinifikanti, meta mqabbla mal-karozzi tradizzjonali tal-passiġġieri. B'dan il-mod, il-kompetittività fuq żmien twil tal-Industrija Ewropea titħeġġeġ u jinħolqu aktar impjiegi ta' kwalità għolja. Il-Kummissjoni għandha tqis il-possibbiltà li tinkludi miżuri ta' eko-innovazzjoni fir-reviżjoni tal-proċeduri tal-ittestjar konformement mal-Artikolu 14(3) tar-Regolament (KE) Nru 715/2007, filwaqt li tqis l-impatti tekniċi u ekonomiċi ta' tali inklużjoni.~~ L-esperjenza wriet li l-ekoinnovazzjoni tal-kontribut b'suċċess għall-kosteffikaċja tar-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011 u għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ fl-użu reali. Din il-modalità għalhekk jenħtieġ li tinżamm u l-kamp ta' applikazzjoni jenħtieġ li jiġi estiż bħala inċentiv għat-titjib fl-effiċjenza tas-sistemi tal-arja kundizzjonata.

510/2011 premessa 12

~~Id-Direttiva 1999/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 1999 relatata mad-disponibilità ta' tagħrif għall-konsumatur dwar l-ekonomija tal-karburanti u emissjonijiet tas-CO2 rigward il-marketing ta' karozzi tal-passiġġieri ġodda ([30]) diġà jeżiġi li letteratura promozzjonali għall-karozzi tipprovdi lill-utent finali bid-data uffiċjali tal-emissjonijiet tas-CO2 u l-konsum uffiċjali tal-karburant tal-vettura. Il-Kummissjoni, fir-Rakkomandazzjoni 2003/217/KE tas-26 ta' Marzu 2003 dwar l-applikazzjoni għal mezzi oħra tax-xandir tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 1999/94/KE dwar il-letteratura promozzjonali ([31]), interpretat dan bħala l-inklużjoni tar-reklamar. Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 1999/94/KE għandu għalhekk jitwessa' għall-vetturi kummerċjali ħfief, biex jiġi rikjest li r-riklamar għal kull vettura kummerċjali ħafifa jagħti lill-utenti aħħarin id-data uffiċjali dwar l-emissjonijiet ta' CO2 u l-konsum uffiċjali tal-karburant tal-vettura meta tkun żvelata informazzjoni dwar l-enerġija jew il-prezzijiet, sa mhux aktar tard mill-2014.~~

ġdid

(23) Madankollu, jenħtieġ li jiġi żgurat bilanċ bejn l-inċentivi li jingħataw għall-ekoinnovazzjonijiet u dawk it-teknoloġiji li għalihom intwera effett ta' tnaqqis ta' emissjonijiet fil-proċedura tat-test uffiċjali. B'konsegwenza, huwa xieraq li jinżamm limitu fuq l-iffrankar mill-ekoinnovazzjonijiet li manifattur jista' jqis għall-finijiet ta' konformità mal-miri. Il-Kummissjoni jenħtieġ li jkollha l-possibbiltà tirrevedi l-livell ta' limitu, biex b'mod partikolari, tqis l-effetti tal-bidla fil-proċedura tat-test uffiċjali. Huwa wkoll xieraq li jiġi ċċarat kif jenħtieġ li jiġi kkalkulat l-iffrankar għall-finijiet tal-konformità mal-miri.

30 ~~ĠU L 12, 18.1.2000, p. 16.~~
31 ~~ĠU L 82, 29.3.2003, p. 33.~~

443/2009 premessa 14

~~Bl-għarfien tal-ispejjeż għoljin ħafna għar-riċerka u l-iżvilupp u għall-produzzjoni għal kull unità ta' ġenerazzjonijiet bikrija ta' teknoloġiji tal-vetturi b'emissjonijiet baxxi ħafna tal-karbonju biex jiġu introdotti fis-suq wara d-dħul fis-seħħ tiegħu, dan ir-Regolament jimmira li jaċċelera u jiffaċilita, fuq bażi interim, il-proċess tal-introduzzjoni fis-suq Komunitarju ta' vetturi b'emissjonijiet tal-karbonju baxxi ferm fl-istadji bikrija tal-kummerċjalizzazzjoni.~~

443/2009 premessa 15 (adattat)

~~L-użu ta' ċerti karburanti alternattivi jista' joffri tnaqqis sinifikanti ta' $CO_2$ mill-estrazzjoni sal-użu. Għalhekk dan ir-Regolament jinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi bil-għan li jippromwovu t-tqegħid ta' ċerti vetturi b'karburant alternattiv fis-suq Komunitarju.~~

510/2011 premessa 15

~~Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2012 u bl-għan li jittejjeb il-ġbir ta' data dwar u l-kejl tal-konsum tal-karburant, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra jekk temendax il-leġislazzjoni rilevanti sabiex jiġi inkluż obbligu għall-manifatturi li jitolbu l-approvazzjoni tat-tip għal vetturi tal-kategorija N 1 kif definit fl-Anness II tad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi ([32]) li jinkludu f'kull vettura strument li juri l-konsum tal-karburant.~~

443/2009 premessa 16

~~Għall-konsistenza mal-approċċ adottat fil-kuntest tal-istrateġija tal-Kummissjoni rigward is-$CO_2$ u l-karozzi, b'mod partikolari fir-rigward tal-impenji li għamlu l-assoċjazzjonijiet tal-manifatturi, il-mira għandha tiġi applikata għal karozzi ġodda tal-passiġġieri reġistrati fil-Komunità għall-ewwel darba u li qatt ma kienu reġistrati barra l-Komunità, ħlief għal perjodu limitat sabiex jiġu evitati l-abbużi.~~

510/2011 premessa 16

~~Sabiex tiġi żgurata konsistenza mar-Regolament (KE) Nru 443/2009 u jiġu evitati l-abbużi, il-mira għandha tiġi applikata għal vetturi kummerċjali ħfief ġodda li jiġu rreġistrati fl-Unjoni għall-ewwel darba u li ma jkunux ġew irreġistrati qabel barra mill-Unjoni għajr għal perijodu limitat.~~

32 ~~ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1.~~

510/2011 premessa 17

(24) Id-Direttiva 2007/46/KE tistabbilixxi qafas armonizzat li fih id-dispożizzjonijiet amministrattivi u rekwiżiti tekniċi ġenerali għall-approvazzjoni tal-vetturi ġodda kollha fil-kamp ta’ applikazzjoni tagħha. L-entità responsabbli għall-konformità ma’ dan ir-Regolament għandha tkun l-istess bħall-entità responsabbli għall-aspetti kollha tal-proċess tal-approvazzjoni tat-tip skont id-Direttiva 2007/46/KE u sabiex tiġi żgurata l-konformità tal-produzzjoni.

---

443/2009 premessa 18

(25) Għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip, japplikaw rekwiżiti speċifiċi għal vetturi għal użi speċjali, kif ġie definit fl-Anness II tad-Direttiva 2007/46/KE, u għalhekk huma għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament. ~~Il-vetturi li huma klassifikati bħala kategorija M1 qabel id-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament u li huma mibnija speċifikament għal għanijiet kummerċjali biex jakkomodaw l-użu tas-siġġu tar-roti ġol-vettura u li jikkonformaw mad-definizzjoni ta’ vetturi għal għanijiet speċjali fl-Anness II tad-Direttiva 2007/46/KE għandhom ukoll jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament konformement mal-politika tal-Komunità favur l-għajnuna lill-persuni b'diżabbiltà.~~

---

510/2011 premessa 18 (adattat)

~~Il-manifatturi għandu jkollhom il-flessibbiltà biex jiddeċiedu kif ser jilħqu l-miri tagħhom skont dan ir-Regolament u għandhom jitħallew iqassmu l-emissjonijiet fuq il-flotta ġdida ta’ vetturi tagħhom aktar milli jkollhom jirrispettaw il-miri tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ għal kull vettura individwali. Il-manifatturi għalhekk għandhom ikunu meħtieġa jiżguraw li l-emissjoni speċifika medja għall-vetturi kummerċjali ħfief ġodda kollha li jiġu rreġistrati fl-Unjoni, li huma responsabbli għalihom ma teċċedix il-medja tal-miri tal-emissjonijiet għal dawk il-vetturi. Dan ir-rekwiżit għandu jiddaħħal gradwalment bejn l-2014 u l-2017 sabiex jiffaċilita l-introduzzjoni tiegħu. Dan huwa konsistenti maż-żmien għall-introduzzjoni gradwali meħtieġ u mat-tul taż-żmien għall-introduzzjoni gradwali stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 443/2009.~~

---

443/2009 premessa 19 (adattat)

~~Il-manifatturi għandhom ikollhom il-flessibbiltà biex jiddeċiedu kif se jilħqu l-miri tagħhom taħt dan ir-Regolament, u għandhom jitħallew iqassmu l-emissjonijiet fuq il-flotta tal-karozzi l-ġodda aktar milli jkollhom jirrispettaw il-miri ta’ $CO_2$ għal kull karozza individwali. Il-manifatturi għalhekk għandhom ikunu meħtieġa jiżguraw li l-emissjoni speċifika medja għall-karozzi l-ġodda kollha reġistrati fil-Komunità li huma responsabbli għalihom ma teċċedix il-medja tal-miri tal-emissjonijiet għal dawk il-karozzi. Dan ir-rekwiżit għandu jiddaħħal gradwalment bejn l-2012 u l-2015 sabiex jiffaċilita t-tranżizzjoni.~~

510/2011 premessa 19 (adattat)

Sabiex jiġi żgurat li l-miri jirriflettu l-karatteristiċi tal-manifatturi żgħar u speċjalizzati u li huma konsistenti mal-potenzjal ta' tnaqqis tal-manifattur, għandhom jiġu stabbiliti miri ta' tnaqqis ta' emissjonijiet alternattivi li jqisu l-potenzjal teknoloġiku tal-vetturi ta' manifattur partikolari biex inaqqsu l-emissjonijiet speċifiċi tas-$CO_2$ u li jkunu konsistenti mal-karatteristiċi tal-oqmsa tas-suq ikkonċernati. Din id-deroga għandha tkun koperta mir-reviżjoni tal-miri speċifiċi tal-emissjonijiet fl-Anness I, li għandha titlesta sa mhux aktar tard mill-bidu tal-2013.

443/2009 premessa 20 (adattat)
ġdid

(26) Mhuwiex xieraq li wieħed juża l-istess metodu biex jiddetermina l-miri tat-tnaqqis tal-emissjonijiet għal manifatturi ta' volumi kbar u għal manifatturi ta' volum żgħir meqjusa bħala indipendenti fuq il-bażi tal-kriterji stipulati f'dan ir-Regolament. Dawn il-manifatturi ta' volumi żgħar jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li japplikaw għal miri alternattivi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet marbuta mal-potenzjal teknoloġiku tal-vetturi ta' manifattur partikolari biex inaqqsu l-emissjonijiet speċifiċi tas-$CO_2$ u li jkunu konsistenti mal-karatteristiċi tal-oqsma tas-suq ikkonċernati. Din id-deroga għandha tkun koperta mir-reviżjoni tal-miri għall-emissjonijiet speċifiċi fl-Anness I li għandha titlesta sa mhux aktar tard mill-bidu tal-2013.

333/2014 premessa 7 (adattat)
ġdid

(27) B'rikonoxximent tal-impatt sproporzjonat fuq l-iżgħar manifatturi li jirriżulta minn konformità ma' miri tal-emissjonijiet speċifiċi ddefiniti abbażi tal-utilità tal-vettura, mill-piż amministrattiv kbir tal-proċedura tad-deroga u vantaġġ li huwa biss marġinali f'termini ta' tnaqqis ta' emissjonijiet ta' $CO_2$ mill-vetturi li jinbiegħu minn dawk il-manifatturi, il-manifatturi responsabbli għal inqas minn 1 000 karozza ġdida tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief irreġistrati annwalment fl-UE jenħtieġ li jkunu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-mira tal-emissjonijiet speċifiċi u l-primjum għal emissjonijiet eċċessivi. Madankollu, jekk manifattur li jkun kopert minn eżenzjoni xorta japplika għal deroga, li sussegwentement tingħatalu, ikun xieraq li l-manifattur ikun meħtieġ jikkonforma ma' dik il-mira tad-deroga. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali mill-istadju l-aktar bikri għal dawk il-manifatturi, huwa essenzjali li dik id-deroga tapplika mill-1 ta' Jannar 2012.

333/2014 premessa 9 (adattat)
ġdid

(28) Il-proċedura biex jingħataw derogi mill-mira ta' 95 g $CO_2$/km għall-flotta kollha għal manifatturi tal-karozzi speċjalizzati għandha tkompli lil hinn mill-2020. Madankollu, sabiex ikun żgurati li l-isforz ta' tnaqqis meħtieġ mill-manifatturi speċjalizzati huwa konsistenti ma' dak ta' volum kbir ta' manifatturi fir-rigward ta' dik il-mira. , mira ta' 45

% anqas mill-emmissjonijiet speċifiċi medji tal-manifatturi speċjalizzati fl-2007 għandha għalhekk tapplika mill-2020. Madankollu l-esperjenza turi, li l-manifatturi speċjalizzati għandhom l-istess potenzjal bħal dak tal-manifatturi l-kbar biex jilħqu l-miri ta' $CO_2$ u fir-rigward tal-miri stabbiliti mill-2025 'il quddiem mhuwiex ikkunsidrat xieraq li jkun hemm distinzjoni bejn dawk iż-żewġ kategoriji ta' manifatturi.

---

510/2011 premessa 20

L-Istrateġija tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ mill-karozzi tal-passiġġieri u minn vetturi kummerċjali ħfief stabbiliet approċċ integrat bil-għan li tintlaħaq il-mira tal-Unjoni ta' 120 g $CO_2$/km sas-sena 2012, filwaqt li ppreżentat ukoll viżjoni fuq perijodu itwal ta' żmien ta' tnaqqis ulterjuri tal-emissjonijiet. Ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 jissostanzja din l-opinjoni fuq perijodu itwal ta' żmien billi jistabbilixxi mira ta' 95 g $CO_2$/km bħala emissjonijiet medji għall-flotta ta' karozzi ġodda. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza ma' dak l-approċċ u biex tingħata ċertezza fl-ippjanar għall-industrija, għandha tiġi stabbilita mira fit-tul għall-emissjonijiet speċifiċi tas-$CO_2$ minn vetturi kummerċjali ħfief fl-2020.

---

443/2009 premessa 21 (adattat)

Il-manifatturi li jipproduċu għal suq ristrett għandhom ikunu permessi jibbenefikaw minn mira alternattiva li tkun ta' 25 % anqas mill-medja tal-emissjonijiet speċifiċi tas-$CO_2$ tagħhom fl-2007. Għandha tiġi determinata mira ekwivalenti fejn ma tkunx teżisti informazzjoni dwar il-medja tal-emissjonijiet speċifiċi tal-produttur għall-2007. Din id-deroga għandha tkun koperta mir-reviżjoni tal-miri għall-emissjonijiet speċifiċi fl-Anness I li għandha titlesta sa mhux aktar tard mill-bidu tal-2013.

---

443/2009 premessa 22 (adattat)

(29) Fid-determinazzjoni tal-emissjonijiet speċifiċi medji tas-$CO_2$ għall-karozzi l-ġodda u vetturi kummerċjali ħfief ġodda kollha reġistrati fil-Komunità fl-Unjoni li għalihom il-manifatturi huma responsabbli, jenħtieġ li jitqiesu l-karozzi u vetturi kummerċjali ħfief kollha irrispettivament mill-massa tagħhom jew minn kwalunkwe karatteristika oħra. Għalkemm ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 ma jkoprix karozzi al-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief b'referenza ta' massa li teċċedi l-2 610 kg u li għalihom l-approvazzjoni tat-tip ma ġietx estiża taħt l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 715/2007, l-emissjonijiet għal dawn il-karozzi il-vetturi għandhom jitkejlu konformement mal-istess proċedura ta' kejl speċifikata għall-karozzi tal-passiġġieri vetturi ħfief fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008[33] , u r-Regolamenti (UE) 2017/1151, u fir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1152[34] u (UE) 2017/1153[35] . Il-valuri ta' emissjonijiet ta'

---

33 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 tal-18 ta' Lulju 2008 li jimplimenta u jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward ta' l-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura (ĠU L 199, 28.7.2008, p. 1).

34 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1152 tat-2 ta' Ġunju 2017 li jistabbilixxi metodoloġija biex jiġu ddeterminati l-parametri ta' korrelazzjoni meħtieġa biex tiġi riflessa

$CO_2$ li jirriżultaw minn dan il-kejl jenħtieġ li jiddaħħlu fiċ-ċertifikat ta' konformità tal-vetturi sabiex ikun possibbli li dawn jiġu inklużi fl-iskema tal-monitoraġġ.

---

510/2011 premessa 22 (adattat)

(30) L-emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ ta' vetturi kummerċjali ħfief ikkompletati jenħtieġ li jiġu allokati lill-manifattur tal-vettura ta' bażi.

---

510/2011 premessa 23

~~Sabiex jiġi żgurat li l-valuri tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ u l-effiċjenza tal-karburant tal-vetturi kkompletati jkunu rappreżentattivi, il-Kummissjoni għandha tipproponi proċedura speċifika u tikkunsidra, fejn ikun xieraq, reviżjoni tal-leġislazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip.~~

---

ġdid

(31) Jenħtieġ li titqies is-sitwazzjoni speċifika tal-manifatturi ta' vetturi kummerċjali ħfief li jipproduċu vetturi mhux kompluti li jirċievu l-approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji. Filwaqt li dawk il-manifatturi huma responsabbli li jilħqu l-miri tal-emissjonijiet tas-$CO_2$, jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà jbassru b'ċertezza raġonevoli l-emissjonijiet tas-$CO_2$ tal-vetturi kompluti. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li dawk il-ħtiġijiet jiġu riflessi kif xieraq fir-Regolament (UE) 2017/1151.

---

443/2009 premessa 23 (adattat)

(32) Sabiex ikollhom il-flessibbiltà, il-manifatturi jistgħu, sabiex jilħqu flimkien il-miri tagħhom taħt dan ir-Regolament, jaqblu bejniethom biex jingħaqdu f'konsorzju miftuħ, trasparenti u mhux diskriminatorju. Il-ftehim biex jiġi ffurmat konsorzju m'għandux jaqbeż il-ħames snin, iżda jista' jiġġedded. Fejn il-manifatturi jiffurmaw konsorzju, jenħtieġ li jitqiesu li jkunu laħqu l-mira tagħhom skont dan ir-Regolament dejjem jekk il-medja tal-emissjonijiet mill-konsorzju komplessivament li jiffurmaw ma taqbiżx l-emmissjonijiet speċifiċi ~~emissjonijiet~~fil-mira għall-konsorzju.

---

ġdid

(33) Il-possibbiltà li manifatturi jiffurmaw konsorzji wriet li dan huwa mod kosteffikaċi biex tinkiseb il-konformità mal-miri tal-emissjonijiet tas-$CO_2$, b'mod partikolari peress li tiffaċilita l-konformità għal dawk il-manifatturi li jipproduċu varjetà ta' vetturi limitata. Biex tittejjeb in-newtralità kompetittiva, il-Kummissjoni jenħtieġ li jkollha s-setgħat li tiċċara l-kundizzjonijiet li fihom il-manifatturi indipendenti jistgħu jiffurmaw konsorzju u b'hekk jitqiegħdu f'pożizzjoni ekwivalenti għal impriżi konnessi.

---

l-bidla fil-proċedura tat-test regolatorju fir-rigward ta' vetturi kummerċjali ħfief u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 293/2012 (ĠU L 175, 7.7.2017, p. 644).

[35] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1153 tat-2 ta' Ġunju 2017 li jistabbilixxi metodoloġija biex jiġu determinati l-parametri ta' korrelazzjoni meħtieġa biex tiġi riflessa l-bidla fil-proċedura tat-test regolatorju u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1014/2010 (ĠU L 175, 7.7.2017, p. 679).

443/2009 premessa 24

(34) Huwa meħtieġ mekkaniżmu robust ta' konformità sabiex jiġi żgurat li l-miri f'dan ir-Regolament jintlaħqu.

ġdid

(35) Biex jinkiseb it-tnaqqis ta' $CO_2$ meħtieġ skont dan ir-Regolament, huwa essenzjali wkoll li l-emissjonijiet tal-vetturi li jkunu qegħdin jintużaw ikunu konformi mal-valuri tas-$CO_2$ determinati fl-approvazzjoni tat-tip. Għalhekk jenħtieġ li jkun possibbli li fil-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji ta' manifattur, il-Kummissjoni tqis kwalunkwe nuqqas ta' konformità sistemiku misjub mill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ tal-vetturi li jkunu qegħdin jintużaw.

(36) Biex tkun f'pożizzjoni li tieħu miżuri bħal dawn, il-Kummissjoni jenħtieġ li jkollha s-setgħat li tħejji u timplimenta proċedura biex tiġi vverifikata l-konformità fis-servizz tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ ta' vetturi ħfief li jitqiegħdu fis-suq. Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 jenħtieġ li jiġi emendat.

443/2009 premessa 25 (adattat)
ġdid

(37) L-emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ minn karozzi ġodda tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief jitkejlu fuq bażi armonizzata ~~fil-Komunità~~ fl-Unjoni konformement mal-metodoloġija stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 715/2007. Sabiex il-piż amministrattiv taħt dan ir-Regolament jitnaqqas kemm jista' jkun, il-konformità miegħu jenħtieġ li titkejjel permezz ta' referenza għad-data dwar ir-reġistrazzjoni ta' karozzi ġodda u vetturi kummerċjali ħfief fil-~~Komunità~~ fl-Unjoni miġbura mill-Istati Membri u rrapurtata lill-Kummissjoni. Biex tiġi żgurata l-konsistenza tad-data li tintuża għall-valutazzjoni tal-konformità, ir-regoli għall-ġbir u r-rappurtar ta' din id-data jenħtieġ li jiġu armonizzati kemm jista' jkun. Ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet kompetenti li tipprovdi data korretta u sħiħa għalhekk jenħtieġ li tiġi ddikjarata b'mod ċar, flimkien mal-ħtieġa għal kooperazzjoni effikaċi bejn dawk l-awtoritajiet u l-Kummissjoni fl-indirizzar ta' kwistjonijiet ta' kwalità tad-data.

443/2009 premessa 26 (adattat)

~~Id-Direttiva 2007/46/KE tipprevedi li l-manifatturi għandhom joħorġu ċertifikat tal-konformità li għandu jakkumpanja kull karozza tal-passiġġieri ġdida u li l-Istati Membri għandhom jippermettu r-reġistrazzjoni u d-dħul fis-servizz ta' karozza tal-passiġġieri ġdida biss jekk din ikollha magħha ċertifikat validu tal-konformità. Id-data miġbura mill-Istati Membri għandha tkun konsistenti maċ-ċertifikat tal-konformità maħruġ mill-manifattur għall-karozza tal-passiġġieri u għandha tkun ibbażata biss fuq din ir-referenza. Jekk l-Istati Membri, għal raġunijiet ġustifikati, ma jużawx iċ-ċertifikat ta' konformità sabiex itemmu l-proċess ta' reġistrazzjoni u d-dħul fis-servizz ta' karozza tal-passiġġieri ġdida, huma għandhom jimplimentaw il-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw il-preċiżjoni li tixraq fil-proċedura ta' monitoraġġ. Għandu jkun hemm database standard Komunitarja għaċ-ċertifikazzjoni tal-konformità tad-data. Din għandha tintuża bħala referenza unika li tippermetti li l-Istati Membri jżommu d-data ta' reġistrazzjoni b'mod aktar faċli meta vetturi ġodda jiġu reġistrati.~~

510/2011 premessa 27 (adattat)

(38) Il-konformità tal-manifatturi mal-miri skont dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi vvalutata fil-livell tal-Unjoni. Il-manifatturi li l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-$CO_2$ tagħhom jaqbżu dawk l-emissjonijiet permessi skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li jħallsu primjum għall-emissjonijiet eċċessivi fir-rigward ta' kull sena kalendarja. minn Jannar 2014. Il-primjum għandu jiġi mmodulat bħala funzjoni tal-firxa safejn il-manifatturi jonqsu milli jkunu konformi mal-mira tagħhom. Sabiex ikun żgurat li hemm konsistenza, il-mekkaniżmu tal-primjum għandu jkun simili għal dak stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 443/2009. L-ammonti tal-primjum għall-emissjonijiet eċċessivi għandhom jitqiesu bħala dħul għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

510/2011 premessa 28

(39) Kwalunkwe miżura nazzjonali li l-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu skont l-Artikolu 193 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) m'għandhiex, b'konsiderazzjoni tal-għan ta' u l-proċeduri stabbiliti f'dan ir-Regolament, timponi pieni addizzjonali jew aktar stretti fuq il-manifatturi li jonqsu milli jilħqu l-miri tagħhom skont dan ir-Regolament.

510/2011 premessa 29

(40) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni sħiħa tar-regoli ta' kompetizzjoni tal-Unjoni.

443/2009 premessa 30 (adattat)

Il-Kummissjoni għandha tqis modalitajiet ġodda biex tinkiseb il-mira fuq żmien twil, b'mod partikolari l-grad ta' nżul tal-kurva, il-parametru ta' utilità u l-iskema tal-premium għall-eċċess ta' emissjonijiet.

510/2011 premessa 31

Il-veloċità tal-vetturi tat-triq għandha influwenza qawwija fuq il-konsum tal-karburant u l-emissjonijiet tas-$CO_2$ tagħhom. Barra minn hekk, fin-nuqqas ta' limitazzjoni tal-veloċità li hija applikabbli għal vetturi kummerċjali ħfief, huwa possibbli li jkun hemm element ta' kompetizzjoni fir-rigward tal-ogħla veloċità li tista' twassal sabiex ikun hemm powertrains ta' daqs eċċessiv fil-vetturi u ineffiċjenzi assoċjati f'kondizzjonijiet li joperaw aktar bil-mod. Għalhekk, huwa xieraq li tiġi investigata l-fattibbiltà tal-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 92/6/KEE tal-10 ta' Frar 1992 dwar l-istallazzjoni u l-użu ta' apparat li jillimita l-veloċità għal ċerti kategoriji ta' vetturi tal-mutur fil-Komunità ([36]), bil-għan li jiġu inklużi vetturi kummerċjali ħfief koperti f'dan ir-Regolament.

[36] ĠU L 57, 2.3.1992, p. 27.

443/2009 premessa 31 (adattat)

Il-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu addottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi il-proċeduri għall-eżerċizzju ta' poteri ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni[37].

ġdid

(41) L-effikaċja tal-miri stabbiliti f'dan ir-Regolament biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ fil-fatt tistrieħ ħafna fuq kemm il-proċedura tat-test uffiċjali tkun rappreżentattiva. Skont l-Opinjoni tal-Mekkaniżmu għall-Pariri Xjentifiċi (SAM)[38] u r-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew, wara l-inkjesta tiegħu dwar il-kejl tal-emissjonijiet fis-settur awtomobilistiku[39], jenħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu għall-valutazzjoni ta' kemm il-valuri tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ tal-vetturi u l-konsum tal-enerġija mill-vetturi determinati skont ir-Regolament (UE) 2017/1151 huma fil-fatt rappreżentattivi tal-użu reali. Jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħat li tiżgura li data bħal din tkun pubblikament disponibbli, u, fejn meħtieġ, tiżviluppa l-proċeduri meħtieġa għall-identifikazzjoni u l-ġbir tad-data meħtieġa għat-twettiq ta' valutazzjonijiet bħal dawn.

(42) Huwa previst li fl-2024 jiġi eżaminat il-progress li sar skont [ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi u d-Direttiva dwar l-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet]. Għalhekk huwa xieraq li tiġi vvalutata l-effikaċja ta' dan ir-Regolament fl-istess sena biex ikun jista' jkun hemm valutazzjoni koordinata u koerenti tal-miżuri implimentati skont dawn l-istrumenti kollha.

(43) Ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011 jenħtieġ li jiġu mħassra mill-1 ta' Jannar 2020.

333/2014 premessa 15 (adattat)

(44) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament (KE) Nru 443/2009, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawn is-setgħat ikunu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[40].

37 ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

38 Opinjoni Xjentifika 1/2016 tal-Grupp ta' Livell Għoli ta' Konsulenti Xjentifiċi, "Closing the gap between light-duty vehicle real-world $CO_2$ emissions and laboratory testing"

39 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' April 2017 lill-Kunsill u lill-Kummissjoni wara l-inkjesta dwar il-kejl tal-emissjonijiet fis-settur awtomobilistiku (2016/2908 (RSP))

40 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

ġdid

(45) Is-setgħat ta' implimentazzjoni marbuta mal-Artikoli 6(8), 7(7) u (8), 8(3), 11(2), 12(3) u 14(3) jenħtieġ li jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[41].

443/2009 premessa 32 (adattat)

~~B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li temenda r-rekwiżiti ta' monitoraġġ u rappurtar fid-dawl tal-esperjenza tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, sabiex tistabbilixxi metodi għall-ġbir ta' premiums fuq l-eċċessi ta' emissjonijiet u biex tadotta dispożizzjonijiet dettaljati dwar id-deroga speċjali għal ċerti manifatturi indipendenti ta' volumi żgħar, u biex tadatta l-Anness I biex iqis l-evoluzzjoni tal-massa ta' karozzi ġodda reġistrati fil-Komunità u biex jirriflettu kwalunkwe bidla fil-proċedura tat-test regolatorju għall-kejl ta' emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$. Ladarba dawk il-miżuri huma ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, *inter alia* billi jissupplimentawh b'elementi ġodda mhux essenzjali, dawn għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.~~

333/2014 premessa 16 (adattat)
ġdid

(46) Sabiex jiġu emendati jew supplementati l-elementi mhux essenzjali tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament i~~I~~s-setgħa tal-adozzjoni ta' atti taħt l-Artikolu 290 tat-~~TFUE~~ it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni ~~sabiex~~ fir-rigward ta' ~~jiġi emendat~~ għall-emendar tal-Annessi II u III ~~tar-Regolament (KE) Nru 443/2009~~ fir-rigward tar-rekwiżiti tad-data u l-parametri tad-data,~~;~~ ~~is-supplementar~~ li jissupplimentaw ir-regoli dwar l-interpretazzjoni tal-kriterji ta' eliġibilità għal derogi minn miri tal-emissjonijiet speċifiċi, dwar il-kontenut tal-applikazzjonijiet għal deroga u dwar il-kontenut u l-valutazzjoni ta' programmi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$,~~;~~ ~~l-aġġustar~~ l-aġġustament taċ-ċifra ta' $M_0$ u $TM_0$, imsemmija fl-Artikolu 13 ~~fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 443/2009~~, il-limitu ta' 7 g $CO_2$/km imsemmi fl-Artikolu 11, u l-aġġustament tal-formuli fl-Anness I imsemmija fl-Artikolu 14(3) ~~għall-massa medja tal-karozzi tal-passiġġieri ġodda fit-tliet snin kalendarji preċedenti; u l-adattar tal-formuli fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 443/2009~~. Huwa importanti ħafna li l-Kummissjoni tagħmel il-konsultazzjonijiet xierqa matul il-fażi tal-ħidma ta' tħejjija, inkluż fil-livell ta' esperti u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[42]. ~~Il-Kummissjoni, meta tipprepara jew tfassal~~ B'mod partikolari biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, ~~il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jenħtieġ li jirċievu d-dokumenti rilevanti~~

[41] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

[42] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

kollha fl-istess ħin li jirċevuhom ukoll l-esperti tal-Istati Membri u l-esperti tagħhom jenħtieġ li jkollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati .

---

443/2009 premessa 33 (adattat)

Id-Deċiżjoni Nru 1753/2000/KE għandha titħassar għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni u ċarezza legali.

---

510/2011 premessa 34 (adattat)

(47) Ladarba l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-istabbiliment ta' rekwiżiti tar-rendiment tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ għal karozzi ġodda tal-passiġġieri u għal vetturi kummerċjali ħfief ġodda, ma jistax jinkiseb suffiċjentement mill-Istati Membri u jista' għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni proposta, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkiseb dak il-għan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

---

443/2009 (adattat)

*Artikolu 1*

**Suġġett u għanijiet**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti ta' rendiment tal-emmissjonijiet ta' $CO_2$ għall-karozzi ġodda tal-passiġġieri u għal vetturi kummerċjali ħfief ġodda sabiex jiġi żgurat il-funzjonament korrett tas-suq intern u sabiex tintlaħaq il-mira ġenerali tal-Komunità Ewropea ta' 120 g $CO_2$/km bħala emissjonijiet medji għall-flotta ta' karozzi ġodda. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-emissjonijiet medji ta' $CO_2$ għal karozzi ġodda tal-passiġġieri fil-livell ta' 130 g $CO_2$/km, permezz ta' titjib fit-teknoloġija tal-vetturi motorizzati, kif imkejla konformement mar-Regolament (KE) Nru 715/2007 u mal-miżuri implimentattivi tiegħu, u permezz ta' teknoloġiji innovattivi.

---

510/2011 (adattat)

*Artikolu 1*

**Suġġett u għanijiet**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti tar-rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ għal vetturi kummerċjali ħfief ġodda. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-emissjonijiet medji ta' $CO_2$ għal vetturi kummerċjali ħfief ġodda għal 175 g $CO_2$/km, permezz ta' titjib fit-teknoloġija tal-vetturi, kif imkejla skont ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 u l-miżuri implimentattivi tiegħu, u t-teknoloġiji innovattivi.

333/2014 Art. 1.1 (adattat)

~~Mill-2020 'il quddiem, dan ir-Regolament jistabbilixxi mira ta' 95 g $CO_2$/km bħala emissjonijiet medji tal-flotta tal-karozzi ġodda kif imkejla skont ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 u l-Anness XII tar-Regolament (KE) Nru 692/2008 u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu, u t-teknoloġiji innovattivi.~~

253/2014 Art. 1.1 (adattat)
ġdid

2. Mill- 1 ta' Jannar tas-sena 2020, dan ir-Regolament jistabbilixxi mira ~~għall-~~ flotta kollha tal-UE ta' 95 g $CO_2$/km għall-emissjonijiet medji ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri u mira għall- flotta kollha tal-UE ta' 147 g $CO_2$/km għall-emissjonijiet medji ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati fl-Unjoni, kif imkejla sal-31 ta' Diċembru 2020 f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 692/2008 flimkien mar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1152 u (UE) 2017/1153, u, mill-1 ta' Jannar 2021, imkejla skont ir-Regolament (UE) 2017/1151 ~~715/2007 u l-miżuri ta' implimentazzjoni u t-teknoloġiji innovattivi~~.

443/2009 (adattat)
ġdid

3. Dan ir-Regolament ser jiġi komplementat sal-31 ta' Diċembru 2024 minn miżuri addizzjonali li jikkorrispondu għal tnaqqis ta' 10g $CO_2$/km bħala parti mill-approċċ integrat ~~tal-Komunità~~ tal-Unjoni msemmi fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tal-2007[43] .

ġdid

4. Mill-1 ta' Jannar 2025 għandhom japplikaw il-miri li ġejjin għall-flotta kollha tal-UE:

(a) għall-emissjonijiet medji tal-flotta ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri, mira għall-flotta kollha tal-UE ugwali għal tnaqqis ta' 15 % tal-medja tal-miri tal-emissjonijiet speċifiċi fl-2021, determinata skont il-punt 6.1.1 tal-Parti A tal-Anness I;

(b) għall-emissjonijiet medji tal-flotta ta' vetturi kummerċjali ħfief, mira għall-flotta kollha tal-UE ugwali għal tnaqqis ta' 15 % tal-medja tal-miri tal-emissjonijiet speċifiċi fl-2021, determinata skont il-punt 6.1.1 tal-Parti B tal-Anness I;

5. Mill-1 ta' Jannar 2030 għandhom japplikaw il-miri li ġejjin:

(a) għall-emissjonijiet medji tal-flotta ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri, mira għall-flotta kollha tal-UE ugwali għal tnaqqis ta' 30 % tal-medja tal-miri tal-emissjonijiet speċifiċi fl-2021, determinata skont il-punt 6.1.2 tal-Parti A tal-Anness I;

[43] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tas-7 ta' Frar 2007 Ir-riżultati tar-reviżjoni ta' l-Istrateġija Komunitarja sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ minn karozzi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief (COM(2007) 19 final).

(b) għall-emissjonijiet medji tal-flotta ta' vetturi kummerċjali ħfief, mira għall-flotta kollha tal-UE ugwali għal tnaqqis ta' 30 % tal-medja tal-miri tal-emissjonijiet speċifiċi fl-2021, determinata skont il-punt 6.1.2 tal-Parti B tal-Anness I.

---

443/2009 (adattat)

*Artikolu 2*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-vetturi bil-mutur ~~li ġejjin~~:

(a) tal-kategorija $M_1$ kif definiti fl-Anness II tad-Direttiva 2007/46/KE ("karozzi tal-passiġġieri") li huma reġistrati ~~fil-Komunità~~ fl-Unjoni għall-ewwel darba u li qatt ma kienu reġistrati barra ~~l-Komunità~~ l-Unjoni ("karozzi ġodda tal-passiġġieri")~~.~~;

~~2. Ir-reġistrazzjoni preċedenti li ssir barra mill-Komunità ta' inqas minn tliet xhur qabel ir-reġistrazzjoni fil-Komunità m'għandhiex titqies.~~

~~3. Dan ir-Regolament ma japplikax għal vetturi bi skopijiet speċjali kif definiti fil-punt 5 tal-Parti A tal-Anness II tad-Direttiva 2007/46/KE.~~

---

333/2014 Art. 1.2 (adattat)

~~4. B'effett mill-1 ta' Jannar 2012, l-Artikolu 4, l-Artikolu 8(4)(b) u (c), l-Artikolu 9 u l-Artikolu 10(1)(a) u (c) ma għandhomx japplikaw għal manifattur li jkun responsabbli, flimkien mal-impriżi konnessi kollha tiegħu, għal inqas minn 1 000 karozza ġdida tal-passiġġieri rreġistrata fl-Unjoni fis-sena kalendarja preċedenti.~~

---

510/2011 (adattat)

~~*Artikolu 2*~~

~~**Kamp ta' applikazzjoni**~~

~~1.~~ Dan ir-Regolament għandu japplika għall-vetturi bil-mutur ~~li ġejjin~~(b) tal-kategorija $N_1$ kif definiti fl-Anness II tad-Direttiva 2007/46/KE b'massa ta' referenza li ma teċċedix l-2 610 kg u ~~għal vetturi tal-~~ kategorija $N_1$ li għalihom l-approvazzjoni tat-tip hija estiża f'konformità mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 ("vetturi kummerċjali ħfief") li jiġu rreġistrati fl-Unjoni għall-ewwel darba u li ma ġewx irreġistrati qabel barra l-Unjoni ("vetturi kummerċjali ħfief ġodda").

2. Reġistrazzjoni preċedenti barra l-Unjoni li tkun saret inqas minn tliet xhur qabel ir-reġistrazzjoni fl-Unjoni m'għandhiex tiġi kkunsidrata.

3. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għal vetturi bi skopijiet speċjali kif definiti fil-punt 5 tal-Parti A tal-Anness II tad-Direttiva 2007/46/KE.

253/2014 Art. 1.2 (adattat)
ġdid

4. L-Artikolu 4, l-Artikolu~~8~~7 (4)(b) u (c), l-Artikolu ~~9~~8 u l-Artikolu 9~~10~~(1)(a) u (c) ma għandhomx japplikaw għal manifattur li, flimkien mal-impriżi kollha assoċjati miegħu, huwa responsabbli għal inqas minn 1 000 karozza ġdida tal-passiġġieri jew għal inqas minn 1 000 vettura kummerċjali ħafifa ġdida rreġistrati fl-Unjoni fis-sena kalendarja preċedenti , sakemm dak il-manifattur ma japplikax għal deroga, li sussegwentament tingħatalu, skont l-Artikolu 10 .

443/2009 (adattat)

~~*Artikolu 3*~~

~~Definizzjonijiet~~

~~1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet li ġejjin:~~

~~(a) "emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$" tfisser, relattivament għal manifattur, il-medja ta' emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ mill-karozzi ġodda kollha tal-passiġġieri, prodotti minn dak il-manifattur;~~

~~(b) "ċertifikat tal-konformità" tfisser iċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 2007/46/KE;~~

~~(c) "manifattur"tfisser il-persuna jew il-korp responsabbli lejn l-awtorità ta' approvazzjoni għall-aspetti kollha tal-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE taħt id-Direttiva 2007/46/KE u biex tiġi żgurata l-konformità tal-produzzjoni;~~

~~(d) "massa" tfisser il-massa tal-karozza bil-karrozzerija, f'kundizzjoni li taħdem, kif dikjarata fiċ-ċertifikat tal-konformità u kif definita fis-Sezzjoni 2.6 tal-Anness I tad-Direttiva 2007/46/KE;~~

~~(e) "footprint" tfisser il-wisa' bejn ir-roti (track width) mmultiplikata bit-tul bejn il-fusien (wheelbase), kif mistqarr fiċ-ċertifikat ta' konformità u ddefinit fit-taqsimiet 2,1 u 2.3 tal-Anness I tad-Direttiva 2007/46/KE;~~

~~(g) "mira ta' emissjonijiet speċifiċi" tfisser, fir-rigward ta' manifattur, il-medja ta' emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ permessi taħt l-Anness I fir-rigward ta' kull karozza ġdida tal-passiġġieri, prodotta minn dak il-manifattur, jew fejn il-manifattur ngħata deroga taħt l-Artikolu 11, il-mira ta' emissjonijiet speċifiċi determinata taħt dik id-deroga.~~

~~2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament "grupp ta' manifatturi konnessi" tfisser manifattur u l-impriżi konnessi tiegħu. Fir-rigward ta' manifattur, "grupp ta' manifatturi konnessi" tfisser:~~

~~(a) impriżi li fihom il-manifattur ikollu, direttament jew indirettament:~~

333/2014 Art. 1.3 (adattat)

~~– is-setgħa li jeżerċita aktar minn nofs id-drittijiet tal-vot; jew~~

443/2009 (adattat)

– ~~is-setgħa li jaħtar aktar minn nofs il-membri tal-bord superviżorju, tal-bord ta' ġestjoni jew tal-korpi li jirrappreżentaw lill-impriża ġuridikament; jew~~

– ~~id-dritt ta' ġestjoni tal-affarijiet tal-impriża;~~

~~(b) impriżi li direttament jew indirettament ikollhom id-drittijiet jew setgħat elenkati fil-punt (a) fuq il-manifattur;~~

~~(c) impriżi li fihom impriża msemmija fil-punt (b) ikollha, direttament jew indirettament, id-drittijiet jew setgħat elenkati fil-punt (a);~~

~~(d) impriżi li fihom il-manifattur flimkien ma' impriża waħda jew aktar imsemmija fil-punti (a), (b) jew (c), jew li fihom tnejn jew aktar mill-impriżi tal-aħħar, konġuntament ikollhom id-drittijiet jew setgħat elenkati fil-punt (a);~~

~~(e) impriżi li fihom id-drittijiet jew is-setgħat elenkati fil-punt (a) ikunu miżmuma konġuntament mill-manifattur jew waħda jew aktar mill-impriżi konnessi tiegħu msemmija fil-punti (a) sa (d) u parti terza waħda jew aktar.~~

---

510/2011 (adattat)
ġdid

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$" tfisser, fir-rigward ta' manifattur, l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-$CO_2$ tal-karozzi kollha ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda kollha, prodotti minn dak il-manifattur;

(b) "ċertifikat tal-konformità" tfisser iċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 2007/46/KE;

(c) "vettura kompletata" tfisser vettura kummerċjali ħafifa li tkun ingħatatilha l-approvazzjoni tat-tip wara li dan il-proċess jitwettaq f'aktar minn fażi waħda skont id-Direttiva 2007/46/KE;

(d) "vettura kompluta" tfisser kwalunkwe vettura kummerċjali ħafifa li m'għandhiex bżonn tiġi kkompletata biex tissodisfa r-rekwiżiti tekniċi rilevanti tad-Direttiva 2007/46/KE;

(e) "vettura bażi" tfisser kwalunkwe vettura kummerċjali ħafifa użata fl-istadju inizjali ta' proċess ta' approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji;

(f) "manifattur"tfisser il-persuna jew il-korp responsabbli lejn l-awtorità ta' approvazzjoni għall-aspetti kollha tal-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE taħt id-Direttiva 2007/46/KE u biex tiġi żgurata l-konformità tal-produzzjoni;

(g) "massa fi stat ta' tħaddim " tfisser il-massa tal-karozza tal-passiġġieri jew tal-vettura kummerċjali ħafifa bil-karrozzerija fi stat tajjeb ta' tħaddim kif iddikjarat fiċ-ċertifikat ta' konformità u kif definit fit-Taqsima 2.6 tal-Anness I tad-Direttiva 2007/46/KE;

~~(h) "emissjonijiet speċifiċi tas-$CO_2$" tfisser l-emissjonijiet minn vettura kummerċjali ħafifa mkejla skont ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 u speċifikati bħala l-massa tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ (ikkombinati) fiċ-ċertifikat ta' konformità tal-vettura kompluta jew ikkompletata;~~

---

| 443/2009 (adattat) ġdid |
|---|

~~(f)~~(h) "emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$" tfisser l-emissjonijiet $CO_2$ minn karozza tal- passiġġieri jew minn vettura kummerċjali ħafifa mkejla konformement mar-Regolament (KE) Nru 715/2007 u r-Regolamenti ta' implimentazzjoni tiegħu u speċifikati bħala l-massa ta' emissjonijiet (kombinati) ta' $CO_2$ fiċ-ċertifikat ta' konformità tal-vettura . Għal karozzi tal-passiġġieri jew għal vetturi kummerċjali ħfief li m'għandhomx approvazzjoni tat-tip konformement mar-Regolament (KE) Nru 715/2007, "emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$" tfisser li l-emissjonijiet ta' $CO_2$ mkejla konformement mal-istess proċedura ta' kejl kif speċifikata ~~għall-karozzi tal-passiġġieri~~ fir-Regolament (KE) Nru 692/2008 sal-31 ta' Diċembru 2020, u mill-1 ta' Jannar 2021, fir-Regolament (UE) 2017/1151 , jew konformement mal-proċeduri adottati mill-Kummissjoni biex jiġu stabbiliti l-emissjonijiet ta' $CO_2$ għal dawn ~~il-karozzi tal-passiġġieri~~ il-vetturi ;

---

| 510/2011 ġdid |
|---|

~~(j)~~(i) "footprint" tfisser il-wisa' medja bejn rota u oħra mmultiplikata bid-distanza bejn il-fusijiet ta' quddiem u ta' wara, skont iċ-ċertifikat ta' konformità u kif iddefinit fit-Taqsimiet 2.1 u 2.3 tal-Anness I tad-Direttiva 2007/46/KE;

~~(i)~~(j) "mira ta' emissjonijiet speċifiċi" tfisser, fir-rigward ta' manifattur, ~~il-medja ta' emissjonijiet speċifiċi indikattivi~~ tal-mira annwali ta' $CO_2$ stabbiliti skont l-Anness I ~~fir-rigward ta' kull vettura kummerċjali ħafifa ġdida prodotta minn dak il-manifattur,~~ jew, jekk il-manifattur jingħata deroga skont l-Artikolu 10~~11~~, il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi ddeterminata skont dik id-deroga;

---

| ġdid |
|---|

(k) "mira għall-flotta kollha tal-UE" tfisser l-emissjonijiet medji ta' $CO_2$ għall-karozzi l-ġodda kollha tal-passiġġieri jew għall-vetturi kummerċjali ħfief ġodda kollha li jridu jintlaħqu f'perjodu partikolari;

(l) "massa tat-test" tfisser il-massa tat-test ta' karozza tal-passiġġieri jew vettura kummerċjali ħafifa kif stabbilit fiċ-ċertifikat tal-konformità u kif definit fil-punt 3.2.25 tal-Anness XXI tar-Regolament (UE) 2017/1151;

(m) "vetturi b'emissjonijiet ta' livell żero jew baxxi" tfisser karozza tal-passiġġieri jew vettura kummerċjali ħafifa b'emissjonijiet mill-pajp tal-egżost

minn żero sa 50 g $CO_2$/km, kif determinati skont ir-Regolament (UE) 2017/1151.

---

| 510/2011 |
|---|

~~(k)~~(n) "piż tat-tagħbija" tfisser id-differenza bejn il-massa bit-tagħbija massima teknikament permissibbli f'konformità mal-Anness II tad-Direttiva 2007/46/KE u l-massa tal-vettura.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament "grupp ta' manifatturi konnessi" tfisser manifattur u l-impriżi konnessi tiegħu. Fir-rigward ta' manifattur, "grupp ta' manifatturi konnessi" tfisser:

(a) impriżi li fihom il-manifattur ikollu, direttament jew indirettament:

(i) is-setgħa li jeżerċita aktar minn nofs id-drittijiet tal-vot; jew

(ii) is-setgħa li jaħtar aktar minn nofs il-membri tal-bord superviżorju, tal-bord ta' ġestjoni jew tal-korpi li jirrappreżentaw lill-impriża ġuridikament; jew

(iii) id-dritt ta' ġestjoni tal-affarijiet tal-impriża;

(b) impriżi li direttament jew indirettament ikollhom id-drittijiet jew setgħat elenkati fil-punt (a) fuq il-manifattur;

(c) impriżi li fihom impriża msemmija fil-punt (b) ikollha, direttament jew indirettament, id-drittijiet jew setgħat elenkati fil-punt (a);

(d) impriżi li fihom il-manifattur flimkien ma' impriża waħda jew aktar imsemmija fil-punti (a), (b) jew (c), jew li fihom tnejn jew aktar mill-impriżi tal-aħħar, konġuntament ikollhom id-drittijiet jew setgħat elenkati fil-punt (a);

(e) impriżi li fihom id-drittijiet jew is-setgħat elenkati fil-punt (a) huma miżmumin flimkien mill-manifattur jew minn waħda jew aktar mill-impriżi relatati miegħu msemmija fil-punti (a) sa (d) u parti terza waħda jew aktar.

*Artikolu 4*

**Miri tal-emissjonijiet speċifiċi**

---

| ġdid |
|---|

1. Il-manifattur għandu jiżgura li l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-$CO_2$ tiegħu ma jaqbżux il-miri tal-emissjonijiet speċifiċi i ġejjin:

(a) għas-sena kalendarja 2020, il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi determinata skont il-punti 1 u 2 tal-Parti A tal-Anness I fil-każ tal-karozzi tal-passiġġieri, jew il-punti 1 u 2 tal-Parti B tal-Anness I fil-każ ta' vetturi kummerċjali ħfief, inkella fil-każ li manifattur jingħata deroga skont l-Artikolu 10, f'konformità ma' dik id-deroga;

510/2011 (adattat)
ġdid

(b) Ggas-sena kalendarja li tibda fl-1 Jannar 2014 u kull sena kalendarja sussegwenti mill-2021 sal-2024 , kull manifattur ta' vetturi kummerċjali ħfief għandu jiżgura li l-emmissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$ tiegħu ma jaqbżux il-mira tal-emmissjonijiet speċifiċi tiegħu determinata konformement mal-punti 3 u 4 tal-Partijiet A jew B tal- Anness I kif xieraq jew, meta manifattur jingħata deroga skont l-Artikolu 1110 , konformement ma' dik id-deroga u l-punt 5 tal-Partijiet A jew B tal-Anness I;,

ġdid

(c) għall-kull sena kalendarja, mill-2025 'il quddiem, il-miri tal-emissjonijiet speċifiċi determinati skont il-punt 6.3 tal-Partijiet A jew B tal-Anness I.

510/2011 (adattat)

2. Fil-każ ta' vetturi kummerċjali ħfief, Mmeta l-emissjonijiet speċifiċi tal-vettura kompletata ma jkunux disponibbli, il-manifattur tal-vettura bażi għandu jużа l-emissjonijiet speċifiċi tal-vettura bażi biex jistabbilixxi l-emissjonijiet speċifiċi medji tagħha ta' $CO_2$.

Sabiex jiġu stabbiliti l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$, ta' kull manifattur, għandhom jitqiesu l-perċentwali li ġejjin tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda ta' kull manifattur irreġistrati fis-sena rilevanti:

– 70 % fl-2014,

– 75 % fl-2015,

– 80 % fl-2016,

– 100 % mill-2017 'il quddiem.

443/2009 (adattat)

*Artikolu 4*

**Miri tal-emissjonijiet speċifiċi**

Għas-sena kalendarja li tibda mill- 1 ta' Jannar 2012 u kull sena kalendarja sussegwenti, kull manifattur tal-karozzi tal-passiġġieri għandu jassigura li l-emissjonijiet speċifiċi medji tiegħu ta' $CO_2$ ma jeċċedux il-mira tiegħu ta' emissjonijiet speċifiċi determinata taħt l-Anness I jew, fejn manifattur ngħata deroga taħt l-Artikolu 11, taħt dik id-deroga.

333/2014 Art. 1.4 (adattat)

3. Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$ ta' kull manifattur, għandu jittieħed kont tal-perċentwali, li ġejjin, għall-karozzi tal-passiġġieri ġodda, ta' kull manifattur, li jiġu reġistrati fis-sena rilevanti:

– ~~65 % fl-2012,~~

– ~~75 % fl-2013,~~

– ~~80 % fl-2014,~~

– ~~100 % mill-2015 sal-2019,~~

– 95 % fl-2020,

– 100 %~~ sal-aħħar tal-2020~~ mill-2021 'il-quddiem.

443/2009 (adattat)

~~*Artikolu 5*~~

~~**Super-krediti**~~

~~Meta jiġu kkalkulati l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$, kull vettura ġdida tal-passiġġieri b'livell ta' emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ inqas minn 50 g $CO_2$/km għandha titqies bħala:~~

– ~~3,5 karozzi fl-2012,~~

– ~~3,5 karozzi fl-2013,~~

– ~~2,5 karozzi fl-2014,~~

– ~~1,5 karozzi fl-2015,~~

– ~~karozza waħda mill-2016 'il quddiem.~~

510/2011 (adattat)

~~*Artikolu 5*~~

~~Super-krediti~~

~~Meta jiġu kkalkulati l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$, kull vettura kummerċjali ħafifa ġdida b'livell ta' emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ inqas minn 50 g $CO_2$/km għandha titqies bħala:~~

– ~~3,5 vetturi kummerċjali ħfief fl-2014,~~

– ~~3,5 vetturi kummerċjali ħfief fl-2015,~~

– ~~2,5 vetturi kummerċjali ħfief fl-2016,~~

– ~~1,5 vetturi kummerċjali ħfief fl-2017,~~

– ~~vettura kummerċjali ħafifa fl-2018.~~

~~Għat-tul kollu tal-iskema tas-super-krediti, l-għadd massimu ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda, b'emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ ta' anqas minn 50 g $CO_2$/km, li għanddu jitqies fl-applikazzjoni tal-multiplikaturi stabbiliti fl-ewwel paragrafu m'għandux jaqbeż il-25 000 vettura kummerċjali ħafifa għal kull manifattur.~~

---

| 333/2014 Art. 1.5 ġdid |
|---|

*Artikolu 5~~a~~*

**Super krediti għall-mira ta' 95 g $CO_2$/km**

Meta jiġu kkalkulati l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$, kull vettura ġdida tal-passiġġieri b'livell ta' emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ inqas minn 50 g $CO_2$/km għandha titqies bħala:

– 2 karozzi tal-passiġġieri fl-2020,

– 1,67 karozzi tal-passiġġieri fl-2021,

– 1,33 karozzi tal-passiġġieri fl-2022,

– karozza waħda tal-passiġġieri mill-2023,

għas-sena li fiha tiġi rreġistrata fil-perjodu mill-2020 sal-2022, soġġett għal limitu massimu ta' 7,5 g $CO_2$/km matul dak il-perjodu għal kull manifattur u soġġett għall-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1153 .

---

| 443/2009 (adattat) |
|---|

~~*Artikolu 6*~~

~~**Mira ta' emissjonijiet speċifiċi għal vetturi li jaħdmu b'karburant alternattiv**~~

~~Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-konformità, min-naħa ta' manifattur, mal-mira tal-emissjonijiet speċifiċi msemmija fl-Artikolu 4, l-emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$, ta' kull vettura maħsuba biex taħdem fuq taħlita ta' petrol b'85 % etanol ('E85') li tissodisfa l-leġiżlazzjoni Komunitarja rilevanti jew l-istandards tekniċi Ewropej, għandhom jitnaqqsu b'5 % sal- 31 ta' Diċembru 2015 b'rikonoxximent tal-kapaċità teknoloġika akbar u taż-żieda fit-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-bijokarburanti. Dan it-tnaqqis għandu japplika biss fejn talanqas 30 % tal-pompi tal-karburant fl-Istat Membru li fih tkun reġistrata l-vettura jipprovdu dan it-tip ta' karburant alternattiv u jikkonformaw mal-kriterji ta' sostenibbiltà għall-bijokarburanti stipulati fil-leġiżlazzjoni Komunitarja rilevanti.~~

---

| 510/2011 (adattat) |
|---|

~~*Artikolu 6*~~

~~**Mira speċifika ta' emissjonijiet għal vetturi kummerċjali ħfief li jaħdmu b'karburant alternattiv**~~

~~Sabiex tiġi ddeterminata l-konformità ta' manifattur mal-mira speċifika ta' emissjonijiet tiegħu msemmija fl-Artikolu 4, l-emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ ta' kull vettura kummerċjali ħafifa li hija mfassla sabiex tkun tista' taħdem b'taħlita ta' petrol b'85 % bijoetanol ("E85"), u li tkun konformi mal-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni jew l-istandards tekniċi Ewropej, għandhom jitnaqqsu b'5 % sal-31 ta' Diċembru 2015 b'rikonoxximent tal-kapaċità teknoloġika akbar u taż-żieda fit-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-bijokarburanti. Dan it-tnaqqis għandu japplika biss fejn mill-inqas 30 % tal-pompi tal-karburant fl-Istat Membru li fih il-vettura kummerċjali ħafifa tkun irreġistrata jipprovdu dan it-tip ta' karburant alternattiv li jikkonforma mal-kriterji ta' sostenibbiltà għall-bijokarburanti stabbiliti fil-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni.~~

*Artikolu ~~7~~6*

**Konsorzji**

1. Il-manifatturi ta' ~~vetturi kummerċjali ħfief ġodda~~, minbarra l-manifatturi li ngħataw deroga taħt l-Artikolu ~~11~~10, jistgħu jiffurmaw konsorzju bl-għan li jissodisfaw l-obbligi tagħhom taħt l-Artikolu 4.

2. Il-ftehim dwar l-iffurmar ta' konsorzju jista' jirrigwarda sena kalendarja waħda jew aktar bil-kundizzjoni li l-perjodu kumplessiv ta' kull ftehim ma jaqbiżx il-ħames snin kalendarji u għandu jibda' fi jew qabel il-31 ta' Diċembru fl-ewwel sena kalendarja li fiha jkunu se jingħaqdu l-emissjonijiet. Il-manifatturi li jiffurmaw konsorzju għandhom jirreġistraw mal-Kummissjoni l-informazzjoni li ġejja:

   (a) il-manifatturi li ser ikunu inklużi fil-konsorzju;

   (b) il-manifattur li ġie nnominat bħala l-amministratur tal-konsorzju li ser ikun il-punt ta' kuntatt għall-konsorzju u li ser ikun responsabbli għall-ħlas ta' kwalunkwe primjum għal emissjonijiet eċċessivi li jiġi impost fuq l-konsorzju f'konformità mal-Artikolu ~~9~~8;

   (c) evidenza li l-amministratur tal-konsorzju ser ikun kapaċi jissodisfa l-obbligi msemmijin fil-punt (b);~~.~~

---

ġdid

(d) il-kategorija ta' vetturi rreġistrati bħala $M_1$ jew $N_1$, li għalihom japplika l-konsorzju.

---

510/2011

3. Meta l-amministratur propost tal-konsorzju jonqos milli jissodisfa r-rekwiżit li jħallas kwalunkwe primjum għal emissjonijiet eċċessivi li jiġi impost fuq l-konsorzju f'konformità mal-Artikolu ~~9~~8 , il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-manifatturi.

4. Il-manifatturi inklużi f'konsorzju għandhom jinfurmaw flimkien lill-Kummissjoni bi kwalunkwe bidla li ssir tal-amministratur tal-konsorzju jew tal-istatus finanzjarju tagħha, sal-punt li dan jaffettwa l-kapaċità tagħha li tissodisfa r-rekwiżit li tħallas kwalunkwe primjum għal emissjonijiet eċċessivi li jiġi impost fuq l-konsorzju f'konformità mal-Artikolu 8~~9~~ u bi kwalunkwe bidliet fis-sħubija tal-konsorzju jew ix-xoljiment tal-konsorzju.

5. Il-manifatturi jistgħu jidħlu għal arranġamenti ta' konsorzju bil-kundizzjoni li l-ftehimiet jikkonformaw mal-Artikoli 101 u 102 TFUE u li jippermettu l-parteċipazzjoni miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja f'termini kummerċjalment raġonevoli minn kwalunkwe manifattur li jitlob li jsir membru tal-konsorzju. Mingħajr preġudizzju għall-applikabbiltà ġenerali tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni għal konsorzji bħal dawn, il-membri kollha ta' konsorzju għandhom jiżguraw b'mod partikolari li ma jsir l-ebda skambju ta' data u

lanqas ta’ informazzjoni fil-kuntest tal-arranġament tal-konsorzju tagħhom, għajr fir-rigward tal-informazzjoni li ġejja:

(a) l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-$CO_2$;

(b) il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi;

(c) l-għadd totali ta’ vetturi rreġistrati.

6. Il-paragrafu 5 m’għandux japplika fejn il-manifatturi kollha inklużi fil-konsorzju ikunu parti mill-istess grupp ta' manifatturi konnessi.

7. Ħlief fejn tingħata notifika taħt il-paragrafu 3, il-manifatturi f’konsorzju li fir-rigward tiegħu tiġi reġistrata l-informazzjoni mal-Kummissjoni għandhom jitqiesu bħala manifattur wieħed għall-finijiet tat-twettiq minnhom tal-obbligi tagħhom taħt l-Artikolu 4. L-informazzjoni dwar il-monitoraġġ u r-rappurtaġġ fir-rigward ta’ manifatturi individwali kif ukoll ta’ kwalunkwe konsorzju ser tiġi rreġistrata, irrappurtata u ssir disponibbli fir-reġistru ċentrali msemmi fl-Artikolu ~~8~~7(4).

---

ġdid

8. Il-Kummissjoni tista’ tispeċifika l-kundizzjonijiet dettaljati li għandhom japplikaw għal arranġamenti ta’ konsorzji stabbiliti skont il-paragrafu 5 permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni li jiġu adottati f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 15(2).

---

443/2009 (adattat)

~~*Artikolu 7*~~

~~**Konsorzji**~~

~~1. Il-manifatturi, minbarra dawk il-manifatturi li ngħataw deroga taħt l-Artikolu 11, jistgħu jiffurmaw konsorzju bil-għan li jilħqu l-obbligi tagħhom taħt l-Artikolu 4.~~

~~2. Il-ftehim dwar l-iffurmar ta’ konsorzju jista’ jirrigwarda sena kalendarja waħda jew aktar bil-kundizzjoni li l-perjodu kumplessiv ta’ kull ftehim ma jaqbiżx il-ħames snin kalendarji u għandu jibda’ fi jew qabel il-31 ta' Diċembru fl-ewwel sena kalendarja li fiha jkunu se jingħaqdu l-emissjonijiet. Il-manifatturi li jiffurmaw konsorzju għandhom jirreġistraw mal-Kummissjoni l-informazzjoni li ġejja:~~

~~(a) il-manifatturi li ser ikunu inklużi fil-konsorzju;~~

~~(b) il-manifattur li ġie nnominat bħala l-amministratur tal-konsorzju li ser ikun il-punt ta’ kuntatt għall-konsorzju u li ser ikun responsabbli għall-ħlas ta’ kwalunkwe primjum għal emissjonijiet eċċessivi li jiġi impost fuq l-konsorzju f’konformità mal-Artikolu 9; u~~

~~(c) evidenza li l-amministratur tal-konsorzju ser ikun kapaċi jissodisfa l-obbligi msemmijin fil-punt (b).~~

~~3. Fejn l-amministratur propost tal-konsorzju jonqos milli jissodisfa r-rekwiżit li jħallas kull premium għall-eċċessi ta' emissjonijiet li jkun impost fuq il-konsorzju taħt l-Artikolu 9, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-manifatturi.~~

~~4. Il-manifatturi inklużi f'konsorzju għandhom konġuntement jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe bidla tal-amministratur tal-konsorzju jew tal-istatus finanzjarju tiegħu sa fejn dan jista' jaffettwa l-kapaċità tiegħu li jissodisfa r-rekwiżit li jħallas~~

~~kull premium għall-eċċessi ta' emissjonijiet li jkun impost fuq il-konsorzju taħt l-Artikolu 9, u dwar kwalunkwe bidla fil-membri tal-konsorzju jew ix-xoljiment tal-konsorzju.~~

~~5.~~ ~~Il-manifatturi jistgħu jidħlu f'arranġamenti ta' konsorzju bil-kundizzjoni li kull ftehim tagħhom ikun konformi mal-Artikolu 81 u 82 tat-Trattat u jippermetti l-parteċipazzjoni miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja f'termini kummerċjalment raġonevoli minn kwalunkwe manifattur li jitlob li jsir membru tal-konsorzju. Mingħajr preġudizzju għall-applikabbiltà ġenerali tar-regoli Komunitarji tal-kompetizzjoni għal konsorzji bħal dawn, il-membri kollha ta' konsorzju għandhom partikolarment jiżguraw li l-ebda kondiviżjoni ta' data jew skambju ta' informazzjoni ma jista' jsir fil-kuntest tal-arranġament tagħhom ta' konsorzju, ħlief għal dan li ġej:~~

~~(a)~~ ~~l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-$CO_2$;~~

~~(b)~~ ~~il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi;~~

~~(c)~~ ~~l-għadd totali ta' vetturi rreġistrati.~~

~~6.~~ ~~Il-paragrafu 5 m'għandux japplika fejn il-manifatturi kollha inklużi fil-konsorzju ikunu parti mill-istess grupp ta' manifatturi konnessi.~~

~~7.~~ ~~Ħlief fejn tingħata notifika taħt il-paragrafu 3, il-manifatturi f'konsorzju li fir-rigward tiegħu tiġi reġistrata l-informazzjoni mal-Kummissjoni għandhom jitqiesu bħala manifattur wieħed għall-finijiet tat-twettiq minnhom tal-obbligi tagħhom taħt l-Artikolu 4. L-informazzjoni dwar monitoraġġ u rappurtaġġ fir-rigward kemm ta' manifatturi individwali kif ukoll ta' konsorzji għandha tiġi reġistrata, rappurtata u disponibbli fir-reġistru ċentrali msemmi fl-Artikolu 8(4).~~

*Artikolu ~~8~~7*

***Monitoraġġ u rappurtar tal-emissjonijiet medji***

1. Għas-~~sena kalendarja li tibda mill-1 ta' Jannar 2010 u~~ kull ~~sena kalendarja~~ sussegwenti, kull Stat Membru għandu jirreġistra informazzjoni għal kull karozza tal-passiġġieri ġdida u kull vettura kummerċjali ħafifa ġdida li tiġi rreġistrata fit-territorju tiegħu skont il-Partiijiet A tal-Annessi II u III. Din l-informazzjoni għandha tkun disponibbli għall-manifatturi u l-importaturi jew ir-rappreżentanti nominati tagħhom f'kull Stat Membru. L-Istati Membri għandhom jagħmlu kull sforz biex jiżguraw li l-korpi tar-rappurtaġġ jaħdmu b'mod trasparenti. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ tal-karozzi tal-passiġġieri li ma jkollhomx l-approvazzjoni tat-tip konformement mar-Regolament (KE) Nru 715/2007 jitkejlu u jiġu reġistrati fiċ-ċertifikat tal-konformità.

2. Sat-28 ta' Frar ta' kull sena, ~~li tibda fl-2011,~~ kull Stat Membru għandu jiddetermina u jittrasmetti lill-Kummissjoni l-informazzjoni elenkata fil-Partiijiet A~~B~~ tal-Annessi II u III fir-rigward tas-sena kalendarja preċedenti. Id-data għandha tintbagħat taħt il-format speċifikat fil-Parti B~~C~~ tal-Anness II u l-Parti C tal-Anness III .

3. Fuq talba mill-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom ukoll jibgħatu s-sett sħiħ ta' data miġbura taħt il-paragrafu 1.

4. Il-Kummissjoni għandha żżomm reġistru ċentrali tad-data rrapurtata mill-Istati Membri taħt dan l-Artikolu, u sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena, ~~, mill-2011,~~ 'il quddiem, għandha tikkalkula għal kull manifattur fuq bażi proviżorja:

   (a) l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$ fis-sena kalendarja preċedenti;

(b) il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi fis-sena kalendarja preċedenti; u

(c) id-differenza bejn l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$ fis-sena kalendarja preċedenti u l-mira tiegħu tal-emissjonijiet speċifiċi għal dik is-sena.

Il-Kummissjoni għandha tinnotifika kull manifattur bil-kalkolu proviżorju għal dak il-manifattur. In-notifika għandha tinkludi data għal kull Istat Membru dwar l-għadd ta' karozzi tal-passiġġieri ġodda u ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda reġistrati u l-emissjonijiet speċifiċi ta'$CO_2$ tagħhom.

Ir-reġistru għandu jkun disponibbli pubblikament.

5. Il-manifatturi jistgħu, fi żmien tliet xhur minn meta jiġu nnotifikati dwar il-kalkolu proviżorju taħt il-paragrafu 4, jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe żbalji fid-data, fejn jispeċifikaw l-Istat Membru li fih iqisu li jkun seħħ l-iżball.

Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra kwalunkwe notifiki mill-manifatturi u għandha, sal-31 ta' Ottubru, tikkonferma jew temenda l-kalkoli proviżorji taħt il-paragrafu 4.

6. Fejn, fuq il-bażi tal-kalkoli taħt il-paragrafu 5, fir-rigward tas-sena kalendarja 2010 jew 2011, il-Kummissjoni jidhrilha li l-medja ta' emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ ta' manifattur f'dik is-sena jkunu qabżu l-mira ta' emissjonijiet speċifiċi għal dik is-sena, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-manifattur.

---

443/2009 (adattat)

76. L-Istati Membri għandhom jinnominaw awtorità kompetenti għall-ġbir u l-komunikazzjoni tad-data ta' monitoraġġ taħt dan ir-Regolament u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-awtorità kompetenti nominata sa mhux aktar tard minn8 ta' Diċembru 2009. Il-Kummissjoni sussegwentement għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'dan.

---

510/2011 (adattat)

8. F'kull Stat Membru, l-awtorità kompetenti għall-ġbir u l-komunikazzjoni tad-data dwar il-monitoraġġ skont dan ir-Regolament għandha tkun dik maħtura skont l-Artikolu 8(7) tar-Regolament (KE) Nru 443/2009.

---

ġdid

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw il-korrettezza u l-kompletezza tad-data trażmessa lill-Kummissjoni, u għandhom jaħtru persuna ta' kuntatt li għandha tkun disponibbli biex twieġeb malajr għat-talbiet mill-Kummissjoni biex jiġu indirizzati żbalji u ommissjonijiet fid-datasets trażmessi.

---

443/2009 (adattat)

8. Għal kull sena kalendarja li fiha japplika l-Artikolu 6, l-Istati Membri għandhom jagħtu informazzjoni lill-Kummissjoni dwar il-proporzjon tal-pompi tal-petrol u l-kriterji ta' sostenibbiltà fir-rigward tal-karburant E85 imsemmija f'dak l-Artikolu.

333/2014 Art. 1.6 (adattat)

~~9.~~7. Il-Kummissjoni għandha tadotta regoli dettaljati dwar il-proċeduri għall-monitoraġġ u r-rappurtar ta' data taħt ~~dan l-Artikolu~~ il-paragrafi 1 sa 7 u dwar l-applikazzjoni tal-Anness II permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu ~~14(2)~~15(2).

Il-Kummissjoni hija b'dan mogħtija s-setgħa biex tadotta atti delegati skont l-Artikolu ~~14a~~16 sabiex temenda r-rekwiżiti tad-data u l-parametri tad-data stabbiliti fl-Anness II u III .

ġdid

8. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip għandhom jirrappurtaw mingħjar dewmien lill-Kummissjoni devjazzjonijiet misjuba fl-emissjonijiet tas-$CO_2$ ta' vetturi fis-servizz meta mqabbla ma' dawk il-valuri indikati fiċ-ċertifikati tal-konformità b'riżultat ta' verifiki mwettqa skont il-proċedura msemmija fl-[Artikolu 11a] tar-Regolament (KE) Nru 715/2007.

Il-Kummissjoni għandha tqis dawk id-devjazzjonijiet biex tikkalkula l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' manifattur.

Il-Kummissjoni tista' tadotta regoli dettaljati dwar il-proċeduri għar-rappurtar ta' devjazzjonijiet bħal dawn u biex dawn jitqiesu fil-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji. Dawk il-proċeduri għandhom jiġu adottati permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(2).

510/2011 (adattat)

~~*Artikolu 8*~~

~~**Monitoraġġ u rappurtar tal-emissjonijiet medji**~~

~~1. Għas-sena kalendarja li tibda mill-1 ta' Jannar 2012 u kull sena kalendarja sussegwenti, kull Stat Membru għandu jirreġistra informazzjoni għal kull vettura kummerċjali ħafifa ġdida li tiġi rreġistrata fit-territorju tiegħu skont il-Parti A tal-Anness II. Din l-informazzjoni għandha tkun disponibbli għall-manifatturi u l-importaturi jew ir-rappreżentanti nominati tagħhom f'kull Stat Membru. L-Istati Membri għandhom jagħmlu kull sforz biex jiżguraw li l-korpi tar-rappurtaġġ jaħdmu b'mod trasparenti.~~

~~2. Sat-28 ta' Frar ta' kull sena, li tibda fl-2013, kull Stat Membru għandu jiddetermina u jittrasmetti lill-Kummissjoni l-informazzjoni elenkata fil-Parti B tal-Anness II fir-rigward tas-sena kalendarja preċedenti. Id-data għandha tintbagħat taħt il-format speċifikat fil-Parti C tal-Anness II.~~

~~3. Fuq talba mill-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom ukoll jibgħatu s-sett sħiħ ta' data miġbura taħt il-paragrafu 1.~~

~~4. Il-Kummissjoni għandha żżomm reġistru ċentrali tad-data rrappurtata mill-Istati Membri taħt dan l-Artikolu u dan ir-reġistru għandu jkun disponibbli għall-pubbliku. Sat-30~~

~~ta' Ġunju 2013 u f'kull sena sussegwenti, il-Kummissjoni għandha tikkalkula għal kull manifattur fuq bażi proviżorja:~~

~~(a) l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$ fis-sena kalendarja preċedenti;~~

~~(b) il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi fis-sena kalendarja preċedenti;~~

~~(c) id-differenza bejn l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$ fis-sena kalendarja preċedenti u l-mira tiegħu tal-emissjonijiet speċifiċi għal dik is-sena.~~

~~Il-Kummissjoni għandha tinnotifika kull manifattur bil-kalkolu proviżorju għal dak il-manifattur. In-notifika għandha tinkludi data għal kull Stat Membru dwar l-għadd ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati u l-emissjonijiet speċifiċi tagħhom ta' $CO_2$.~~

~~5. Il-manifatturi jistgħu, fi żmien tliet xhur minn meta jiġu nnotifikati dwar il-kalkolu proviżorju taħt il-paragrafu 4, jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe żbalji fid-data, fejn jispeċifikaw l-Istat Membru li fih iqisu li jkun seħħ l-iżball.~~

~~6. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra kwalunkwe notifiki mill-manifatturi u għandha, sal-31 ta' Ottubru, tikkonferma jew temenda l-kalkoli proviżorji taħt il-paragrafu 4.~~

~~7. Fir-rigward tas-snin kalendarji 2012 u 2013 u fuq il-bażi tal-kalkoli mwettqa skont għall-paragrafu 5, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lil manifattur meta l-Kummissjoni jidhrilha li l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$ tal-manifattur ikunu qabżu l-mira tagħha għall-emissjonijiet speċifiċi.~~

~~8. F'kull Stat Membru, l-awtorità kompetenti għall-ġbir u l-komunikazzjoni tad-data dwar il-monitoraġġ skont dan ir-Regolament għandha tkun dik maħtura skont l-Artikolu 8(7) tar-Regolament (KE) Nru 443/2009.~~

~~9. Il-Kummissjoni tista' tadotta regoli dettaljati dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar ta' data taħt dan l-Artikolu u dwar l-applikazzjoni tal-Anness II. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati konformement mal-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 14(2).~~

~~Sabiex titqies l-esperjenza miksuba bl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tista' temenda l-Anness II permezz ta' atti delegati f'konformità mal-Artikolu 15, u soġġett għall-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 16 u 17.~~

~~10~~9. L-Istati Membri għandom ukoll jiġbru u jirrappurtaw data, skont dan l-Artikolu dwar ir-reġistrazzjonijiet ta' vetturi fil-kateogriji $M_2$ u $N_2$ kif imfisser fl-Anness II tad-Direttiva Nru 2007/46/KE b'massa ta' referenza li ma taqbiżx il-2 610 kg u vetturi li l-approvazzjoni tat-tip għalihom tiġi estiża skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 715/2007.

---

| |
|---|
| 510/2011 (adattat)<br>ġdid |

*Artikolu 8~~9~~*

**Primjum għal emissjonijiet eċċessivi**

1. Fir-rigward ~~tal-perijodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2014 u~~ kull~~kull~~ sena kalendarja ~~sussegwenti~~, il-Kummissjoni għandha timponi primjum għal emissjonijiet eċċessivi fuq manifattur jew amministratur ta' konsorzju, skont il-każ, meta l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$ ta' manifattur jeċċedu l-mira għall-emissjonijiet speċifiċi tagħha.

2. Il-primjum għall-emissjonijiet eċċessivi msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi kkalkulat bil-formula e li ġejja:

~~(a) mill-2014 sal-2018:~~

~~(i) għal emissjonijiet eċċessivi ta' aktar minn 3 g $CO_2$/km:~~

~~((Emissjonijiet eċċessivi – 3 g $CO_2$/km) × EUR 95 + EUR 45) × l-għadd ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda;~~

~~(ii) għal emissjonijiet eċċessivi ta' aktar minn 2 g $CO_2$/km iżda mhux aktar minn 3 g $CO_2$/km:~~

~~((Emissjonijiet eċċessivi – 2 g $CO_2$/km) × EUR 25 + EUR 20) × l-għadd ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda;~~

~~(iii) għal emissjonijiet eċċessivi ta' aktar minn 1 g $CO_2$/km iżda mhux aktar minn 2 g $CO_2$/km:~~

~~((Emissjonijiet eċċessivi – 1 g $CO_2$/km) × EUR 15 + EUR 5) × l-għadd ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda;~~

~~(iv) għal emissjonijiet eċċessivi ta' mhux aktar minn 1 g $CO_2$/km:~~

~~(Emissjonijiet eċċessivi × EUR 5) × l-għadd ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda;~~

~~(b) mill-2019:~~

(Emissjonijiet eċċessivi × EUR 95) × l-għadd ta' ~~vetturi kummerċjali ħfief ġodda~~ b'reġistrazzjoni ġdida.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet li ġejjin:

– "emissjonijiet eċċessivi" tfisser il-valur pożittiv tan-numru ta' grammi kull kilometru li bih l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-$CO_2$ tal-manifattur – b'kunsiderazzjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ minħabba teknoloġiji innovattivi approvati skont l-Artikolu ~~12~~11, ikunu qabżu l-mira tal-emissjonijiet speċifiċi fis-sena kalendarja jew f'parti minnha li għaliha japplika l-obbligu skont l-Artikolu 4, aġġustat għall-eqreb tliet punti deċimali; u

– "l-għadd ta' ~~vetturi kummerċjali ħfief ġodda~~ b'reġistrazzjoni ġdida " tfisser l-għadd ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri jew vetturi kummerċjali ħfief ġodda magħduda b'mod separat li huma prodotti mill-manifattur u li ġew irreġistrati f'dak il-perjodu skont il-kriterji tad-dħul gradwali stipulati fl-Artikolu 4(3).

~~3. Il-Kummissjoni għandha tadotta arranġamenti dettaljati għall-ġbir tal-primjums għall-emissjonijiet eċċessivi msemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(2).~~

~~4. L-ammonti tal-primjum għal emissjonijiet eċċessivi għandhom jitqiesu bħala dħul għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.~~

| 443/2009 (adattat) |
|---|

~~*Artikolu 9*~~

~~**Primjum għal emissjonijiet eċċessivi**~~

~~1. Fir-rigward ta' kull sena kalendarja mill-2012 'il quddiem li għaliha l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$ ta' manifattur jeċċedu l-mira ta' emissjonijiet speċifiċi f'dik is-sena, il-Kummissjoni għandha timponi premium għall-eċċess ta' emissjonijiet fuq il-manifattur, jew fil-każ ta' konsorzju, l-amministratur tal-konsorzju.~~

~~2. Il-premium għall-eċċess ta' emissjonijiet taħt il-paragrafu 1 għandu jiġi kkalkulat bil-formulae li ġejjin:~~

~~(a) Mill-2012 sal-2018:~~

~~(i) Fejn l-emissjonijiet speċifiċi medji tal-manifattur ta' $CO_2$ jeċċedu l-mira tal-emissjonijiet speċifiċi tiegħu b'aktar minn 3 g $CO_2$/km:~~

~~((Eċċess ta' emissjonijiet – 3 g $CO_2$/km) × 95 EUR/g $CO_2$/km + 1 g $CO_2$/km × 25 EUR/g $CO_2$/km + 1 g $CO_2$/km × 15 €/g $CO_2$/km + 1 g $CO_2$/km × 5 €/g $CO_2$/km) × l-għadd ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri.~~

~~(ii) Fejn l-emissjonijiet speċifiċi medji tal-manifattur ta' $CO_2$ jeċċedu l-mira tal-emissjonijiet speċifiċi tiegħu b'aktar minn 2 g $CO_2$/km iżda mhux b'aktar minn 3 g $CO_2$/km:~~

~~((Eċċess ta' emissjonijiet – 2 g $CO_2$/km) × 25 €/g $CO_2$/km + 1 g $CO_2$/km × 15 €/g $CO_2$/km + 1 g $CO_2$/km × 5 €/g $CO_2$/km) × l-għadd ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri.~~

~~(iii) Fejn l-emissjonijiet speċifiċi medji tal-manifattur ta' $CO_2$ jeċċedu l-mira tal-emissjonijiet speċifiċi tiegħu b'aktar minn 1 iżda mhux b'aktar minn 2 g $CO_2$/km:~~

~~((Eċċess ta' emissjonijiet – 1 g $CO_2$/km) × 15 €/g $CO_2$/km + 1 g $CO_2$/km × 5 €/g $CO_2$/km) × l-għadd ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri.~~

~~(iv) Fejn l-emissjonijiet speċifiċi medji tal-manifattur ta' $CO_2$ jeċċedu l-mira tal-emissjonijiet speċifiċi tiegħu b'aktar minn 1 g $CO_2$/km:~~

~~(Eċċess ta' emissjonijiet × 5 €/g $CO_2$/km) × l-għadd ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri.~~

~~(b) Mill-2019 'il quddiem:~~

~~(Eċċess ta' emissjonijiet × 95 €/g $CO_2$/km) × l-għadd ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri.~~

~~Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-'eċċess ta' emissjonijiet, determinat kif stipulat fl-Artikolu 4, ifisser in-numru pożittiv ta' grammi kull kilometru li bih l-emissjonijiet speċifiċi medji tal-manifattur — b'kont meħud tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ minħabba t-teknoloġiji innovattivi approvati — ikunu eċċedu l-mira tiegħu ta' emissjonijiet speċifiċi fis-sena kalendarja, arrotondat għall-eqreb tliet punti deċimali; u l-"għadd ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri" ifisser l-għadd ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri magħmula mill-manifattur u li ġew irreġistrati dik is-sena konformement mal-kriterji tal-introduzzjoni gradwali stabbiliti fl-Artikolu 4.~~

| 333/2014 Art. 1.7 |
|---|

3. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-modi għall-ġbir ta' primjums għall- emissjonijiet eċċessivi taħt il-paragrafu 1 permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15~~14~~(2).

443/2009 (adattat)

4. L-ammonti tal-primjum għal emissjonijiet eċċessivi għandhom jitqiesu bħala dħul għall-baġit ġenerali tal-Unjoni ~~Ewropea~~.

*~~Artikolu 10~~*

**~~Il-pubblikazzjoni tar-rendiment tal-manifatturi~~**

~~1. Sal-31 ta' Ottubru ta' kull sena, mill-2011, il-Kummissjoni għandha tippubblika lista fejn tindika għal kull manifattur:~~

~~(a) il-mira tiegħu tal-emissjonijiet speċifiċi fis-sena kalendarja preċedenti;~~

~~(b) l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-$CO_2$ fis-sena kalendarja preċedenti;~~

~~(c) id-differenza bejn l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-$CO_2$ fis-sena kalendarja preċedenti u l-mira speċifika tal-emissjonijiet tiegħu għal dik is-sena;~~

~~(d) l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$ għall-karozzi ġodda kollha tal-passiġġieri fis-sena kalendarja preċedenti fil-Komunità; u~~

~~(e) il-massa medja għall-karozzi ġodda kollha tal-passiġġieri fil-Komunità fis-sena kalendarja preċedenti.~~

~~2. Mill-31 ta' Ottubru 2013, il-lista ppubblikata taħt il-paragrafu 1 għandha tindika wkoll jekk il-manifattur ikunx ikkonforma mar-rekwiżiti tal-Artikolu 4 fir-rigward tas-sena kalendarja preċedenti.~~

---

510/2011 (adattat)
ġdid

*Artikolu ~~10~~9*

**Il-pubblikazzjoni tar-rendiment tal-manifatturi**

1. Sal-31 ta' Ottubru ~~2013 u l-31 ta' Ottubru~~ ta' kull sena ~~sussegwenti~~, il-Kummissjoni għandha tippubblika permezz ta' atti ta' implimentazzjoni lista li tindika~~, għal kull manifattur~~:

(a) għal kull manifattur, il-mira tiegħu għall-emissjonijiet speċifiċi għas-sena kalendarja preċedenti;

(b) għal kull manifattur, l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-$CO_2$ fis-sena kalendarja preċedenti;

(c) id-differenza bejn l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-$CO_2$ ~~tiegħu~~ tal-manifattur fis-sena kalendarja preċedenti u l-mira tal-emissjonijiet speċifiċi tiegħu għal dik is-sena;

(d) l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$ għall- vetturi tal-passiġġieri ġodda kollha u għall-vetturi kummerċjali ħfief ġodda kollha rreġistrati fl-Unjoni fis-sena kalendarja preċedenti;

(e) il-massa medja fi stat ta' tħaddim għall- vetturi tal-passiġġieri ġodda kollha u għall-vetturi kummerċjali ħfief ġodda kollha rreġistrati fl-Unjoni fis-sena kalendarja preċedenti sal-31 ta' Diċembru 2020 ;~~.~~

ġdid

(f) il-massa tat-test medja għall-vetturi tal-passiġġieri ġodda kollha u għall-vetturi kummerċjali ħfief ġodda kollha rreġistrati fl-Unjoni fis-sena kalendarja preċedenti.

---

510/2011 (adattat)

2. ~~Mill-31 ta' Ottubru 2015,~~ ~~i~~Il-lista ppubblikata skont il-paragrafu 1 għandha tindika wkoll jekk il-manifattur ikunx konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 4 fir-rigward tas-sena kalendarja preċedenti.

---

ġdid

3. Il-lista msemmija fil-paragrafu 1 għandha, għall-pubblikazzjoni sal-31 ta' Ottubru 2022, tindika dan li ġej:

(a) il-miri għall-2025 u għall-2030 għall-flotta kollha tal-UE msemmija fl-Artikolu 1(4) u (5) kkalkulati mill-Kummissjoni f'konformità mal-punti 6.1.1 u 6.1.2 tal-Partijiet A u B tal-Anness I;

(b) il-valuri għal $a_{2021}$, $a_{2025}$ u $a_{2030}$ ikkalkulati mill-Kummissjoni f'konformità mal-punt 6.2 tal-Partijiet A u B tal-Anness I.

---

510/2011 (adattat)
ġdid

*Artikolu ~~11~~10*

**Derogi għal ċerti manifatturi**

1. Tista' ssir applikazzjoni għal deroga mill-mira għall-emissjonijiet speċifiċi kkalkulata f'konformità mal-Anness I minn manifattur ta' inqas minn 10 000 karozza ġdida tal-passiġġieri jew 22 000 vettura kummerċjali ħafifa ġdida rreġistrata fl-Unjoni għal kull sena kalendarja fejn dak il-manifattur:

(a) ma jkunx parti minn grupp ta' manifatturi konnessi; jew

(b) jagħmel parti minn grupp ta' manifatturi relatati li b'kollox huwa responsabbli għal inqas minn 10 000 karozza ġdida tal-passiġġieri jew 22 000 vettura kummerċjali ħafifa ġdida rreġistrata fl-Unjoni kull sena kalendarja; jew

(c) ikun parti minn grupp konness ma' manifattur ieħor iżda jħaddem il-faċilitajiet ta' produzzjoni u ċ-ċentru ta' disinn tiegħu stess.

2. Deroga li ssir applikazzjoni għaliha skont il-paragrafu 1 tista' tingħata għal perijodu massimu ta' 5 snin kalendarji li jiġġeddu . Għandha ssir applikazzjoni lill-Kummissjoni u din għandha tinkludi:

(a) l-isem u l-persuna ta' kuntatt għall-manifattur;

(b) provi li l-manifattur ikun eliġibbli għal deroga konformement mal-paragrafu 1;

(c) dettalji tal- karozzi tal-passiġġieri jew vetturi kummerċjali ħfief li huwa jimmanifattura inkluż il-massa tat-test u l-emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ ta' dawk il-karozzi tal-passiġġieri jew il-vetturi kummerċjali ħfief; u

(d) mira tal-emissjonijiet speċifiċi konsistenti mal-potenzjal tat-tnaqqis tiegħu, inkluż il-potenzjal teknoloġiku u ekonomiku biex jitnaqqsu l-emissjonijiet speċifiċi tas-$CO_2$ u b'konsiderazzjoni għall-karatteristiċi tas-suq għat-tip ta' karozza tal-passiġġieri jew vettura kummerċjali ħafifa mmanifatturata.

3. Fejn il-Kummissjoni tqis li manifattur ikun eliġibbli għal deroga li għaliha saret applikazzjoni taħt il-paragrafu 1 u tkun sodisfatta li l-mira tal-emissjonijiet speċifiċi proposta mill-manifattur hija konsistenti mal-potenzjal għat-tnaqqis tiegħu, inkluż il-potenzjal ekonomiku u teknoloġiku għat-tnaqqis tal-emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ tiegħu u b'konsiderazzjoni għall-karatteristiċi tas-suq għat-tip ta' vettura kummerċjali ħafifa manifatturata, il-Kummissjoni għandha tagħti deroga lill-manifattur. L-applikazzjoni għandha titressaq sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru tal-ewwel sena li fiha għandha tapplika d-deroga.

~~4. Manifattur li jkun suġġett għal deroga taħt dan l-Artikolu għandu jinnotifika lill-Kummissjoni immedjatament dwar kwalunkwe tibdil li jaffettwa jew li jista' jaffettwa l-eliġibbiltà tiegħu għal deroga.~~

~~5. Jekk, fuq il-bażi ta' notifika taħt il-paragrafu 4 jew mod ieħor, il-Kummissjoni tqis li manifattur ma jkunx għadu eliġibbli għad-deroga, għandha tirrevoka d-deroga b'effett mill-1 ta' Jannar fis-sena kalendarja ta' wara u għandha tinnotifika b'dan lill-manifattur.~~

~~6. Fejn il-manifattur ma jilħaqx il-mira tiegħu għall-emissjonijiet speċifiċi, il-Kummissjoni għandha timponi l-premium għal emissjonijiet eċċessivi fuq il-manifattur, kif stipulat fl-Artikolu 9.~~

~~7. Il-Kummissjoni għandha tadotta regoli biex jissuplementaw il-paragrafi mill-1 sas-6 ta' dan l-Artikolu, inter alia, dwar l-interpretazzjoni tal-kriterji ta' eliġibbiltà għad-derogi, dwar il-kontenut tal-applikazzjonijiet, u dwar il-kontenut u l-valutazzjoni ta' programmi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$, permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 15, u soġġett għall-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 16 u 17.~~

~~8. L-applikazzjonijiet għal deroga, inklużi l-informazzjoni ta' sostenn, in-notifiki skont il-paragrafu 4, ir-revoki skont il-paragrafu 5 u kwalunkwe impożizzjoni ta' primjum għall-emissjonijiet eċċessivi skont il-paragrafu 6 u l-atti adottati skont il-paragrafu 7, għandhom isiru disponibbli għall-pubbliku, soġġett għar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tat-30 ta' Mejju 2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni[44].~~

---

443/2009 (adattat)
ġdid

~~*Artikolu 11*~~

~~**Derogi għal ċerti manifatturi**~~

44 ~~ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.~~

1. Tista' ssir applikazzjoni għal deroga mill-mira ta' emissjonijiet speċifiċi kkalkulata taħt l-Anness I minn manifattur li jkun responsabbli għal inqas minn 10 000 karozzi ġodda tal-passiġġieri reġistrati fil-Komunità kull sena kalendarja u:

(a) ma jkunx parti minn grupp ta' manifatturi konnessi; jew

(b) li jkun parti minn grupp ta' impriżi konnessi ikun responsabbli in toto għal anqas minn 10 000 karozza ġdida tal-passiġġieri reġistrata fil-Komunità kull sena kalendarja; jew

(c) ikun parti minn grupp konness ma' manifattur ieħor iżda jħaddem il-faċilitajiet ta' produzzjoni u ċ-ċentru ta' disinn tiegħu stess.

2. Deroga li għaliha ssir applikazzjoni taħt il-paragrafu 1 tista' tingħata għal massimu ta' ħames snin kalendarji. Għandha ssir applikazzjoni lill-Kummissjoni u din għandha tinkludi:

(a) l-isem u l-persuna ta' kuntatt għall-manifattur;

(b) provi li l-manifattur ikun eliġibbli għal deroga konformement mal-paragrafu 1;

(c) dettalji tal-karozzi tal-passiġġieri li jimmanifattura, fosthom il-massa u l-emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ ta' dawk il-karozzi tal-passiġġieri; u

(d) mira ta' emissjonijiet speċifiċi li tkun konsistenti mal-potenzjal tat-tnaqqis, inkluż il-potenzjal ekonomiku u teknoloġiku biex inaqqas l-emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ u b'kont meħud tal-karatteristiċi tas-suq għat-tip ta' karozza mmanifatturata.

3. Fejn il-Kummissjoni tqis li manifattur ikun eliġibbli għal deroga li għaliha saret applikazzjoni taħt il-paragrafu 1 u tkun sodisfatta li l-mira tal-emissjonijiet speċifiċi proposta mill-manifattur hija konsistenti mal-potenzjal għat-tnaqqis tiegħu, inkluż il-potenzjal ekonomiku u teknoloġiku għat-tnaqqis tal-emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ tiegħu u b'kunsiderazzjoni għall-karatteristiċi tas-suq għat-tip ta' karozza manifatturata, il-Kummissjoni għandha tagħti deroga lill-manifattur.

4. Tista' ssir applikazzjoni għal deroga mill-mira tal-emissjonijiet speċifiċi kkalkulata skont il-punti 1 sa 4 tal-Parti A tal-Anness I minn manifattur li jkun responsabbli flimkien mal-impriżi kollha assoċjati tiegħu għal bejn 10 000 u 300 000 karozza tal-passiġġieri reġistrati kull sena kalendarja fil-Komunità fl-Unjoni .

Applikazzjoni bħal din tista' ssir minn manifattur għalih innifsu jew għalih flimkien ma' kwalunkwe impriża assoċjata miegħu. Għandha ssir applikazzjoni lill-Kummissjoni u din għandha tinkludi:

(a) l-informazzjoni kollha msemmija fil-paragrafi 2(a) u (c), inkluż, fejn rilevanti, l-informazzjoni dwar kull impriża konnessa;.

---

333/2014 Art. 1.8(b) (adattat)

(b) jekk l-applikazzjoni hija fir-rigward tal-punti (a) u (b) tal-punt 1 tal-Anness I, mira li hija tnaqqis ta' 25 % fl-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$ fl-2007 jew, fejn issir applikazzjoni unika fir-rigward ta' għadd ta' impriżi konnessi, tnaqqis ta' 25 % fuq il-medja tal-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$ ta' dawk l-impriżi fl-2007.

333/2014 Art. 1.8(c)

(be) jekk l-applikazzjoni hija fir-rigward tal-punt (c) tal-Anness I, il-punt 1, mira li hija tnaqqis ta’ 45 % fl-emissjonijiet speċifiċi medji ta’ $CO_2$ fl-2007 jew, fejn issir applikazzjoni unika fir-rigward ta’ għadd ta’ impriżi konnessi, tnaqqis ta’ 45 % fuq il-medja tal-emissjonijiet speċifiċi medji ta’ $CO_2$ ta’ dawk l-impriżi fl-2007.

443/2009

Fejn ma teżistix informazzjoni dwar l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-$CO_2$ ta' manifattur fl-2007, il-Kummissjoni għandha tiddetermina mira ta’ tnaqqis ekwivalenti bbażata fuq l-aħjar teknoloġiji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ disponibbli li jintużaw f’karozzi tal-passiġġieri ta’ massa komparabbli u b’kunsiderazzjoni għall-karatteristiċi tas-suq għat-tip ta’ karozza mmanifatturata. Din il-mira għandha tintuża mill-applikant għall-finijiet tal-punt (b).

Il-Kummissjoni għandha tagħti deroga lill-manifattur jekk dan juri li l-kriterji għall-għoti ta’ deroga msemmija f'dan il-paragrafu jkunu ġew issodisfati.

5. Manifattur li jkun suġġett għal deroga taħt dan l-Artikolu għandu jinnotifika lill-Kummissjoni immedjatament dwar kwalunkwe tibdil li jaffettwa jew li jista' jaffettwa l-eliġibbiltà tiegħu għal deroga.

6. Jekk, fuq il-bażi ta' notifika taħt il-paragrafu 5 jew mod ieħor, il-Kummissjoni tqis li manifattur ma jkunx għadu eliġibbli għad-deroga, għandha tirrevoka d-deroga b'effett mill-1 ta' Jannar fis-sena kalendarja ta' wara u għandha tinnotifika b'dan lill-manifattur.

7. Fejn il-manifattur ma jilħaqx il-mira tiegħu għall-emissjonijiet speċifiċi, il-Kummissjoni għandha timponi l-primjum għal emissjonijiet eċċessivi fuq il-manifattur, kif stipulat fl-Artikolu 98.

333/2014 Art. 1.8(d)

8. Il-Kummissjoni hija b’dan mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 14a16 li jistabbilixxu regoli li jissupplimentaw il-paragrafi 1 sa 7 ta’ dan l-Artikolu, fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-kriterji ta’ eliġibbiltà għal derogi, tal-kontenut tal-applikazzjonijiet, u tal-kontenut u l-valutazzjoni tal-programmi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet speċifiċi ta’ $CO_2$.

443/2009

9. L-applikazzjonijiet għal deroga, inkluża l-informazzjoni li tappoġġaha, in-notifiki taħt il-paragrafu 5, ir-revoki taħt il-paragrafu 6 u kwalunkwe impożizzjoni ta' premium għal emissjonijiet eċċessivi taħt il-paragrafu 7, u l-miżuri adottati konformement mal-paragrafu 8, għandhom ikunu disponibbli pubblikament, suġġett għar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30

ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni[45].

*Artikolu 1112*

**Eko-innovazzjoni**

---

| 333/2014 Art. 1.9(a)<br>ġdid |
|---|

1. Fuq applikazzjoni minn fornitur jew manifattur, għandu jiġi kkunsidrat l-iffrankar ta' $CO_2$ miksub permezz tal-użu ta' teknoloġiji innovattivi jew taħlita ta' teknoloġiji innovattivi ("pakkett ta' teknoloġija innovattiva").

Tali teknoloġiji għandhom jiġu kkunsidrati biss jekk il-metodoloġija użata biex tivvalutahom tkun kapaċi tipproduċi riżultati verifikabbli, ripetibbli u komparabbli.

Il-kontribut totali ta' dawk it-teknoloġiji għat-tnaqqis tal-miratal-emissjonijiet speċifiċi medji ta' manifattur jista' jkun sa 7 g $CO_2$/km.

---

| ġdid |
|---|

Il-Kummissjoni tista' taġġusta l-limitu mill-2025 'il quddiem. Dawk l-aġġustamenti għandhom isiru permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 16.

---

| 443/2009 (adattat)<br>1 333/2014 Art. 1.9(b)<br>ġdid |
|---|

2. 1 Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, dispożizzjonijiet dettaljati għal proċedura biex jiġu approvati t-teknoloġiji innovattivi jew pakketti ta' teknoloġija innovattiva msemmija fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 1514(2) ta' dan ir-Regolament. Dawn id-dispożizzjonijiet dettaljati għandhom ikunu bbażati fuq il-kriterji, li ġejjin, għal teknoloġiji innovattivi:

(a) il-fornitur jew manifattur għandu jkun responsabbli għall-iffrankar tas-$CO_2$ miksub permezz tal-użu ta' teknoloġiji innovattivi;

(b) it-teknoloġiji innovattivi għandhom jagħtu kontribut ivverifikat għat-tnaqqis ta' $CO_2$;

(c) it-teknoloġiji innovattivi m'għandhomx ikunu koperti miċ-ċiklu standard ta' testijiet għall-kejl ta' $CO_2$;

(d) jew it-teknoloġiji innovattivi m'għandhomx ikunu koperti minn dispożizzjonijiet obbligatorji minħabba miżuri addizzjonali kumplimentari li

[45] Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

jikkonformaw mat-tnaqqis ta' 10 g $CO_2$/km imsemmija fl-Artikolu 1 jew ikunu obbligatorji taħt dispożizzjonijiet oħra tal-liġi tal-~~Komunità~~ Unjoni . Mill-1 ta' Jannar 2025, dan il-kriterju m'għandux japplika fir-rigward tat-titjib tal-effiċjenza tas-sistemi tal-arja kkundizzjonata.

---

333/2014 Art. 1.9(c)

3. Fornitur jew manifattur li japplika għall-approvazzjoni ta' xi miżura bħala teknoloġija innovattiva jew pakkett ta' teknoloġija innovattiva għandu jressaq rapport lill-Kummissjoni, li jinkludi rapport ta' verifika mwettaq minn entità indipendenti u ċertifikata. F'każ ta' interazzjoni possibbli tal-miżura ma' teknoloġija innovattiva oħra jew ma' pakkett ta' teknoloġija innovattiva diġà approvat, ir-rapport għandu jsemmi dik l-interazzjoni u ur-rapport ta' verifika għand jivvaluta sa liema punt dik l-interazzjoni tbiddel it-tnaqqis miksub minn kull miżura.

---

443/2009

4. Il-Kummissjoni għanda tikkonferma t-tnaqqis miksub, fuq il-bażi tal-kriterji stipulati fil-paragrafu 2.

---

510/2011 (adattat)

~~*Artikolu 12*~~

~~**Eko-innovazzjoni**~~

---

253/2014 Art. 1.4(a) (adattat)

~~1. Fuq applikazzjoni minn fornitur jew manifattur, għandu jiġi kkunsidrat l-iffrankar ta' $CO_2$ miksub permezz tal-użu ta' teknoloġiji innovattivi jew taħlita ta' teknoloġiji innovattivi ("pakkett ta' teknoloġija innovattiva").~~

~~Il-kontribut totali ta' dawk it-teknoloġiji biex titnaqqas il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi ta' manifattur jista' jkun sa 7 g $CO_2$/km.~~

---

253/2014 Art. 1.4(b) (adattat)

~~2. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, dispożizzjonijiet dettaljati għal proċedura ta' approvazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi jew pakketti ta' teknoloġija innovattiva msemmija fil-paragrafu 1, sal-31 ta' Diċembru 2012. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(2) ta' dan ir-Regolament. Dawk id-dispożizzjonijiet dettaljati għandhom ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet stabbiliti taħt l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 443/2009, u jkunu bbażati fuq il-kriterji li ġejjin għat-teknoloġiji innovattivi:~~

510/2011 (adattat)

~~(a) il-fornitur jew manifattur għandu jkun responsabbli għall-iffrankar tas-$CO_2$ miksub permezz tal-użu ta' teknoloġiji innovattivi;~~

~~(b) it-teknoloġiji innovattivi għandhom jagħtu kontribut ivverifikat għat-tnaqqis ta' $CO_2$;~~

~~(c) it-teknoloġiji innovattivi m'għandhomx ikunu koperti miċ-ċiklu standard ta' testijiet għall-kejl ta' $CO_2$ jew mid-dispożizzjonijiet obbligatorji minħabba miżuri addizzjonali kumplimentari konformi mat-tnaqqis ta' 10 g $CO_2$/km imsemmijin fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 jew ikunu obbligatorji taħt id-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni.~~

~~3. Fornitur jew manifattur li japplika għall-approvazzjoni ta' xi miżura bħala teknoloġija innovattiva għandu jressaq rapport lill-Kummissjoni, li jinkludi rapport ta' verifika mwettaq minn entità indipendenti u ċertifikata. Fil-każ ta' interazzjoni possibbli tal-miżura ma' teknoloġija innovattiva oħra li tkun diġà approvata, ir-rapport għandu jirreferi għal dik l-interazzjoni u r-rapport ta' verifika għandu jevalwa safejn dik l-interazzjoni timmodifika t-tnaqqis miksub minn kull miżura.~~

~~4. Il-Kummissjoni għanda tikkonferma t-tnaqqis miksub, fuq il-bażi tal-kriterji stipulati fil-paragrafu 2.~~

---

ġdid

*Artikolu 12*

*Emissjonijiet tas-$CO_2$ u konsum tal-enerġija fl-użu reali*

1. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja u tivvaluta kemm il-valuri tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ tal-vetturi u l-konsum tal-enerġija mill-vetturi determinati skont ir-Regolament (UE) 2017/1151 huma fil-fatt rappreżentattivi tal-użu reali. Għandha tiżgura li l-pubbliku jkun infurmat dwar kif dan jevolvi maż-żmien.

2. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha tiżgura d-disponibbiltà mill-manifatturi jew mill-awtoritajiet nazzjonali, skont il-każ, ta' data robusta mhux personali dwar l-emissjonijiet ta' $CO_2$ u dwar il-konsum tal-enerġija fl-użu reali ta' karozzi tal-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali ħfief.

3. Il-Kummissjoni tista' tadotta l-miżuri msemmija f'dan l-Artikolu permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(2).

---

443/2009 (adattat)

*Artikolu 13*

~~Reviżjoni u rappurtar~~ **Aġġustamenti ta' $M_0$ u $TM_0$**

~~1. Fl-2010, il-Kummissjoni għandha tressaq rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress li jkun sar fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-approċċ integrat tal-Komunità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ mill-vetturi ħfief.~~

ġdid

1. Il-figuri ta' $M_0$ u $TM_0$ imsemmija fil-Partijiet A u B tal-Anness I għandhom jiġu aġġustati kif ġej:

443/2009 (adattat)
ġdid

2. (a) Ssal-31 ta' Ottubru 2014 2020 , u kull tliet snin minn hemm 'il quddiem, għandhom jiġu adottati miżuri għall-emendar tal-Anness I biex tiġi aġġustata ċ-ċifra ta' $M_0$, imsemmija fih, fil-punti 1 sa 5 tal-Parti A tal-Anness I għandha tiġi aġġustata għall-massa medja tal-karozzi tal-passiġġieri l-ġodda fi stat ta' tħaddim fit-tliet snin kalendarji ta' qabel, l-2017, l-2018 u l-2019. Dak il-valur il-ġdid ta' $M_0$ għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2024;

ġdid

(b) sal-31 ta' Ottubru 2022, iċ-ċifra $M_0$ fil-punti 1 sa 5 tal-Parti B tal-Anness I għandha tiġi aġġustata għall-massa medja fi stat ta' tħaddim ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda fit-tliet snin kalendarji preċedenti l-2019, l-2020 u l-2021. L-$M_0$ il-ġdid għandu japplika fl-2024;

(c) sal-31 ta' Ottubru 2022, it-$TM_0$ indikattiv għall-2025 għandu jiġi determinat bħala l-massa medja tat-test rispettiv għal karozzi ġodda tal-passiġġieri u għal vetturi kummerċjali ħfief ġodda fl-2021;

(d) sal-31 ta' Ottubru 2024 u kull sentejn wara dan, il-figuri$TM_0$ fil-Partijiet A u B tal-Anness I għandhom jiġu aġġustati għall-massa rispettiva medja tat-test tal-karozzi l-ġodda tal-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda fis-sentejn kalendarji preċedenti mill-2022 u l-2023 'il quddiem. It-$TM_0$ rispettiv il-ġdid għandu japplika mill-1 ta' Jannar tas-sena kalendarja wara d-data tal-aġġustament.

443/2009

Dawk il-miżuri għandhom ikollhom effett għall-ewwel darba fl-1 ta' Jannar 2016 u kull tliet snin wara dan.

333/2014 Art. 1.10(a) (adattat)

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti delegati, il-dawkil-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 f'konformità mal-Artikolu 1614a.

MT MT

| 510/2011 |
|---|

*Artikolu ~~13~~14*

**Reviżjoni u Rapport**

| ġdid |
|---|

1. Fl-2024, l-Kummissjoni għandha tressaq rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar kemm hu effikaċi dan ir-Regolament, fejn xieraq, flimkien ma' proposta biex ir-Regolament jiġi emendat. Dan ir-rapport jikkunsidra, inter alia, kemm huma rappreżentattivi tal-użu reali l-valuri tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ u tal-konsum tal-enerġija determinati skont ir-Regolament (UE) 2017/1151, il-mobilizzazzjoni ta' vetturi b'livell ta' emissjonijiet baxxi jew żero fis-suq tal-Unjoni u l-introduzzjoni tal-infrastruttura tal-iċċarġjar u tal-forniment tal-fjuwil irrapurtati skont id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[46].

| 253/2014 Art. 1.5(a) (adattat) |
|---|

~~1. Sal-31 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni għandha tirrivedi l-miri għall-emissjonijiet speċifiċi u l-modalitajiet stabbiliti fih, kif ukoll l-aspetti oħra ta' dan ir-Regolament sabiex tistabbilixxi l-miri għall-emissjonijiet ta' $CO_2$ għal vetturi kummerċjali ħfief ġodda għall-perijodu lil hinn mill-2020. F'dak ir-rigward, il-valutazzjoni tar-rata ta' tnaqqis meħtieġa għandha tikkonforma mal-miri tal-Unjoni fit-tul rigward il-klima u l-implikazzjonijiet għall-iżvilupp ta' teknoloġija kosteffettiva li tnaqqas is-$CO_2$ għall-vetturi kummerċjali ħfief. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bir-riżultat ta' dik l-analiżi. Dak ir-rapport għandu jinkludi kwalunkwe proposta adatta biex dan ir-Regolament jiġi emendat, inkluż l-iffissar, possibbilment, ta' mira realistika u li tista' tinkiseb, ibbażata fuq valutazzjoni komprensiva tal-impatt li ser tikkunsidra l-kompetittività kontinwa tal-industrija tal-vetturi kummerċjali ħfief u l-industriji li jiddipendu minnha. Meta tfassal dawn il-proposti, il-Kummissjoni għandha tiżgura li dawn ikunu kemm jista' jkun newtrali mil-lat tal-kompetizzjoni u li jkunu soċjalment ġusti u sostenibbli.~~

| 510/2011 (adattat) |
|---|

~~2. Il-Kummissjoni għandha, jekk ikun xieraq, tressaq proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-2014, biex tinkludi f'dan ir-Regolament vetturi fil-kateogrija $N_2$ u $M_2$ kif imfisser fl-Anness II tad-Direttiva Nru 2007/46/KE b'massa ta' referenza li ma taqbiżx l-2610 kg u vetturi li l-approvazzjoni tat-tip għalihom tiġi estiża skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 715/2007, bil-għan li l-objettiv fit-tul jintlaħaq mill-2020.~~

~~3. Il-Kummissjoni għandha, sal-2014, wara valutazzjoni tal-impatt, tippubblika rapport dwar id-disponibbiltà tad-data dwar il-footprint u l-piż tat-tagħbija u l-użu tagħhom bħala parametri ta' utilità sabiex jiġu stabbiliti l-miri għall-emissjonijiet speċifiċi u, jekk ikun~~

[46] Id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi (ĠU L 307, 28.10.2014, p. 1)

~~meħtieġ, tibgħat proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jemendaw l-Anness I f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja.~~

~~5. Sal-31 ta' Ottubru 2016, u kull 3 snin wara dan, il-Kummissjoni għandha temenda l-Anness I permezz ta' atti delegati f'konformità mal-Artikoli 15, u soġġett għall-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 16 u 17, biex tiġi aġġustata iċ-ċifra ta' $M_0$, imsemmija hemmhekk, għall-massa medja tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda fit-3 snin kalendarji preċedenti.~~

~~Dawk l-aġġustamenti għandhom isiru effettivi għall-ewwel darba fl-1 ta' Jannar 2018 u kull tliet snin wara dan.~~

~~4. Sal-31 ta' Diċembru 2011 il-Kummissjoni għandha twaqqaf proċedura biex jinkisbu valuri rappreżentattivi tal-emissjonijiet ta' $CO_2$, tal-effiċjenzja tal-karburant u tal-massa ta' vettturi kkompletati filwaqt li tiżgura li l-manifattur tal-vettura ta' bażi jkollu aċċess f'waqtu għall-massa u għall-emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ tal-vettura kkompletata.~~

~~6. Il-Kummissjoni għandha tinkludi vetturi kummerċjali ħfief fir-reviżjoni tal-proċeduri biex jitkejlu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 443/2009.~~

~~Il-Kummissjoni għandha tinkludi l-vetturi kummerċjali ħfief fir-reviżjoni tad-Direttiva 2007/46/KE f'konformità mal-Artikolu 13(4) tar-Regolament (KE) Nru 443/2009.~~

---

| 443/2009 (adattat)<br>ġdid |
|---|

~~3~~2. ~~Mill-2012, t~~Il-Kummissjoni għandha tqis il-valutazzjonijiet imwettqa skont l-Artikolu 12 u tista', fejn xieraq, ~~għandha twettaq valutazzjoni tal-impatt sabiex~~ tirrevedi ~~sal-2014, hekk kif previst fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (KE) Nru 715/2007,~~ il-proċeduri għall-kejl tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ hekk kif stabbilit taħt ~~f'dak~~ ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 . Il-Kummissjoni għandha b'mod partikolari tagħmel proposti xierqa biex tadatta l-proċeduri biex jirriflettu b'mod adegwat ir-rendiment reali tal-emmissjonijiet ~~komportament~~ ta'$CO_2$ tal-karozzi u vetturi kummerċjali ħfief ~~li jinkludu t-teknoloġiji innovattivi approvati kif definit fl-Artikolu 12 li jistgħu jkunu riflessi fiċ-ċiklu tal-ċeżami~~. ~~Il-Kummissjoni għandha tiżgura li sussegwentement dawk il-proċeduri jiġu riveduti b'mod regolari.~~

---

| 443/2009 (adattat) |
|---|

~~4. Sal-2010, il-Kummissjoni għandha tirrivedi d-Direttiva 2007/46/KE sabiex kull tip/varjant/verżjoni ikunu jikkorrispondu għal sett uniku ta' teknoloġiji innovattivi.~~

---

| 333/2014 Art. 1.10(c) (adattat) |
|---|

~~5. Sal-31 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni għandha tirrivedi l-miri għall-emissjonijiet speċifiċi, il-modalitajiet u aspetti oħra ta' dan ir-Regolament, inkluż jekk parametru ta' utilità jkunx għadu meħtieġ u jekk il-massa jew il-marka tal-karbonju hijiex l-aktar parametru ta' utilità sostenibbli, sabiex tistabbilixxi l-miri għall-emissjonijiet ta' $CO_2$ għal karozzi ġodda tal-passiġġieri għall-perijodu ta' wara l-2020. Il-valutazzjoni tar-rata meħtieġa ta' tnaqqis għandha tkun konformi mal-miri tal-Unjoni fit-tul relatati mal-klima u l-implikazzjonijiet~~

għall-iżvilupp ta' teknoloġija kosteffettiva li tnaqqas is-$CO_2$ għall-karozzi. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bir-riżultat ta' dik l-analiżi. Dak ir-rapport għandu jinkludi kwalunkwe proposta li temenda dan ir-Regolament, inkluż l-istabbiliment possibbli ta' mira realistika u li tista' tinkiseb, abbażi ta' valutazzjoni komprensiva tal-impatt li ser tikkunsidra l-kompetittività kontinwa tal-industrija tal-karozzi u l-industriji li jiddipendu minnha. Meta tfassal dawn il-proposti, il-Kummissjoni għandha tiżgura li dawn ikunu kemm jista' jkun newtrali mil-lat tal-kompetizzjoni u li jkunu soċjalment ġusti u sostenibbli.

---

443/2009 (adattat)

6. Sal-2014, u wara stima tal-impatt, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar id-disponibbiltà ta' data tal-footprint u l-użu tagħha bħala parametru tal-utilità biex ikunu stabbiliti miri ta' emissjonijiet speċifiċi u, jekk xieraq, għandha tressaq rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex ikun emendat l-Anness I.

---

333/2014 Art. 1.10(d) (adattat)
ġdid

73. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tiddetermina l-parametri ta' korrelazzjoni meħtieġa sabiex tkun riflessa kwalunkwe bidla fil-proċedura tat-test regolatorju għall-kejl tal-emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ imsemmija fir-Regolament (KE) Nru 715/2007 u r-Regolament (KE) Nru 692/2008 u, fejn applikabbli, fir-Regolament (UE) 2017/1151. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 1415(2) ta' dan ir-Regolament.

Il-Kummissjoni hija b'dan mogħtija s-setgħa biex tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 14a 16 sabiex tadatta l-formoli li jinsabu fl-Anness I, billi tuża l-metodoloġija adottata skont l-ewwel subparagrafu, filwaqt li tiżgura li r-rekwiżiti għat-tnaqqis ta' restrizzjoni komparabbli għall-manifatturi u vetturi ta' utilità differenti jkunu meħtieġa taħt il-proċeduri tat-test il-qodma u l-ġodda.

---

253/2014 Art. 1.5(b)

Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddetermina l-parametri ta' korrelazzjoni meħtieġa sabiex kwalunkwe bidla tiġi riflessa fil-proċedura regolatorja tal-ittestjar għall-kejl ta' emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ imsemmija fir-Regolament (KE) Nru 715/2007 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008[47]. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(2) ta' dan ir-Regolament.

Is-setgħa għall-adozzjoni ta' atti delegati tingħata lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 15, u soġġett għall-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 16 u 17 biex tadatta l-formoli stabbiliti fl-Anness I permezz tal-użu tal-metodoloġija adottata skont l-ewwel subparagrafu, filwaqt li tiżgura li, taħt il-proċedura tal-ittestjar ġdida u dik preċedenti, ikunu meħtieġa rekwiżiti ta' tnaqqis b'restrizzjonijiet komparabbli għall-manifatturi u vetturi ta' utilitajiet differenti.

---

[47] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 tal-18 ta' Lulju 2008 li jimplimenta u jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward ta' l-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura (ĠU L 199, 28.7.2008, p. 1).

333/2014 Art. 1.11 (adattat)
ġdid

*Artikolu 1514*

**Proċedura tal-kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima tal-Unjoni tal-Enerġija stabbilit bl-[Artikolu 937] tad-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE [Regolament (UE) […]] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.[48] [49]. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[50].

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Meta l-kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

---

510/2011 (adattat)

*Artikolu 14*

**Proċedura tal-kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat dwar il-Bdil tal-Klima stabbilit bl-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li tikkonċerna l-mekkaniżmu għall-moniteraġġ l-emissjonijiet ta' gass serra tal-Komunità u biex jiġi implimentat il-Protokoll ta' Kyoto[51]. Dak il-kumitat huwa kumitat fit-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

---

253/2014 Art. 1.6 (adattat)

2a. Fejn il-Kumitat imsemmi fil-paragrafu 1 ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz ta' att ta' implimentazzjoni u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

---

48 Id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li tikkonċerna l-mekkaniżmu għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Komunità u biex jiġi implimentat il-Protokoll ta' Kyoto (ĠU L 49, 19.2.2004, p. 1).

49 Ir-Regolament (UE) Nru […/...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija (ĠU L ...,...).

50 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

51 ĠU L 49, 19.2.2004, p. 1.

333/2014 Art. 1.12 (adattat)
ġdid

*Artikolu 14a16*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu

21. Il-Kummissjoni hija b'dan mogħtija s-setgħa biex tadotta atti delegati msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(7)8(9), l-Artikolu 10(8)11, ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 11(1), it-tielet subparagrafu tal- Artikolu 13(2) u tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 14(3)13(7) għal perjodu ta' ħames snin mit-8 ta' April 2014 għal perjodu ta' żmien indefinit minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] . Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

32. Id-delega tas-setgħa msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(7)8(9), l-Artikolu 10(8)11, ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 11(1), it-tielet subparagrafu tal- Artikolu 13(2) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 14(3)13(7) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar 'il quddiem speċifikata fiha. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati diġà fis-seħħ.

43. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

54. Att delegat adottat skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(7)8(9), l-Artikolu 10(8)11, ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 11(1) , it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 13(2) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 14(3)13(7) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn ta' notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

510/2011 (adattat)

1. Is-setgħa biex jiġu adottati l-atti delegati msemmijin fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(9), fl-Artikolu 11(7), fl-Artikolu 13(5) u fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 13(6), għandhom jingħataw lill-Kummissjoni għal perijodu ta' 5 snin minn 3 ta' Ġunju 2011. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tas-setgħa delegata mhux aktar tard minn 6 xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' 5 snin. Id-delega tas-setgħat għandha tiġġedded awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jirrevokahiex f'konformità mal-Artikolu 16.

~~2. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.~~

~~3. Is-setgħa għall-adozzjoni ta' atti delegati tingħata lill-Kummissjoni soġġett għall-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 16 u 17.~~

*~~Artikolu 16~~*

**~~Revoka tad-delega~~**

~~1. Id-delega tas-setgħa msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(9), fl-Artikolu 11(7), fl-Artikolu 13(5) u fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 13(6) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe żmien mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.~~

~~2. L-istituzzjoni li tkun bdiet proċedura interna sabiex tiddeċiedi jekk tirrevokax delega tas-setgħa għandha tagħmel ħilitha biex tgħarraf lill-istituzzjoni l-oħra u lill-Kummissjoni fi żmien raġonevoli qabel ma tittieħed id-deċiżjoni finali, u tindika s-setgħa delegata li tista' tkun suġġetta għal revoka u r-raġunijiet possibbli għal revoka.~~

~~3. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delegar tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tieħu effett minnufih jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ. Għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.~~

*~~Artikolu 17~~*

**~~Oġġezzjonijiet għal atti delegati~~**

~~1. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħa' joġġezzjona għal att delegat f'perijodu ta' xahrejn mid-data tan-notifika.~~

~~Fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn.~~

~~2. Jekk, kif jintemm il-perijodu msemmi fil-paragrafu 1, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għall-att delegat, l-att għandu jiġi pubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandu jidħol fis-seħħ fid-data ddikjarata fih.~~

~~L-att delegat jista' jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jidħol fis-seħħ qabel l-iskadenza ta' dak il-perijodu jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn għarrfu lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li ma jressqux oġġezzjonijiet.~~

~~3. Jekk jew il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għall-att delegat fil-perijodu msemmi fil-paragrafu 1, dan m'għandux jidħol fis-seħħ. L-istituzzjoni li tesprimi oġġezzjonijiet għall-att delegat għandha tispjega r-raġunijiet għall-oġġezzjoni.~~

---

| ġdid |
|---|

*Artikolu 17*

**Emendi għar-Regolament (KE) Nru 715/2007**

L-Artikolu 11a li ġej għandu jiddaħħal fir-Regolament (KE) Nru 715/2007:

"*Artikolu 11a*

**Konformità fis-servizz tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ u tal-konsum tal-fjuwil**

1. Soġġett għall-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tal-proċeduri msemmija fil-paragrafu 2, l-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip għandhom, abbażi ta' kampjuni xierqa u rappreżentattivi, jivverifikaw li l-vetturi li jkunu ddaħħlu fis-servizz u li jkunu tawhom approvazzjoni tat-tip ikunu jikkonformaw mal-valuri tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ u tal-konsum tal-fjuwil irreġistrati fiċ-ċertifikati tal-konformità.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 15 biex tiddetermina l-proċedura għall-verifika tal-konformità fis-servizz tal-vetturi ħfief fir-rigward tal-valuri ċertifikati tas-$CO_2$ u tal-konsum tal-fjuwil."

---

| 443/2009 (adattat) |
|---|

*Artikolu ~~15~~18*

**Tħassir**

~~Id-Deċiżjoni Nru 1753/2000/KE hija b'dan imħassra b'effett mill-1 ta' Jannar 2010.~~

~~Madankollu, l-Artikoli 4, 9 u 10 ta' dik id-Deċiżjoni għandhom jibqgħu japplikaw sa meta l-Kummissjoni tkun ressqet quddiem il-Parlament Ewropew rapport dwar id-data ta' monitoraġġ għas-sena kalendarja 2009.~~

---

| ġdid |
|---|

Ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011 jitħassru b'effett mill-1 ta' Jannar 2020.

Ir-referenzi għar-Regolamenti mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw b'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness V.

---

| 443/2009 (adattat)<br>ġdid |
|---|

*Artikolu ~~16~~19*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ ~~fit-tielet~~ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

**DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦAL PROPOSTI LI GĦANDHOM IMPATT BAĠITARJU ESKLUSSIVAMENT LIMITAT GĦALL-INTROJTU**

## 1. ISEM TAL-PROPOSTA:

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi standards ta’ rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda bħala parti mill-approċċ integrat tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ minn vetturi ħfief (riformulazzjoni).

## 2. LINJI BAĠITARJI:

Kapitolu u Artikolu: Kapitolu tal-Baġit 71 — Multi u Penali, Partita 7 1 9 1 — Pagamenti ta' multi u penali oħrajn mhux assenjati

Ammont ibbaġitjat għas-sena konċernata: p.m. (ara t-taqsima 5)

## 3. IMPATT FINANZJARJU

☐ Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja

☑ Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq in-nefqa iżda għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul – l-effett huwa kif ġej:

(f’miljuni ta’ EUR sa ċifra waħda wara l-punt deċimali)

| | |
|---|---|
| Linja baġitarja | Dħul[52] |
| Kapitolu tal-Baġit 71 — Multi u Penali, Partita 7 1 9 1 — Pagamenti ta' multi u penali oħrajn mhux assenjati | p.m.<br>(ara t-taqsima 5) |

## 4. MIŻURI KONTRA L-FRODI

Minbarra l-applikazzjoni tar-Regolament Finanzjarju għall-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet, bħala parti mill-proċedura ta’ monitoraġġ u ta’ rappurtar annwali, se jsiru kontrolli tal-kwalità u verifiki tad-data ppreżentata.

[52] Għar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji agrikoli, l-imposti fuq iz-zokkor, id-dazji doganali), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri l-ammonti grossi wara li minnhom jitnaqqsu 20 % mill-kostijiet tal-ġbir

## 5. KUMMENTI OĦRAJN

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-proposta, il-Kummissjoni għandha timponi primjum għal emissjonijiet eċċessivi fuq il-manifattur, jew fil-każ ta' konsorzju, l-amministratur tal-konsorzju jekk l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$ ta' manifattur jeċċedu l-mira tal-emissjonijiet speċifiċi tiegħu. Din il-proċedura hija konformi mal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 443/2009[53] u mal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) Nru 510/2011[54], attwalment fis-seħħ u li se jiġu integrati flimkien u sostitwiti mil-leġiżlazzjoni l-ġdida. Il-metodi għall-ġbir tal-primjums għal emissjonijiet eċċessivi huma stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/100/UE[55] u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/99/UE[56].

Peress li d-dħul jokkorri biss jekk manifattur jeċċedi l-mira tal-emissjonijiet speċifiċi tiegħu, mhux possibbli li jiġi antiċipat jekk huwiex se jkun hemm dħul u, jekk ikun hemm, li jiġi ddeterminat l-ammont tiegħu.

---

53 http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:02009R0443-20150127
54 http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:02011R0510-20140514
55 http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1508754149851&uri=CELEX:32012D0100
56 http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1508754231760&uri=CELEX:32012D0099